# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Diċembru 2010 * LEĦEN L-G XIN GĦAL 65 SENA * Nru. 923

## Gawdi Milied Veru f'Għawdex

Din ir-rivista giet moghtija minn
ANNA M. VELLA
1 – 1 – 11
GAD 150461



# JCR Ltd.®

Manufacturers and importers for the building industry




## Some of the options you have when using our products


Additives for strength, waterproofing etc...


Materials for floor-finishing and bricks


Tools and Accessories

Triq in-Negozju, Mriehel Ind. Est., Birkirkara - Malta.
Tel. 2144 2466/7, Fax: 2144 3303
E-Mail: malta@jcrltd.com

Brick Factory, Gruwa Str., Xewkija, Gozo.
Tel/Fax: 2155 6722 / 2155 9369
E-Mail: gozo@jcrltd.com

Website: www.jcrltd.com

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 923***
***Diċembru 2010***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail*: gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 5
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Dwar Għawdex fil-Ġurnali • 15
Ftit Fatti u Kummenti • 17
Kummentarju (2) • 19
Meditazzjoni Biblika • 20
Kotba minn Għawdex • 22
Letteratura Għawdxija • 24
Cover Picture Story • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Tieqa fuq l-Ambjent (23) • 28
Snajja Qodma (35) • 30
Kultura Nisranija • 32
Anniversarji: 100 sena APS • 35
Għext fil-Mandraġġ (3) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (30) • 40
Għawdex 300 sena ilu (188) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (24) • 43
L-Għoljiet ta' Għawdex (10) • 44
Werrej Ġenerali 2010 • 45

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Richard Grech, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Il-Milied 2010 f'Għawdex. Kull parroċċa għandha x'toffri. Collage ta' DAS (ara paġna 25).*




# *"Ċittadini ta' Betlem"*

*Min jaf għadx jasal żmien meta, f'dawn Malta u Għawdex tagħna, ikun hawn min jgħid: "F'kollox iridu jdeffsu r-reliġjon; imqar fil-Milied!" Jista' jkun li din hi eżaġerazzjoni. Li hu żgur hu li l mewġa biex twassalna s'hemm qiegħda, u ilha, tipprova tavanza u tixtered. Kienet tipprova taħkimna b'mod makakk – meta konna nirċievu l-kartolina tal-Milied bil-kelma "Christ" ingassata b'ittra qisha mqass, biex tixtieqilna* "Happy Xmas"*!!*

***Iżda llum, l-ateiżmu modern, min-naħa l-waħda ma jinħebiex wara sebgħu imma bi sfida juri wiċċu, u min-naħa l-oħra jinqeda fin fin bid-demokrazija biex iwarrab mis-soċjetà s-sinjali tal-Milied u jbattal din il-festa għażiża għalina mis-sinifikat spiritwali tagħha.***

*Għaldaqstant il-forzi mqanqla bil-għan li jherru l-valuri nsara saru aktar qawwija u għandhom strateġija li biha, aktar minn qatt qabel, jistgħu jirnexxu. Għax jekk fis-sekli li għaddew ir-rivoluzzjoni Franċiża warrbet lil Alla biex tagħmel alla mir-"ruġuni" sa ma l-għajta glorjuża tagħha ta' "libertà, ugwaljanza u fraternità" bdiet tfisser "kun ħija inkella noqtlok", u jekk l-ideoloġija komunista għamlet alla mill-"istat" li kien lest inixxef miljuni miċ-ċittadini tiegħu, illum is-sekulariżmu għamel alla mill- "pjaċir" li jissodisfa u jaljena, għalkemm f'għatx dejjem jiżdied.*

***It-tmermir tal-essenza spiritwali tal-Milied huwa wieħed, fost oħrajn, mill-effetti tat-tzunami tas-sekulariżmu fi żminijietna. Effett ieħor, per eżempju, huwa t-tkissir tal-familja. Il-Milied u l-familja huma żewġ bastjuni tradizzjonali li llum qegħdin igarrbu assedju.***

*Fil-kultura nisranija, il-Milied u l-familja ghandhom rabta intima bejniethom. It-Taljani jesprimuha* "Natale con i tuoi"*. Min f'għomru kellu, bħal ħafna minna, l-opportunità li jgawdi l-Milied fis-serenità u l-armonija tal-familja jaf, per esperjenza, li darba fis-sena jkun iħossu b'mod speċjali "ċittadin ta' Betlem" fejn elfejn sena ilu nstemgħet l-għanja smewwija "il-paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba." Il-paċi tal-Milied mhiex fit-tbaħrid tal-*parties *u l-infieq tal-*business*, iżda tinsab fir-rieda tajba u fil-konvinzjoni li Alla tabilħaqq daħal fl-istorja tal-bniedem u ġie jgħammar fostna.*

***Fil-familja, il-Milied huwa mument qawwi ta' evanġelizzazzjoni. Madankollu, minkejja li l-Knisja titħabat bla heda biex fl-evanġelizzazzjoni jkollha sehem sħiħ "il-knisja tad-dar", forzi qawwija fis-soċjetà jikkoperaw flimkien fi "kruċjati", żgħar u kbar, sabiex lill-familja jfarrkuha. Huma forzi assurdi li jriduna nqiegħdu t-tama tagħna fix-xejxi tax-xalar u l-hena tagħna fil-qara ħamra tal-haloween.***

*Iżda minkejja l-ostakli kollha, l-ispirtu awtentiku tal-Milied fil-familji tagħna għad għandu l-grazzja sabiex ikun waqt speċjali ta' evanġelizzazzjoni reċiproka bejn iż-żgħar u l-kbar – iż-żgħar bl-innoċenza tagħhom u l-kbar bit-tama hienja fil-misteru tal-Inkarnazzjoni. Għaliex huma l-hena u l-innoċenza ż-żewġ karatteristiċi li jistgħu jagħtu lilna, ilkoll kemm aħna matul is-sena kollha, iċ-ċittadinanza ta' Betlem.*

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

*www.gozodiocese.org*

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



**minn Charles Spiteri**



*Patri Franco Fenech, Kapuċċin, mill-Marsa, jidher jagħti l-esperjenza tal-għixien tiegħu bħala Kappillan fil-faċilità korrettiva ta' Kordin*

### *Ċelebrazzjoni tal-Festa ta' Kristu Sultan fid-Djoċesi ta' Għawdex*

Nhar il-Ħadd 21 ta' Novembru, fid-Djoċesi ta' Għawdex ġiet iċċelebrata l-festa ta' Kristu Sultan bit-tema magħżula, "Bil-ġrieħi tiegħU ksibna l-fejqan tagħna" (Iżaija 53,5) u dan fil-kuntest ta' din is-sena pastorali li fiha l-Knisja f'Għawdex qed tirrifletti fuq is-"Sagrament tal-Qrar, għajn ta' Fejqan".

Il-programm beda minn quddiem il-knisja ta' San Franġisk f'Victoria fejn Mons Isqof għamel it-talb tal-bidu li kien segwit b'korteo bix-xbieha ta' Kristu Msallab. Il-ġemgħa miġbura mxiet f'mixja ta' talb lejn il-pjazza ta' quddiem l-Isptar Ġenerali.

Mal-wasla tal-korteo f'dan il-post sar ġest simboliku mit-tfal li din is-sena ser jirċievu għall-ewwel darba s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, saret l-inċensazzjoni



*Ġest simboliku: It-tfal tal-ewwel qrara ipoġġu fjura ħamra quddiem is-salib.*

tal-Kurċifiss minn Mons Isqof segwita b'qari mill-kelma ta' Alla u esperjenza ta' fejqan fil-ħidma ministerjali tas-saċerdot li ingħatat minn Patri Franco Fenech, Kapuċċin u esperjenza ta'fejqan fil-ħajja ta' koppja miżżewġa. L-Isqof Mario Grech tkellem dwar kif is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni hu mezz effikaċi ta' fejqan għalmin, f'soċjetà diżordinata, qiegħed ifittex il-paċi tal-qalb.

Ħa sehem ukoll il-Kor Djoċesan taħt id-direzzjoni ta' Dorienne Portelli bl-għajnuna ta' Richard Grech minn fuq il-*keyboard.*

### *Maħtur Isqof Koadjutur ta' Juticalpa, Olancho, Ħonduras*



Nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru 2010, il-Qdusija tiegħu l-Papa Beneditti XVI innomina lil Patri Joe Bonello OFM (Provinċja Franġiskana San Pawl Appostlu - Malta) bħala Isqof Koadjutur tad-djoċesi ta' Juticalpa, Olancho, fil-Ħonduras.

Patri Joe Bonello OFM twieled ix-Xagħra, Għawdex, nhar l-4 t'April 1961, it-tielet minn erbat itfal tal-mejtin Vitor u Nazzarena Sultana.

Joe beda n-Novizzjat tiegħu mal-Patrijiet Franġiskani (OFM) fil-Kunvent ta' Sant'Antnin, Għajnsielem, nhar it-2 t'Ottubru 1977. Għamel il-professjoni temporanja nhar l-1 t'Ottubru 1978 u dik sollenni nhar it-28 t'Awwissu 1983 fil-knisja ddedikata lil Marija Bambina, ix-Xagħra. Wara li ġie ordnat Djaknu nhar id-29 ta' Ġunju 1984 huwa kien ordnat saċerdot mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca nhar is-7 ta' Lulju 1985 fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

Immedjatament wara l-ordinazzjoni saċerdotali wettaq il-ministeru tiegħu bħala Promotur Provinċjali tal-Vokazzjonijiet u Mastru tal-Postulanti. F'dan iż-żmien ukoll kien Definitur Provinċjali tal-Provinċja Franġiskana Maltija San Pawl Appostlu.

Minn Settembru 1989 huwa qeda l-ministeru tiegħu bħala missjunarju fl-Amerika Ċentrali, fil-parroċċa ta' Santa Ana de La Libertad fid-Djoċesi ta' Comayagua. Sar kappillan ta' din il-parroċċa wara tliet snin bħala viċi. Fid-Djoċesi ta' Juticalpa fejn ġie maħtur bħala Isqof Koadjutur, hemm ukoll Patri Albert Gauci OFM mill-Għargħur.

Patri Joe iddedika l-ħajja saċerdotali tiegħu għall-qadi tal-fidili fil-mixja tal-fidi tagħhom. Ħadem bla heda, b'mod sempliċi u konkret, b'risq id-dinjità tal-bniedem billi kien jippromwovi l edukazzjoni, l-arti u l-formazzjoni fil-qasam tax-xogħol għaliex dejjem emmen u ħadem sabiex is-soċjetà tkun aktar umana u b'hekk tkun tista' ssir aktar nisranija.

Għażel bħala motto tiegħu l-frażi "*Patientia Omnia Potest*" (Is-sabar jista' kollox), għaliex il-ħajja tgħallem li s-sabar huwa l-ogħla virtù biex twettaq il-ġid u tittama li tkun aħjar: "*Xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim*" (2Tim 4,2).

*Nota mill-Isqfijiet:*

# Il-Presepju fil-Familji Tagħna

## (Ittra Pastorali tal-Avvent 2010)





**Fil-Milied aħna bħala Nsara nifirħu bil-miġja tal-Iben ta' Alla fostna meta sar bniedem. Dan aħna nagħrfuh fit-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.**

Iżda aħna wkoll nistagħġbu meta naraw b'liema mħabba Alla l-Missier ħejja l-miġja ta' Ibnu fostna. Ħejja lil Ommu Marija u lil Missieru putattiv Ġużeppi biex l-għerusija u ż-żwieġ tagħhom jgħaqqduhom mat-twelid ta' tarbija li Alla l-Imbierek kien se jibagħtilhom: it-tarbija kienet fil-qofol tal-ħajja miżżewġa tagħhom. F'dawn il-ġranet kull Nisrani jirrifletti fuq ix-xena ħelwa tat-tarbija mdawra mill-ġenituri t-tnejn tagħha. U din id-dehra tant tferraħna li aħna fid-djar tagħna narmaw il-presepju biex jgħinna nifirħu. Aħna naraw b'liema għożża Marija u Ġużeppi rabbew lil Ġesù fl-episodju tal-ħarba fl-Eġittu meta t-tarbija tagħhom kienet mhedda (Mt 2, 13-15) kif ukoll fl-inkwiet tagħhom meta tilfu lil Ġesù fit-Tempju (Lq 2,41-52).

**Għeżież, għalina li nemmnu, ir-riflessjoni fuq Sidna Ġesù Kristu qatt ma nistgħu nifirduha minn riflessjoni fuqna l-bnedmin. F'dan l-Avvent li jwassal għall-Milied, aħna nixtiequ nirriflettu lkoll fuq din ir-riflessjoni: "Possibbli li Alla l-Missier jixtieq inqas minn dan għal kull tarbija li titwieled fid-dinja?"**

### *It-Twelid ta' Tarbija fostna*

Niżżu ħajr lil Alla li ħafna trabi jitwieldu u jitrabbew f'atmosfera li tirrifletti t-Twelid ta' Ġesù. Iżda xi drabi – u anki tarbija waħda hija diġà ħafna - din il-viżjoni fis-soċjetà tagħna hija mtappna. It-twelid ikun imdawwar biss mill-omm, bit-tbatija li dan kollu jġib wara fit-trobbija tagħhom. F'kull separazzjoni, it-tfal minflok ma' jintelqu biex igawdu l-imħabba kontinwa tal-ġenituri, jkollhom jagħmlu għażliet kif se jġibu ruħhom mal-ġenituri tagħhom biex ma jweġġgħux wisq emozzjonalment. In-Nisrani qatt ma jieħu dan bħala kundanna għall-persuni, iżda bħala sfida fl-imħabba biex nagħtu s-sehem tagħna ħalli ntejbu s-soċjetà għall-ilqugħ tat-tfal tagħna. Irridu nagħmlu iktar biex dan il-presepju – ta' tarbija mdawra minn omm u missier - ma jkunx mittiefes fostna l-bnedmin, ma' kull tarbija!

Kultant il-Knisja Kattolika u aħna l-Kattoliċi niġu kkritikati li aħna idealisti għaliex ma nibdewx mid-dinja ta' madwarna u naċċettawha kif inhi u mbagħad naraw biss kif intaffu xi ftit id-dannu. Dan fi żmienna qiegħed isir fl-isfera tal-familja, b'mod speċjali fl-isfera tal-liġijiet. U f'dan kollu nafu li l-iktar li jbatu f'dan kollu huma t-tfal.

**Il-qofol tal-ħsieb ta' dawk li jemmnu verament fi Kristu huwa proprju li jżommu f'qalbhom dejjem il-qofol tat-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu: li jħobb lill-bnedmin li qegħdin jgħixu f'din ir-realtà u jaħdem biex ibiddilha għall-ġid tal-bniedem stess. Fl-aħħar Nota Pastorali tagħna, aħna għedna: "Hija l-attitudni tagħna li trid tinbidel, mhux iż-żwieġ". Il-Milied huwa mument meta kull wieħed u waħda minna, u lkoll flimkien, nagħmlu l-għażla: irridu nibdew minn din ir-riflessjoni ħelwa tal-Presepju, ngħixuh aħna fil-familji tagħna, u mbagħad nibdew inxerrdu din il-viżjoni biex nagħmlu soċjetà li tkun iktar għas-servizz tal-bniedem, f'dan il-każ, tat-tarbija u tat-tfal.**

**Qegħdin nagħmlu din ir-riflessjoni għaliex nifirħu li nisimgħu kemm-il darba li aħna għandna nqiegħdu lit-tfal fil-qofol tar-riflessjoni tagħna, iżda nistgħu ngħidu li mhux dejjem il-proposti ta' leġiżlazzjoni jew l-atmosfera tas-soċjetà tagħna, qegħdin jirriflettu dan il-ħsieb fil-kuntest Kristjan, jew ta' ġid għat-tfal stess.**



### *Il-Progress tax-Xjenza*

Ħafna drabi, il-progress tax-xjenza huwa ta' ġid għall-bniedem għaliex iġiblu possibbiltajiet ġodda, u jiftaħlu orizzonti ġodda fuq dak li kapaċi jagħmel. Illum naraw is-sbuħija tax-xjenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċina u mat-teknoloġija tal-informatika.

Iżda mhux dejjem nindunaw mill-ewwel fl-eċċitament tal-mument tal-iskoperta, biex napplikawha għall-bniedem u għall-prinċipji bażiċi tiegħu. Dawn jgħallmu li hemm bżonn jibqa' rispett għal dak li hemm fil-bażi tal-Ħolqien, jew tan-Natura, u nibdew minnu, inkella jista' jirriżulta għad-dannu tal-bniedem stess.

L-iktar eżempju kbir li għandna huwa fl-ambjent. Il-bniedem bil-mezzi moderni li għandu f'idejh għandu ħafna iktar qawwa li jiddomina n-natura. Tul għexieren ta' snin, indunajna li ma rrispettajniex biżżejjed in-natura u skoprejna li qegħdin infixklu n-natura fil-globalità tagħha. Fid-dawl ta' din il-qawwa kbira abbużajna min-natura u

issa qegħdin naraw kif nerġgħu nibdew mir-rispett tal-ambjent! L-interessi egoistiċi tal-bnedmin mexxew huma b'dannu għall-ħolqien u għall-bniedem stess.

Waħda mill-iżvantaġġi li jiġu mill-fatt li aħna pajjiż żgħir huwa proprju għaliex il-vantaġġi mill-iskoperti jiġu daqsxejn iktar tard għandna. Iżda waħda mill-vantaġġi hija li għal dan il-fatt stess inkunu nistgħu naraw xi jkun ġara f'pajjiżi oħra u nistgħu nitgħallmu minnhom.

**F'din l-Ittra Pastorali xtaqna naqsmu magħkom din ir-realtà dwar dak li għandu x'jaqsam mal-isfera tat-tfal fil-familja.**

*L-Ambjent għat-Tfal*

Waħda mill-isfidi tal-bniedem illum hija proprju l-bniedem stess. Dan kollu ġara għaliex l-interess personali ħa l-post ta' valuri oħrajn. Dan qiegħed jiġri llum ukoll meta u jekk inħallu interessi oħrajn jieħdu l-post tal-interessi tat-tfal tagħna. Kull tarbija għandha titqies bħala valur u don fiha nfisha, iktar u iktar meta nikkunsidraw li hija don ta' Alla.

**Alla l-Imbierek jistenna li bħalma Ġużeppi u Marija ħejjew qalbhom u moħħhom, u l-ħajja flimkien biex jilqgħu lill-Mulej Ġesù, hekk ukoll jistenna li l-ħidma prinċipali tal-koppja Nisranija ma tkunx biss l-att fiżiku li permezz tiegħu titwieled tarbija, iżda t-tħejjija spiritwali tagħhom fl-imħabba dejjiema biex permezz tagħha kull tarbija mhux biss titwieled iżda tikber imħaddna mill-imħabba tal-ġenituri.**

**Għalhekk aħna ngħallmu li l-edukazzjoni sesswali trid tibda minn dak li hu uman fostna – l-imħabba tal-koppja, u r-rispett lejn xulxin – li mbagħad tinfirex fuq l-aspett fiżiku tas-sesswalità b'dak l-aspett tant sabiħ tal-ferħ u l-pjaċir, li jressaq lill-koppja lejn xulxin. U dan ikun il-qafas proprju fejn il-Mulej jista' jibgħat tarbija u jaf li se tkun milqugħa bl-imħabba li jkun hemm f'dak l-att sesswali.**

Ma nkunux qegħdin naħsbu fit-trabi li jitwieldu jew it-tfal li qegħdin jitrabbew jekk nafdaw biss fuq edukazzjoni sesswali mingħajr ma nirreferuha għall-konsegwenzi marbutin intimament magħha. Irridu niftħu għajnejn iż-żgħażagħ tagħna għas-sbuħija ta' dan il-pjan sħiħ.

*It-Teknoloġija fit-Tnissil*

Anki fostna daħlet it-teknoloġija fit-tnissil tat-trabi. Anki hawn jista' jkun hemm firda bejn il-possibbiltajiet tat-teknoloġija u dak li hu verament ta' ġid għat-tarbija fil-ġuf u għat-tarbija li tista' titwieled effett ta' din it-teknoloġija. Faċli li nibdlu ċ-ċentralità tat-tarbija għax-xewqat biss tal-kbar. Hawn nixtieqe nsemmu biss l-aspetti l-iktar ċari tal-konsegwenzi fuq it-tfal u mhux fuq l-aspett morali.

**Irridu naraw mhux biss ix-xewqa għal tarbija li hija xewqa qaddisa, iżda ladarba dan qiegħed f'idejna, fit-teknoloġija, irridu naraw ukoll jekk hemmx xi drittijiet tat-tarbija fil-ġuf jew tat-tifel jew tifla li qiegħed jiġi mittiefes. Id-drittijiet u l-*well-being* tagħha huwa dritt ikbar minn ta' kull persuna oħra u ma nistgħu qatt nissuġġettawh għalih. Fid-dinja tagħna, qatt ma noħolmu li nissoġġettaw l-ebda bniedem magħmul għax-xewqat ta' persuni oħra b'dannu għall-persuna nfisha. Għalina l-Insara kull dritt li nagħtu lill-persuna adulta jrid ikun - għallinqas - mogħtija lil kull tarbija fil-ġuf jew lit-tifel jew tifla.**

Dan l-aħħar saru xi suġġerimenti fuq din it-teknoloġija. Kif nistgħu nkomplu ngħidu li t-tfal huma fiċ-ċentru tal-ħajja soċjali tagħna, jekk naċċettaw li niffriżaw l-embrijuni li f'pajjiżi oħra rriżulta fil-qerda ta' dawn l-embrijuni? Kif nistgħu ma noffrux lil kull tarbija li titwieled permezz ta' din it-teknoloġija atmosfera ta' koppji li kkommettew lilhom infushom għal trobbija stabbli fi żwieġ stabbli? U dawk l-embrijuni, u dawk it-tfal, mhumiex ukoll 'tagħna'?

*Konklużjoni*

Is-soċjetà moderna ppruvat tifred dawn il-valuri kollha minn xulxin. Ir-riżultat dejjem jispiċċa fit-trabi u t-tfal; it-tarbija: il-qtil tat-trabi fil-ġuf fl-abort; il-problema demografika fin-nuqqas ta' numru ta' tfal li jitwieldu; it-tbatija tat- tfal li mhux imdawrin mill-imħabba taż-żewġ ġenituri. Dan kollu jurina li anki fin-natura, il-Presepju huwa sħiħ.

**Aħna qegħdin insejħu lil dawk li għażlu li jiġu ispirati minn Ġesù, biex f'dan il Milied, jgħaqqdu l-ferħ spiritwali tat-twelid ta' Ġesù – fil-quddiesa ta' nofsillejl, fil-presepju u fil-Bambin li narmaw id-dar - mal-ferħ ta' kull tarbija li titwieled u tat-tfal fostna, u nagħtu s-sehem tagħna biex dan iseħħ fil-familja tagħna u madwarna.**

Nagħtukom il-Barka Pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-Sema.

*Illum, 18 ta' Novembru, 2010*
*Tifkira tad-dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Pietru u ta' San Pawl*

| | |
|---|---|
| † PAWL CREMONA O.P.<br>Arċisqof ta' Malta | † MARIO GRECH<br>Isqof ta' Għawdex |



*Kummentarju (1)*

# *Il-Milied!... anzi għadhom ma bidlulux ismu!*



*kitba ta'* **JOE RAPA**

**Qatt smajt bil-kelma "Winterval"? Qegħda tikber l-idea fis-soċjetà post-Nisranija Ngliża, li trid tinsa l-għeruq Insara tagħha, li din il-kelma stramba, ġdida, tieħu post il-kelma "Christmas". Kull ħaġa li tfakkar fil-Kristjaneżmu għandha tiġi mwarrba mill-ħajja tas-soċjetà. L-Insara għandhom il-knejjes tagħhom fejn jiltaqgħu. Minn bieb il-knisja 'l barra m'hemmx lok għax-xhieda Nisranija għax indejqu lil dawk li m'humiex Insara. Indejqu lill-Misilmin, per eżempju, u l-Misilmin ħadd ma jrid idejjaqhom, mhux hekk, għax dawn jaslu...**

Il-kelma "Winterval", li tfisser "Festa tax-Xitwa", hi sintomu, li warajh hemm soċjetà assedjata minn midja anti-Kristjana, u mmexxija minn klassi politika li ilha li tilfet il-valuri ta' mexxejja kbar li fl-imgħoddi ma stħawx juru twemminhom. Dan mhux fl-Ingilterra biss imma f'parti kbira mill-Ewropa. Il-kultura progressiva u liberalista ilha li rremettiet it-twemmin Nisrani u l-Ewropa llum hi pajjiż tal-missjoni għall-Knejjes Insara. Il-kultura dominanti fil-kontinent tagħna tiżżufjetta bil-valuri reliġjużi u tasal biss biex tittollerahom bħala parti mid-drittijiet tal-bniedem li jemmen li jrid. Imma allaħares jagħmel pubbliku t-twemmin tiegħu, speċjalment jekk ikun twemmin Nisrani għax il-qilla tal-midja u l-opinjoni pubblika tgħaffġu. Huwa tassew Nisrani kuraġġuż li jipprova jixhed għal Kristu f'dan l-ambjent

**Ġej il-Milied, li hu l-iktar festa maħbuba għalina għax hi festa li timpressjona qatigħ lit-tfal, u lilna l-kbar għandha s-seħer li terġa' tagħmilna nħossu**



**ruħna tfal mill-ġdid. Hu iktar faċli titbissem, trattab qalbek, tkun ġeneruż, taħfer f'dan iż-żmien, għax appuntu nħossuna tfal mill-ġdid u l-Mulej qal, li min ma jsirx bħat-tfal iż-żgħar ma jiritx is-Saltna tas-Sema.** Għall-grazzja t'Alla f'pajjiżna, li naturalment huwa lura, injorant, antikwat u medjevali, ħadd għadu ma ħareġ bl-idea li nbidlulha isimha din il-festa! Forsi meta nagħmlu iktar progress, niftħu iktar moħħna, naqtgħu l-ktajjen tal-imgħoddi u nidħlu sa fl-aħħar fis-seklu wieħed u għoxrin, iqum xi 'kiesaħ' li jipproponi xi isem pagan.

**Il-meravilja tiegħi hi kif ma nindunawx li meta nippruvaw nikkuppjaw lill-barrani, nkunu qed nikxfu realtà kolonjalista li timmaġina li dak li jiġri barra minn xtutna bil-fors hu aħjar minn dak li għandna aħna. Ħafna minn dawk li jaħsbu li huma bravi u moħħhom miftuħ, għandhom din il-mentalità: għira u lagħaqiżmu għal dak kollu li hu barrani; mistħija bil-valuri li rċivejna minn ta' qabilna. Żid ma' din il-mentalità il-fenomenu tal-globalizzazzjoni u bilfors li s-soċjetà tagħna ssib ruħha togħdos f'tagħsida prima.**

Il-Milied hu vetrina ta' dan kollu. Niftakar is-seħer tal-pasturi tat-tafal, xejn sbieħ, anzi xi wħud koroh u mbenġlin minn kullimkien... imma ħej... x'ħin narahom għajnejja jikbru u jerġgħu isiru ta' tifel żgħir. U l-presepju tal-kartapesta kollu riħa tal-kolla tal-mastrudaxxa; u l-Bambin imdaqqas imdawwar bil-ġulbiena... in-novena fil-knisja kmieni filgħodu, il-quddiesa ta' bil-lejl, ir-rigali fqar li kienu tassew jimlewlna qalbna... u ma rridx ninsa l-għanjiet tal-Milied bil-Malti, u l-*carols* meraviljużi Ingliżi. Dawn l-imberkin ta' Ingliżi! Kellhom tant teżori Nsara... u daru għall-ġandar tal-pagani.

**Imma l-Milied hu vetrina tal-globalizzazzjoni, li għandha t-tajjeb tagħha naturalment, u tal-kolonjaliżmu, li għad għandna, għax ikkuppjajna l-barrani u lagħqna kollox. Il-Milied serquhulna u ġie offrut b'sagrifiċċju lill-alla 'Flus'. *Christmas Father, Christmas Tree, Snowman* u t-*tinsel* saru jaffaxxinaw lit-tfal tagħna iktar mill-imsejken 'għaġeb tal-**

**presepju'. Il-ħoss ta' '*Silent Night*' qed jintefa' bil-mod il-mod u flokha għandna "*And so this is Christmas*' u *songs* oħra li joħorġu kull sena. Ħafna jixxennqu għal '*White Christmas*' imma ftit għal Milied tassew qaddis.**

Din hi l-kultura tas-soċjetà dominanti li ilha li invadietna. Imma din il-kultura qed tipproponielna għażliet oħra, ferm iktar serji mill-użanzi tal-Milied. Fil-fond il-fond hi reliġjon ġdida dik li d-dinja tal-punent qegħda timbotta b'qawwa, fejn il-bniedem hu alla. Il-bniedem jiddeċiedi kollox, dak li hu tajjeb, dak li hu ħażin… lura lejn il-Ġnien tal-Għeden. Għalhekk nara periklu f'din l-għajta għad-divorzju li għandna bħalissa f'pajjiżna. Għax qatt ma tista' tkun waħedha din it-talba, warajha hemm oħrajn li nafu bihom diġà. Għax il-prinċipju hu wieħed: il-bniedem hu alla u jekk ma tagħtihx id-dritt li jiddeċiedi kollox hu, qed tnaqqaslu d-drittijiet tiegħu, il-ħelsien tiegħu. **Għalhekk wara l-għajta għad-divorzju tista' tibqa' ċert li tibda dik għall-abort… eċċ.**

Fejn irid jeħodna dan kollu? Lejn globalizzazzjoni ta' ideat; kulħadd l-istess. Nilbsu l-istess, nieklu l-istess, inkantaw l-istess, naħsbu u nemmnu l-istess. Dan il-karru jgerbeb għan-niżla jidher li ma jista' jwaqqfu ħadd. Il-bniedem illum hu adult u jieħu għalih jekk biss tgħidlu li għandu jobdi lil xi ħadd, lil xi istituzzjoni, lil xi Knisja. Dan jixhdu l-kliem mimli rabja u insulti ta' dawk li jissapportjaw id-divorzju fl-ittri lill-gazzetti jew fuq il-*blogs*. **Nibqa' mbellaħ bir-riħa ta' ipokrisija li toħroġ mill-argumenti favur id-divorzju. "Kulma rridu hi liġi tad-divorzju limitata ħafna, b'ruxxmata kontrolli." Imbagħad wara ftit snin jibdew iżerżqu l-idea li d-divorzju li għandna hu inġust, hemm bżonn inwessgħuh għax hawn wisq tbatija. Wara l-abort… f'każi rari, tafx, fil-bidu tat-tqala. U wara… U kif nafu dan? Għax hekk ġara kullimkien. U hekk jiġri hawn ukoll.**

Il-Griegi kienu jgħidu li dawk li l-allat iridu jeqirdu, l-ewwel iġennuhom. Is-soċjetà tal-punent tinsab tiġri bil-galopp lejn dan. Aqta' x'qed jiġri bħalissa fl-Amerika? Koppja li ilhom ftit miżżewġin u m'għandhomx tfal, mhux għax ma setgħux ikollhom, għax ma ridux, issa għandhom problema. Il-mara għandha tqala ta' sbatax-il ġimgħa (sa x'ħin qed nikteb). Imsieken, ma jafux x'jaqbdu jagħmlu, jekk iżommux it-tarbija jew jabortawha. Il-mara qed tinkwieta minħabba l-karriera u r-raġel dara bla responsabbiltà u qed jitħasseb jekk ikunx missier tajjeb. U billi jgħixu f'pajjiż 'demokratiku' (illum jien ma nafx din il-kelma xi tfisser), marru fuq l-internet jistiednu n-nies jivvotaw fuq id-destin tat-tarbija tagħhom, jekk iridux li tgħix jew li tinqatel fil-ġuf! Din hi iktar serja mill-elezzjoni għall-President għax hemm il-ħajja ta' xi ħadd li ma jistax jiddefendi ruħu. U jaħasra l-vot bħalissa hu 46% favur li t-tarbija tgħix u 54% favur il-kundanna għall-mewt. Għandhom sas-17 ta' Diċembru biex jivvutaw. Ifakkrek fil-ġlied selvaġġ tal-gladjaturi meta n-nies kienu jagħmlu s-sinjal b'subgħajhom biex jaqtgħuha jekk it-tellief għandux imut jew jingħata ċans jgħix! **Dan hu l-paganiżmu. Erġajna morna lura għal qabel il-Kristjaneżmu. Lura għal żmien id-dlam. L-aġenda**



**sigrieta favur id-divorzju/abort/ewtanasja eċċ trid teħodna lura lejn dan: qerda, kultura tal-mewt!**

Dan kollu jagħti dehra kerha ħafna tal-qagħda tal-bniedem illum. X'se jagħmel in-Nisrani? Jaqta' qalbu? Ma jkun qatt!! In-Nisrani jaf f'min emmen. Kristu hu ħaj u rebbieħ! Hu Sid l-Istorja. Kollox biH, kollox għaliH, kollox permezz tiegħU. Hu s-Sultan ta' kollox. Hu qed jippermetti kollox. GħaliH l-iktar ħaġa importanti fl-univers hi l-Knisja u l-Istorja miexja b'risq il-Knisja u mhux kontra tagħha! Dan ġara darba, tnejn, ħafna drabi f'dawn l-elfejn sena. Dinja ġdida – Knisja ġdida. Pawlu VI kien iħobb jgħid li hemm bżonn, anzi hu dmir tagħna li nwelldu mill-ġdid il-Knisja f'kull ġenerazzjoni bħallikieku ma kinitx teżisti qabel. Għandna bżonn dan l-ottimiżmu, żelu għal evanġelizzazzjoni ġdida, ħerqa biex inxandru l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu. Mhux fil-pajjiżi mdallma biss imma anke f'tagħna. Iċ-ċirkostanzi se jwelldu Knisja ġdida. Kristu, permezz taċ-ċirkostanzi (li lilna jbeżżgħuna) se jwelled Knisja ġdida. Knisja li mhix iffokata biss fuq ċelebrazzjonijiet u riti, imma fuq kollox fuq il-Kelma t'Alla, fuq il-katekeżi, fuq l-enfasi dwar tensjoni għal Fidi fi Kristu dejjem iktar matura, dejjem iktar adulta.

**Il-paganiżmu li jdur madwarna se jwitti t-triq biex tidher Knisja mhux tan-numri imma tas-sinjali. Mhux kemm għandna fuq ir-reġistru tal-parroċċa imma kemm għandna xhieda ta' Kristu; nies li kellhom laqgħa miegħU u mhux biss semgħu biH. Din tkun Knisja iżgħar imma iktar awtentika, inqas trijonfalista imma iktar umli, imneżża mit-toqol tal-privileġġi imma iktar ħielsa li tgħid li tħoss bla ma tibża' li se titlef xi ħaġa. Forsi sa dakinhar il-Milied ikunu bidlulu ismu, imma x'jimporta jekk id-Dawl tal-Knisja ma jkunx imtappan imma aqwa milli hu llum. Knisja mill-ġdid żagħżugħa, Knisja mill-ġdid tal-martri. Forsi dan hu d-destin tagħna...**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *L-Aħħar Tislima lill-Isqof Nikol Cauchi*















## *Tislima mill-parroċċa tax-Xagħra*



*Waqt il-Konċelebrazzjoni Funebri fil-Knisja Kolleġġjata Insinji ta' Marija Bambina.*

Nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru, il-Parroċċa ta' Marija Bambina fix-Xagħra Għawdex sellmet il-memorja tal-E.T. Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi, Isqof Emeritus tad-Djoċesi ta' Għawdex li ħalla dan il-wied tad-dmugħ aktar kmieni matul ix-xahar ta' Novembru. L-Isqof Cauchi mexxa lid-Djoċesi Għawdxija bejn Lulju 1972 u Jannar 2006 u jibqa' mfakkar għal bosta proġetti ta' siwi materjali u spiritwali li wettaq fil-Knisja lokali.

It-tislima tal-poplu Xagħri lil Mons. Isqof Nikol Cauchi ingħatat waqt Konċelebrazzjoni funebri fil-Knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' Marija Bambina. Il-quddiesa li bdiet fil-11.00 ta' filgħodu kienet ippreseduta mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof Djoċesan, bis-sehem tal-W.R. Kapitlu u Kleru tal-Parroċċa. Il-Liturġija sollenni kienet animata mill-Kor *Schola Cantorum Jubilate*.

Il-Parroċċa tax-Xagħra hija marbuta intimament mal-Isqof Nikol Cauchi minħabba diversi ġrajjiet storiċi li sawru l-istorja tar-raħal. Ewlenin fost dawn il-ġrajjiet hemm l-akkwist tat-titlu onorofiku ta' Bażilika lill-Knisja Kolleġġjata ta' Marija Bambina f'Awwissu 1967 u l-Inkurunazzjoni tal-istatwa titulari ta' Marija Bambina nhar it-2 ta' Settembru 1973. Il-Parroċċa tħossha grata għall-ħidma mwettqa matul l-Episkopat tal-Isqof Cauchi u għaldaqstant ħasset id-dover li tfakkar il-memorja tiegħu. L-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Kolleġġjata Insinji ta' Marija Bambina stiednu lill-insara biex jibqgħu jiftakru fl-Isqof Cauchi fit-talb tagħhom u joffru penitenza b'suffraġju tar-ruħ għażiża tiegħu.

## *Meta l-Isqof Nikol Cauchi żar għall-aħħar darba il-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini*

Il-Ħadd 3 t'Ottubru, 2010, l-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Nikol Cauchi żar is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja tal-Patrijiet Kapuċċini fir-Rabat fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk t'Assisi. Wara li kkonċelebra l-quddiesa tal-festa flimkien mal-patrijiet u mbagħad ħareġ fuq iz-zuntier biex ibierek il-*pets* u annimali oħra, daħal jistrieħ fis-sagristija tal-knisja. Il-*camera* qabdet lill-Isqof f'mument tipiku tiegħu, jiċċajta u jferraħ lil ta' madwaru, bl istess spirtu ta' San Franġisk t'Assisi.



*L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi fis-Sagristija tal-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini, tar-Rabat. Jidher ukoll Dun Renato Borg, li kien is-segretarju privat tiegħu u Vincent Vella li dakinhar kien animatur fil-quddiesa.*

## *Sarah Borg maħtura bħala "Iż-Żagħżugħa tas-Sena 2010"*



*Sarah Borg tidher tiġi ppreżentata bix-xhield mill-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Dr George Abela. Jidher ukoll Dun Manwel Cordina, Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni OASI*

Fl-edizzjoni ta' din is-sena taż-Żagħżugħ/a tas-Sena, li kienet it-tmintax-il waħda, organizzati mill-Fondazzjoni OASI u li saret fil-Lukanda Ta' Ċenċ, f'Sannat, nhar is-Sibt 20 ta' Novembru, kien hemm disa' nominazzjonijiet minn diversi organizzazzjonijiet madwar Malta u Għawdex. Kif titlob it-tradizzjoni ta' din iċ-ċerimonja, Dun Manwel Cordina, Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni OASI, mgħejjun minn Sarah Caruana ż-Żagħżugħa tas-Sena ta' l-aħħar edizzjoni li għaddiet, ippreżenta lil kull nominat u nominata ċertifikat u trofew ta' rikonoxximent, apprezzament u tifkira.

L-aktar mument eċċitanti u kommoventi tas-serata kien meta n-Nutar Dr. Enzo Refalo, President tal-Kumitat tal-Għażla, qara r-rapport ta' l-istess Kumitat u ħabbar fost applaws l-isem ta' Sarah Borg bħala "Iż-Żagħżugħa tas-Sena 2010". Kif deher mill-istess rapport tal-għażla, il-membri tal-kumitat kellhom deċiżjoni verament diffiċli x'jieħdu għaliex

l-inizjattivi u l-impenn soċjali taż-żgħażagħ nominati kienu qawwija ħafna.

Sarah Borg hija minn Birkirkara, għalliema fi skola primarja f'Malta u ġiet innominata mill-"Grupp Flimkien Naslu". F'dan il-grupp Sarah tgħin nies li b'diżabbiltà intellettwali, fejn bħala parti mit-tim Sarah ħadmet sabiex huma stess ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom fis-soċjetà Maltija.




*Il-President ta' Malta u Dun Manwel Cordina flimkien maż-żgħażagħ li ġew nominati. Mix-xellug għal-lemin jidhru Steve Diacono (Sliema), Jana Karamatskos (Birgu), Keith Bonnici (Marsaskala), Sarah Borg (Birkirkara), Nathan Portelli (Nadur), Jessica Grima (Iklin), Daniela Cauchi (Mellieħa), James Aquilina (Luqa). Dillon Mercieca, persuna oħra nnominata ma kienetx preżenti għaċ-ċerimonja.*

Sarah Borg ingħatat personalment is-*shield* ta' "Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2010" minn idejn l-E.T il-President ta' Malta, Dr. George Abela. Sarah ser iżomm din ix-*shield* għal sena sħiħa, sakemm tnax-il xahar ieħor tkun hi stess mistiedna biex tgħaddiha lil xi żagħżugħ jew żagħżugħa oħra, f'edizzjoni oħra ta' dan ir-rikonoxximent.

L-għan ta' din l-attività huwa wieħed ta' rikonoxximent pubbliku kif ukoll ta' inkoraġġiment liż-żgħażagħ li jwettqu ħidma ta' volontarjat fil-komunità. Dan ir-rikonoxximent jingħata liż-żgħażagħ kollha nominati li jkunu wrew inizjattiva u kreattività filantropika, soċjali jew kulturali u li jkunu qdew dmirijiethom ordinarji b'onestà, dedikazzjoni u effiċjenza.

Ta' min jgħid li dan l-avveniment huwa differenti minn premjiet simili, għaliex fih ma jintgħażilx rebbieħ jew rebbieħa, iżda dawk kollha nominati jiġu onorati u rikonoxxuti, għad li fl-aħħarnett jintagħżel minn fosthom xi ħadd biex ikun l-ambaxxatur jew ambaxxatriċi taż-żgħażagħ kollha quddiem is-soċjetà għal sena sħiħa.

## *Id-Disa' Edizzjoni tal-Maratona Sportiva ta' 36 siegħa*



Fl-aħħar *weekend* ta' Ottubru fil-kumpless sportiv tas-Seminarju ġiet organizzata d-disa' edizzjoni tal- Maratona sportiva "Għin biex trebbaħna". Din hi maratona ta' 36 siegħa ta' sports għal kulħadd bil-għan li tinħoloq kuxjenza sportiva għall-familja kollha. Din il-Maratona Sportiva kienet waħda ta' suċċess kemm minn numru ta' sportivi li pparteċipaw kif ukoll mill-attendenza tal-pubbliku waqt is-serati ta' spettaklu li ttellgħu waqt il-maratona.

F'din il-maratona Sportiva ġew organizzati diversi *tournaments* għal kull kategorija u kull tip ta' Sports fejn kien hemm ta' l-anqas 200 logħba f'diversi dixxiplini sportiv. Il-maratona fetħet nhar is-Sibt filgħodu b'ġirja bit-torċa mat-toroq Għawdxin lejn il-kumpless sportiv tas-Seminarju fejn inxtegħlet l-urna u sar il-ftuħ uffiċjali tal-maratona b'quddiesa fil-preżenza ta' l-atleti li ħadu sehem.

Minbarra l-attivitajiet sportivi, il-kumitat organizzattiv tella' żewġ serati ta' spettaklu għall-familja kollha b'wirja impressjonanti tal-BMX, *street show* fl-ewwel serata u varjetà ta' żfin u kant fit-tieni serata. Fost il-kantanti kien hemm Aron Elvis li ta' spettaklu ta' kanzunetti ta' Elis. Fil-maratona ta' din is-sena ħadu sehem madwar 1000 parteċipant bejn atleti, żeffiena, kantani u voluntiera.

## *Wirja fuq it-tema tal-Maternità tal-Madonna*



Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Novembru, Joseph Said, *Chairman* ta' *Heritage Malta*, inawgura wirja bl-isem *From Birth to Childhood – a Christian Perspective*, fis-sala tal-wirjiet li għandha *Heritage Malta* fiċ-Ċittadella, ir-Rabat, Għawdex. Din il-wirja tikkonsisti f'numru ta' xogħlijiet importanti li jiffurmaw parti mill-kollezzjoni nazzjonali fi ħdan il-Mużew Nazzjonali tal-Arti fil-Belt Valletta. Ix-xogħlijiet jiffukaw fuq it-tema tal-maternità tal-Madonna u jikkonsistu f'numru ta' disinni, pitturi u skultura li jmorru lura sas-seklu sbatax. Huma ta' artisti differenti, uħud

Maltin u oħrajn barranin, b'xogħol Taljan kif ukoll Olandiż. Għalkemm is-suġġett huwa wieħed pjuttost komuni fl-ikonografija reliġjuża, wieħed jista' jinnota varjetà ta' rappreżentazzjonijiet. Dawn ix-xogħlijiet jirrappreżentaw bidla ta' stili artistiċi bejn is-sbatax-il seklu u s-seklu għoxrin. Fost l-artisti wieħed isib lil Antonio Giorgetti, Stefano Erardi, Michele Bellanti, Francesco Grandi, u Anton Inglott.

Il-wirja ser iddum miftuħa sal-14 ta' Jannar 2011. Ħinijiet tal-ftuħ: mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9.00am sal-5.00pm u is-Sibt, mid-9.00am sa 12.00pm.

## Żjara mill-President lill-Victoria Scout Group



Il-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu George Abela, nhar is-Sibt 20 ta' Novembru, żar il-Kwartieri tal-i*Scouts* fir-Rabat, Għawdex sabiex jirrikonoxxi l-ħidma tal-i*Scouts* u s-sapport lejn l-attivitajiet kollha li torganizza l-*Malta Community Chest Fund* matul is-sena b'mod speċjali lejn l-Istrina. Fir-ritratt il-President ta' Malta jidher mal-membri li jiffurmaw il-*Victoria Scout Group.*

## Esibizzjoni Filatelika Annwali



Is-Soċjetà Filatelika t'Għawdex organizzat il-ħdax-il esibizzjoni annwali tagħha fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex. Anki din id-darba, kien hemm parteċipazzjoni sabiħa tat-tfal li kollha jirċievu rigal. L-adulti kellhom tliet klassijiet biex jagħżlu minnhom: Storja Postali, Filatelija Soċjali u filatelija "tradizzjonali" bis-suġġett "Nies u Ġnus" (*People & Peoples*).

Għall-okkażjoni, il-MaltaPost ħarġet timbru kommemorativ u l-*Gozo Philatelic Society* iddisinjat kartolina li fuqha twaħħlet waħda minn ħames bolli "personalizzati" (bil-prezz ta' 2 Euro). Ta' min isemmi ukoll li issa l-website www.stamps-gozo.org reġgħet qed tiġi aġġornata regolarment.

## L-40 Anniversarju tal-Grupp Folkloristiku Astra



Bħala ċelebrazzjoni għall-40 anniversarju tal-Grupp Folkoristiku Astra f'Victoria ġie organizzat il-festival internazzjonali "FOLKGĦABEX" bejn l-24 u d-29 ta' Novembru. Fost il-gruppi li ħadu sehem f'dan il-festival kien hemm *"I Salviani" di Savoia di Lucania*, mill-Basilicata l-Italja, *Grupo Etnografico de Dancas e Cantares do Minho* mill-Portugal u *Dylen Folk Group* minn Karlovy Vary mir-Repubblika Ċeka. L-Astra Folk Group li kienu responsabbli mill-organizzazzjoni tal-festival ħadu sehem ukoll fil-festival. L-għan ewlieni ta' dan il-festival kien li jinġabru donazzjonijiet għall-*Malta Community Chest Fund.*

Il-Ħadd 28 ta' Novembru, fi Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, ġie animat it-Tieġ Malti, bis-sehem ta' l-*Astra Folk Group* u l-gruppi barranin.

## *50 sena kappuċċin*

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Novembru kien jum ta' festa għand il-Patrijiet Kapuċċini ta' Għawdex. Fra Baskal Caruana fakkar il-ħamsin anniversarju minn meta għamel il-professjoni perpetwa tiegħu. Fra Baskal, li llum jgħodd sebgħin sena, twieled il-Mellieħa. Ingħaqad mal-Ordni tal-Kapuċċini fl-1956 meta kellu sittax-il sena. Sena wara, fl-1957, għamel il-professjoni temporanja waqt li fl-1960 għamel il-professjoni perpetwa. Serva f'diversi kunventi f'Malta u issa ilu fil-Kunvent ta' Għawdex għal dawn l-aħħar sitt snin.



*Fra Baskal mal-familjari tiegħu f'ritratt tal-okkażjoni, hekk kif spiċċat il-konċelebrazzjoni.*

Għal din l-okkażjoni l-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni flimkien mal-Provinċjal Patri Manwel Barbara, il-Gwardjan Patri Karm Dimech, patrijiet u saċerdoti oħra. Fra Baskal ġedded il-wegħdiet tiegħu ta' ubbidjenza, faqar u kastità.

Il-familjari ta' Fra Baskal li telgħu Għawdex minn Malta, ingħaqdu ma' numru sabiħ ta' nies mill-inħawi tal-Kunvent biex jifirħu ma' Fra Baskal f'din l-okkażjoni hekk sabiħa.

Wara l-konċelebrazzjoni, sar riċeviment fil-kjostru tal-kunvent li matulu kien hemm akkumpanjament mużikali mill-kantant Għawdxi Mario Caruana.



*Fra Baskal jidher ma' wieħed mill-ħbieb tiegħu, Pierre-Eugene Buttigieg, Ministru Nazzjonali tal-Ordni Franġiskan Sekular.*

## *Tinfetaħ uffiċjalment l-Iskola l-Ġdida tas-Subien fir-Rabat*



Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru, ġiet inawgurata l-Iskola Sekondarja l-Ġdida tas-Subien fir-Rabat Għawdex. Dan il-proġett, li sar b'investiment ta' aktar minn 7 miljun ewro, beda tliet snin ilu, u hu intiż li jkompli joħloq ambjent aħjar għall-istudenti, filwaqt li jżid il-faċilitajiet għall-istudenti. Dan il-proġett qed isir mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru t'Għawdex.

L-iskola hi mgħammra u attrezzata bi klassijiet akkoljenti, apparat modern li jinkludi *interactive whiteboards* u kompjuters. L-iskola l-ġdida tinkludi wkoll parkeġġ kif ukoll triq intiża li żżid is-sigurtà tal-istudenti filwaqt li tevita li jingħalqu toroq minħabba l-iskola.

L-inawgurazzjoni saret mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi, li għamel ukoll kelmtejn tal-okkażjoni. Ma naqsux ukoll diskorsi oħra minn Dolores Cristina, Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja u mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. L-iskola tbierket mill-Vigarju Ġenerali tad-Djocesi, Mons. Arċidjaknu Giovanni Bosco Gauci.

## *Wirja ta' karrozzi klassiċi fin-Nadur*

Vetturi militari u klassiċi kienu għall-wiri fi Pjazza San Pietru u San Pawl, in-Nadur, nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru.

Kull min kien preżenti kellu ċans jitpaxxa bl-għażla li kien hemm ta' vetturi għal wiri. Parteċipanti kien hemm 60. 30 vettura militari, bejn muturi u trakijiet. Klassiċi 30 vettura oħra. Fost l-esebiti kien hemm *northon 16h, bsa m20, matchless, royal enfild, austin utility, hillman utility, canadian military ford, landrovers, dodge, austin 8, ford thames, triumph, corvett* u *chevy ford escort.*

Ħafna mill-vetturi esebiti tista' tgħid huma uħud mill-ftit salvati mill-qerda u anke rari li ssibhom, fosthom *hillman utility*, li skont ir-*records*, huma waħdiet li għad baqa'.



## *Tberik tal-oqbra tal-pulizija*



Fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, f'Victoria, nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru, il-Kappillan tal-Pulizija f'Għawdex, Mons. Emanuel Curmi, iċċelebra quddiesa u wara talab u bierek iż-żewġ oqbra tal-pulizija li hemm f'dan iċ-ċimiterju. Tpoġġew ukoll diversi kuruni tal-ward, fosthom mid-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, mill-Assistent Kummissarju Ray Zammit, mis-Supranintendent u l-iSpettur għal Għawdex, rappreżentanza tal-organizzazzjoni tal-Pulizija, familjari u ħbieb. Inżammet ukoll minuta silenzju. Kien hemm ukoll rappreżentanza mill-Kavallerija u mill-Banda tal-Pulizija, li telgħu Għawdex apposta minn Malta.

## *"Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer" — il-Ħames Volum*

Il-MUSEUM tas-subien tan-Nadur għadu kemm stampa l-ħames volum fis-sensiela **Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer**.

F'din il-pubblikazzjoni wieħed isib 500 rakkont /storja qasira li ma dehrux fil-volumi ta' qabel u li jwasslu messaġġi utli u ta' fejda. Stejjer li jafu joffru ftit kuraġġ u ottimiżmu tant meħtieġa fil-ħajja. U ma jonqsux dawk ir-rakkonti qosra li jqanqlu tbissima li ħafna jqisuha l-aħjar u l-irħas mediċina. Anedotti li jagħtuk imbuttatura 'l quddiem fil-mixja tagħna ta' kuljum.

Il-ktieb li fih 220 paġna, fih ukoll indiċi dettaljat biex wieħed jaqra r-rakkont li jixtieq fuq is-suġġett li jkun għażel.

**Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer** il-ħames volum jinsab għall-bejgħ għall-prezz ta' €8 mingħand *Preca Library*, il-Blata l-Bajda u *Lumen Christi Bookshop*, ir-Rabat Għawde.

Ta' min javża lil dawk li jixtiequ jakkwistaw il-volumi ta' qabel, li l-ewwel volum huwa eżawrit, imma t-tlieta l-oħra (Vol. 2, 3, 4) għad baqa' kopji tagħhom fil-"*Lumen Christi Bookshop*", Victoria.




## *Dramm fix-Xewkija "Ċella 86"*



L-Għaqda Drammatika Xewkija tellgħet produzzjoni oriġinali oħra, Ċella 86. Din id-darba, fit-Teatru Ġovanni, fiċ-Ċentru Parrokkjali, is-Sibt 20 u l-Ħadd 28 ta' Novembru, filgħaxija, ħaduna fit-tieni gwerra dinjija, meta Adolf Hitler kellu poter assolut fuq il-Ġermanja.

Ta' min ifaħħar l-Għaqda Drammatika tax-Xewkija li hija l-unika għaqda drammatika f'Għawdex li baqgħet iżżomm ta' kull sena rappreżentazzjonijiet drammatiċi oriġinali għal xi ħames darbiet fis-sena.

L-Eċċellenza Tiegħu
**MONS. MARIO GRECH**
**Isqof ta' Għawdex**
flimkien
mal-Bord Editorjali
ta' din ir-Rivista Djoċesana
jawguraw
**MILIED HIENI**
**U QADDIS**
u
**SENA ĠDIDA**
**MIMLIJA ĠID**
**U PAĊI TAL-MULEJ**
lill-Qarrejja Tagħna u
lill-Għawdxin kollha

## L-ISQOF NIKOL CAUCHI – X'INTQAL FUQU FIL-ĠURNALI

***Prof. Maurice Cauchi, ħu l-Isqof Nikol***

"Il-karattru ċajtier tiegħu, li tant kien apprezzat min-nies ta' madwaru, kien minn tfulitu u baqa' miegħu sa ftit jiem qabel mewtu. Fil-pellegrinaġġi li kien jagħmel f'Lourdes, il-pellegrini kienu jfittxuh ħafna għax jafu li flimkien mat-talb tal-pellegrinaġġi żgur li kien se jsib mumenti li fihom jirrakkontalhom xi ċajta tajba. Sa ftit jiem qabel mewtu kien għadu jirrakkonta ċ-ċajt...

Meta konna nkunu flimkien bħala familja ma kienx joqgħod jgħabbina bil-problemi tad-djoċesi imma kien jippreferi jitkellem fuq affarijiet li jolqtu direttament lill-familja tagħna."

**Il-Mument**, *21 ta' Novembru 2010*

***Mons. Joe Vella Gauci***

"Fuq livell personali, ir-rispett kien wieħed reċiproku. Darba biss naf li ma qbilniex u f'dik l-okkażjoni ddispjaċih hu u ddispjaċieni jien, però dan ma xekkel xejn mir-rispett, l-istima u l-kollaborazzjoni ta' bejnietna. Kien bniedem li ma jitnikkirx biex jirranġa r-relazzjonijiet u s-sitwazzjonijiet kemmxejn skabrużi. Darba waħda stqarrli , li darba biss jaf li kien ammona lil saċerdot b'ċerta dixxiplina kanonika – dak kien filgħodu u sa fil-għaxija bagħatlu risposta fejn infurmah li milli kienu qalu m'hemm xejn...

Kienet klassika s-saga tagħna biex ngħinu lil Mario Attard meta ibnu fuq deċiżjoni tal-Qorti Ingliża kien miftum minn ħutu.L-Isqof Cauchi, flimkien ma' kollaboraturi oħra, fosthom l-Avukat Alfred Grech, għamlu minn kollox biex din l-istorja tintemm b'wiċċ il-ġid u t-tifel jerġa' jinġieb lura Malta."

**It-Torċa**, *21 ta' Novembru 2010*

***P. Mark Montebello OP***

"Minkejja li kien bniedem mgħallem, kien hemm affarijiet li Mons. Nikol Cauchi qatt ma tgħallem. Qatt ma tgħallem, ngħidu aħna, ikun pompuż minkejja l-pożizzjoni tiegħu. Minkejja s-sofistikazzjoni tal-karattru tiegħu, qatt ma tgħallem ikun artifiċjali. Dejjem ippreserva l-umanità




tiegħu. Kien jitkellem u jittratta lil kulħadd fuq livell ugwali, b'mod perfettament normali. Minkejja l-istatura tiegħu fis-soċjetà u fil-Knisja, u minkejja t-tagħlim li kellu, qatt ma ħares 'l isfel lejn ħadd."

**Il-Mument**, *21 ta' Novembru 2010*

***Steve Mallia***

*"His early years as bishop were anything but easy as he encountered trouble in the parishes of Victoria that would recur repeatedly during his 38-year tenure as head of the diocese. Things became so bad at one point that a policeman was detailed to keep watch outside the Seminary in Gozo, where Mgr Cauchi had taken up residence.*

*'This happened when some people in Victoria were protesting about my decisions. I didn't enjoy it very much to tell you the truth,' the bishop had said in a typical understated manner.*

*This was a problem that dogged him till the end of his bishopric. Reflecting on the experience, he had said : 'It cost me a lot of time and energy, but I always believed and still believe that with education and progress these things would gradually dissipate. What I thought would happen in 30 years perhaps needs 40 or 50'"*

**The Sunday Times**, *November 21, 2010*

***Paul Saliba***

"Kien jistedinni mmur Għawdex biex nagħmel xi taħdita; is-suġġett ġeneralment kien ikun dak li kien l-aktar għal qalbu : it-tagħlim soċjali tal-Knisja.

Dejjem impressjonani bil-għerf tiegħu u bil-kelma faċli biex iwassal il-messaġġ ta' dak li jkun qed jgħid. Għallem u kiteb bla waqfien, u mexxa b'dehen u ħeġġa qaddisa l-poplu t'Alla fi żminijiet diffiċli għal pajjiżna."

**Il-Mument**, *21 ta' Novembru 2010*

***David Azzopardi***

"Din il-mixja ta' bil-lejl konna nistennewha. Kien jiġi b'suttana ħafifa u mitluqa u malajr konna nuruh kemm inkunu nistennew il-kumpanija tiegħu għaliex kollha kemm aħna konna nduru madwaru fejn kulħadd jirsisti biex ikun



*L-Isqof Cauchi mdawwar bit-tfal u ġenituri tagħhom f'Ta' Pinu ta' kull sena fil-Festa tal-Gandlora. Kienet l-għaxqa tiegħu jiċċajta mat-tfal.*

qrib tiegħu ħalli ma nitilfu xejn miċ-ċajt li kien jgħidilna. Għalkemm il-passiġġata ma kinitx xi waħda twila, din konna narawha iqsar bir-rakkonti tiegħu.

Mhux biss waqt il-passiġġata lejn u lura mill-kappella, iżda wara r-rużarju ukoll konna ngħaddu xi ħin miġbura madwaru. Kien idaħħakna mhux biss biċ-ċajt li jgħidilna iżda aktar bil-mod kif kien jirrakkontahom. Kien juża l-aċċent tipiku Għawdxi tiegħu. Jerġa' d-djalett li kien juża kien djalett li jitkellmu bih in-nies tal-Għarb, meqjus bħala l-aktar djalett safi u tipiku Għawdxi. Aktar milli l-Isqof ta' Għawdex aħna konna nqisuh bħala ħabib u wieħed minna."

**Il-Mument**, *21 ta' Novembru 2010*

***Roamer***

*"That Bishop Nikol Cauchi made an impact on those over whom he was given charge to teach and to lead the way of truth and goodness was self evident last week. His diocesan brethren – and those across the narrow channel that separates Gozo from Malta, mourned his death, celebrated his life and praised him in a fulsome manner.*

*Cauchi knew his flock and called many of those who made up the collective by their name – and they recognized his voice. Is there a greater tribute to be paid a bishop whose role is to "proclaim the Gospel of Christ to men"...*

*From what I read about him, from what people wrote about him – you need only to visit the online comments to become aware in what esteem he was held – and from what he himself wrote in line of duty, so to speak, it was clear last week and will remain clear, that Cauchi read the times, understood the difficulties of sanctification and recognized the arduous task placed upon him "to make of one mind in prayer all those who (were) entrusted to (his) care.*

*It is a measure of the man, of his intellect, which was sharp and deep, of his humility. Simple holiness and pastoral care, that he left so affectionate a mark behind him."*

**The Sunday Times**, *November 21*

***Xi kummenti Online***

*"A leader, a teacher, a friend, Bishop Cauchi was that to all. He was a man you could speak to easily and who understood well human nature. He was very human and as a man he had his faults like everybody else. He could listen, argue, advise and what's more he could set your mind thinking, never giving you the answer but guiding you to find it out for yourself. He has passed on to his well deserved rest but we are poorer in his loss."*

**Josette Buttigieg**, *timesofmalta.com*



**Lill-Isqof Emeritus**
**Mons. Nikol. Ġ. Cauchi**
**f'jum it-tluq tiegħu**
**minn dan il-*Wied tad-Dmugħ***

Għal snin twal kont midħla tiegħek
għax fik sibt l-aqwa ħabib;
Fik rajt dejjem bniedem għaqli
u ta' djulek żammejt qrib.

Berikt tiegħi l-għerusija
w imbagħad lili wkoll żewwiġt;
Għal xhur sħaħ ilqajtni f'darek
fit-Taljan lili ħarriġt.

Il-għerf tiegħek kont nammira,
ma ħlejtx żmien, tħabbibt mal-ktieb,
għax kont temmen dan jiftaħlek
quddiemek kwalunkwe' bieb!

Il-kelma fuq fommok kienet
qisha nota f'melodija
illi tferraħ, tħenni, sserraħ
u twieġeb kull mistoqsija.

Issa mort għand il-Ħallieq
Kif żgur dejjem kont tixtieq!

***Kav Joe M Attard***
***15-11-2010***

*Indeed Bishop Nikol Cauchi was a point of reference for us Maltese priests. We were eager to know what he was saying, what he was doing, what he was planning for the Church in Gozo. We were curious because we sincerely believed that his pastoral priorities and initiatives were fruit of the teachings of Vatican II, which teaching at that time was new for many of us and there was inevitable resistance now from one quarter and then from another. His leadership was an inspiration for many of us who were determined not to let Vatican II be only a marvelous teaching that it was, but an inspiration for the Church which indeed embarked on a long and painful process of much needed reforms. Having a young and enlightened bishop so near to us trying to press on reforms in an even more difficult environment than ours. Was, indeed, a great inspiration for one and all."*

**Fr. John Caruana**, *Guajaramirim - Rondonia*

*Ftit fatti u kummenti*

# *Il-Kanċer u Int... X'taf sewwa fuq din l-marda tant qerrieda?*



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD

**Il-kanċer iweġġgħa, u jbeżżgħa. Skont statistika tal-Għaqda Dinjija tas-saħħa wieħed minn kull erba' persuni għandhom il-kanċer. Wieħed jistaqsi: il-kanċer huma kollha l-istess? Jew il-kanċer kollha joqtluk?**

Meta inti jew xi ħadd qrib tiegħek issir taf li għandek kanċer, inti għandek kull dritt li tkun taf kollox dwar il-marda. Hemm min ma jkunx irid jaf. Din hija sitwazzjoni delikata għat-tobba għax ħafna drabi tal-familja ma jkunux iridu li l-pazjent ikun infurmat b'kollox. It-tabib qatt ma jista' jigdeb lill-pazjent, għalhekk huwa obbligat li ikun leali lejn il-pazjent u jinfurmah b'dak kollu li jixtieq ikun jaf mill-aħjar li jista'. Ir-rwol tat-tabib tal-familja huwa importanti għax ħafna drabi jispiċċa jipprovdi informazzjoni u appoġġ lill-pazjenti bil-kanċer u l-familji tagħhom, u jagħti t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jintalab.

**Ħafna jistaqsu, imma kemm 'l tip differenti ta' kanċer hemm? Hemm madwar 200, iżda xi wħud huma iktar rari minn oħrajn. Il-kanċer kollu jikkawża uġigħ? Dan jiddependi fejn ikun il-kanċer. Fil-maġġoranza tal-kanċer, l-uġigħ ma jkunx l-ewwel esperjenza bħala sintomi.**

Il-ċelluli tal-kanċer infushom ma jikkawżawx uġigħ, imma meta dawn jagħmlu tumur li jippressa x'imkien, per eżempju fuq l-ispina, jew jimblokka xi passaġġ, hawn jista' jikkawża l-uġigħ. Jekk il-marda hija avanzata u nfirxet lejn l-għadam, l-uġigħ allura jista' jkun is-sintomu ewlieni.



Kanċer fl-istadju bikri ma joqtolx: huwa biss meta jkun avanzat li jista' jsir fatali. **Mhux it-tipi kollha tal-kanċer joqtlu u xi wħud għandhom rati ta' sopravivenza ta' aktar minn 90 fil-mija. Il-mod li bih kanċer jikkaġuna l-mewt tvarja skont dak it-tip tiegħu. Xi kanċers joqtlu billi jinterferixxi mal-funzjonijiet vitali tal-ġisem tiegħek.** Kanċer jista' jinfirex mal-pulmun u jikkawża kollass u nuqqas ta' nifs sew. Jew jista' jikkawża sadd fis-sistema diġestiva u jwaqqaf lill-ġismek milli jassorbi nutrijenti essenzjali. Jekk jilħaq il-fwied jew l-għadam, jikkawża taqlib fil-bilanċ tal-ġisem ta' kimika delikata, li jwassal għal telf mis-sensi u eventwalment il-mewt. Kanċer jista' jagħmlek ukoll immobbli billi tispiċċa f'qiegħ ta' sodda.

Dan jikkawża li inti tiżviluppa infezzjonijiet bħal pnewmonja, li l-ġisem ikun dgħajjef wisq għall-ġlieda kontrija u għalhekk tkun il-kawża tal-mewt. Madankollu, bil-mediċini disponibbli llum huwa possibbli li, anke meta l-mewt tkun inevitabbli, l-pazjent nistgħu nnaqqsulu l-uġigħ

**Il-kanċer ukoll jitkejjel bi stadji. Ħafna mit-tipi tal-kanċer għandhom erba' stadji. Ġeneralment il-pronjosi tiegħek hija aħjar jekk il-kanċer issir taf bih kmieni u għalhekk il-kanċer ikun għadu fl-ewwel stadju. Dan ifisser li l-kanċer ikun għadu lokalizzat jew fi kliem ieħor, ikun jinsab fejn beda. Il-kanċer ikun fit-tieni stadju meta t-tumur huwa akbar minn fl-ewwel stadju, iżda jkun hemm evidenza ta' kanċer fil-glandoli fil-qrib. Dan ikun jindika li ċ-ċelluli tal-kanċer infirxu u għalhekk diġà daħlu fid-demm, u għalhekk jiżdied ir-riskju ta' kanċer li qed jiżviluppa x'imkien ieħor fil-ġisem. Fit-tielet stadju, il-kanċer huwa akbar milli fl-istadji wieħed jew tnejn. Hawn ikun hemm ċelluli tal-kanċer fil-glandoli tal-qrib u jkun beda jinvadi tessuti tal-madwar jew anke organi. Fl-istadju tal-aħħar li huwa msejjaħ ukoll kanċer sekondarju jew metastatiku. Hawn il-kanċer ikun xtered u hemm evidenza ta' dan fl-organi oħra fil-ġisem. Inti tista' tgħix għal ftit żmien meta jkun f'dan l-istadju iżda ħafna drabi huwa każ ta' maniġġjar ta' problemi aktar milli ta' kura tal-marda.**

Michael Douglas flimkien ma' martu Zeta Jones-Catherine qed jingħataw kimoterapija u trattament bir-

radjazzjoni għall-kanċer fil-griżmejn li jinsab fir-raba' stadju.

**Hemm min jistaqsi jekk huwiex possibbli li tgħid kemm kien ilu fuqek il-kanċer.**

Pazjenti ta' spiss jixtiequ jkunu jafu r-risposta għal din il-mistoqsija. Fil-każ tal-kanċer tal-ġilda, ladarba l-leżjoni tkun tneħħiet skont il-fond tagħha jista' jkollok idea kemm kien ilu żmien li kien qiegħed jikber. Fil-każ ta' kanċers oħra huwa diffiċli li tgħid. Kanċer jieħu ħafna snin biex jiżviluppa qabel is-sintomi jidhru.

**Ta' min igħid li jekk wieħed ikollu kanċer, dan ikollu riskju ftit akbar li jista' jkollu tip ieħor ta' kanċer. Ir-riskju jiżdied bi ftit, minħabba l-kura għall-kanċer inizjali. Jekk tkun irċevejt radjuterapija, speċjalment għall-kanċer tas-sider, testikulari u l-ġilda, dan jagħmel ħsara lil ċelloli b'saħħithom barra li joqtol iċ-ċelloli tal-kanċer, u dawn iċ-ċelloli danneġġati jistgħu mbagħad jgħaddu minn mutazzjoni biex isiru kanċerużi. Iżda din hija biss riskju żgħir, kif għidna.**



Fatturi oħra li jaffettwaw l-andament tal-kanċer huma l-età u s-sistema immunitarja għax dak li jkun irid ikun b'saħħtu biżżejjed sabiex jiflaħ għat-trattament. Iktar ma wieħed ikun f'saħħtu u jkollu sistema immunitarja tajba iktar ikun jista' jikkumbatti għall-kanċer u t-trattament tiegħu. Kanċer ma jkunx aktar aggressiv fiż-żgħażagħ u ma hemm ebda mudell għal li jottjeni liema grad u fuq liema età.

Il-kulur tal-ġilda jkollha effett fuq ir-riskju tiegħek? Ġeneralment le, imma xi kanċers huma aktar komuni fin-nies ta' ġilda tal-kulur. Per eżempju, il-kanċer tal-prostata għandha inċidenza ogħla fl-irġiel Afro-Karibew (mhux magħruf għaliex) u majlemo (kanċer tad-demm) hija aktar komuni fil-popolazzjoni tas-suwed.

**Huwa interessanti li hemm xi tipi ta' kanċers li huma ereditarji. Kanċers tal-ovarji, imsaren, tas-sider u kanċer fl-utru sabu li huma ereditarji għax ġew identifikati l-ġeni tas-suxxettibbiltà, jiġifieri x-xjenzati skoprew il-ġene responsabbli għal kull wieħed minn dawn il-kanċer. Dan ma jfissirx li inti se tikseb il-kanċer bilfors jekk ikollok il-ġeni, iżda jkollok riskju akbar. Tista' jekk inti trid, tiġi ttestjat biex tara jekk il-ġeni kinux ġew trasferiti.**

Kanċers tat-testikoli, frixa u tal-prostata jistgħu wkoll jimxu fil-familji iżda ma għandhom ebda ġene identifikati, għalhekk ma tistax tiġi ttestjat għalihom.

**Ta' min igħid x'inhija d-differenza bejn kanċer primarju u kanċer sekondarju. Il-kanċer primarju huwa fejn il-kanċer beda jikber. Il-kanċer sekondarju huwa meta xi ċelloli tal-kanċer primarju baqgħu jinqasmu bogħod mit-tumur primarju, u nfirxu fid-demm (jew sistema limfatika) għal sit ieħor fil-ġisem u bdew jikbru. Il-kanċer sekondarju huwa kkunsidrat bħala marda avanzata u għalhekk isir aktar diffiċli biex tikkurah. Il-kanċer jekk jinfirex fid-demm, ma' tistax tfejqu għal kollox u trid tibqa' tieħu l-kimoterapija minn żmien għal żmien.**

Ta' min jisħaq li dieta tajba u bilanċjata tgħinek tkun f'saħħtek qabel tibda trattament tal-kanċer. Is-sistema immunitarja tiegħek se tkun f'pożizzjoni aħjar biex jiġġieldu l-infezzjoni u inti takkwista fejqan iktar malajr. Wara, eżerċizzju jgħinek tħossok aħjar, jagħtik enerġija u wkoll tinkoraġġixxi l-moral. Iżda ħadd ma għandu jkun mbuttat jew imġiegħel bilfors. Kull wieħed jew waħda jagħmlu dak li huwa normali għalihom fil-limiti tagħhom.

Illum il-kura tal-onkoloġija avanzat ħafna u hemm diversi kimika għat-trattament li hija effettiva ħafna. Barra il-kimoterapija, hemm ukoll terapija bl-ormoni, u terapiji bijoloġiċi. **Jekk il-kanċer ikun għadu fi stadju primarju, kirurġija tkun biżżejjed biex tfiq għal kollox. L-onkoloġista huwa dak l-ispeċjalista li jiddeċiedi x'tip ta' terapija jkollok bżonn. Dan jagħmel ħafna kuraġġ għal min ikun affettwat minn din il-marda u għalhekk qatt ma għandna naqtgħu qalbna.**


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Kummentarju (2)

# Ieqaf u aħseb ftit...

## Id-dritt naturali fit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja



kitba ta' PAUL SALIBA

**Qegħdin kulma jmur nisimgħu u naqraw min jikkritika d-dritt tal-Knisja li tindaħal fil-kwistjonijiet soċjali li jolqtu liċ-ċittadin u lis-soċjetà li minnha jagħmel sehem. Xi wħud, neqsin mit-tagħlim tal-verità, isemmu l-kunċett tas-separazzjoni bejn il-Knisja u l-Istat u, filwaqt li jifhmu ħażin, jistaqsu: xi dritt għandha l-Knisja li tindaħal kif jaħseb u kif għandu jġib ruħu l-bniedem ħieles u, aktar u aktar, kif għandhom iġibu ruħhom u jilleġiżlaw in-nies tal-politika?**

Id-dritt li għandha l-Knisja li ssemma' leħenha biex tiddefendi d-dinjità tal-bniedem huwa dritt mhux mogħti lilha mill-bnedmin jew li hija tippretendih bis-saħħa ta' xi liġijiet magħmula mill-bnedmin, iżda **huwa dritt li ġej mill-istess natura tal-missjoni divina li Kristu nnifsu fdalha f'idejha.**

Din il-missjoni soċjali tagħha l-Knisja dejjem wettqitha, u għadha twettaqha llum, speċjalment kull fejn id-dinjità tal-bniedem ma tkunx qiegħda tiġi magħrufa jew imħarsa biżżejjed minħabba f'poteri jew ideoloġiji politiċi, sistemi ekonomiċi jew drawwiet soċjali.

### *X'inhu d-dritt naturali?*

Fit-tagħlim soċjali tagħha l-Knisja tinvoka ħafna dak li jissejjaħ id-dritt naturali. X'inhu dan id-dritt naturali? Fl-imgħoddi ngħataw ħafna definizzjonijiet minn meta dan il-kunċett nibet fid-dinja Griega tal-qedem.

M'għandix il-ħsieb, u lanqas il-limitazzjoni tal-ispazju fir-rivista ma tippermettih, li noqgħod insemmi t-tifsiriet li tawh il-filosofi Griegi Platone u Aristotile, jew aktar tard, il-ġuristi Rumani Ulpianus, Gaius, Paulus u oħrajn, u l-Imperatur Giustinianus; lanqas x'fehmu b'dan il-kunċett San Tumas t'Aquino, F. Suarez, San R. Bellarmino, Rosmini u għorrief oħra.

Dan il-kunċett ġie ttrattat profondament f'artiklu li kien deher fir-rivista *Civiltà Cattolica* tas-17 ta' Ġunju, 1989, fejn intqal hekk: "**Meta nitkellmu dwar dritt naturali rridu nfissru illi l-liġi morali u d-drittijiet umani joħorġu min-natura tal-esseri uman, jiġifieri minn dak li fil-bniedem hu speċifikament mill-iktar uman.**" U, fl-istess artiklu, ikompli jingħad: "Għalhekk, bil-kelma *natura,* wieħed irid jifhem il-karattri speċifiċi tal-bniedem, li jagħmlu minnu esseri kompost minn ruħ u ġisem, intelliġenti u liberu, destinat li jgħix fis-soċjetà, bil-għan li jimxi lejn il-perfezzjoni u l-milja tiegħu nnifsu ..."

### *Il-kunċett nisrani tad-dritt naturali*

Skont id-duttrina Kattolika, in-natura — li ma nqerditx bid-dnub oriġinali bħalma għallem Luteru, imma biss "indarbet" u "ddgħajfet", u li bis-saħħa tal-grazzja din



tista' tiġi pperfezzjonata — titwettaq fil-persuna tal-bniedem li minnha jinbtu l-valuri u d-drittijiet li lkoll flimkien jifformaw il-kontenut u l-qafas tad-dritt naturali.

Wieħed, għalhekk, jista' jifhem għaliex, lejn tmiem is-seklu dsatax, meta l-Illuminiżmu u r-Razzjonaliżmu kienu qegħdin jiċħdu fil-bniedem il-valuri sopranaturali, il-Papa Ljun XIII ried li l-Knisja tieħu l-kunċett nisrani tad-dritt naturali bħala wieħed mill-pilastri biex fuqu tibni t-tagħlim soċjali tagħha.

**Il-Knisja, illum ukoll, tqis li l-mandat li ngħatalha minn Kristu l-Fundatur Divin tagħha li xxandar il-Vanġelu lill-ġnus kollha, iħaddan ukoll id-difiża u l-promozzjoni tal-persuna umana fid-dimensjonijiet kollha tagħha, u għalhekk mhux biss fuq il-livell sopranaturali imma wkoll fuq il-livell naturali u temporali: żewġ aspetti li ma jistgħux jinfirdu minn xulxin. L-għaqda ta' dawn iż-żewġ aspetti fil-persuna umana hija l-bażi tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.**


Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

Meditazzjoni Biblika

# L-Inkarnazzjoni u t-twelid ta' Ġesù Bambin



kitba ta' **MONS. LAWRENZ SCIBERRAS**

**"Kristu twieled bil-qawwa ta' Alla, u mhux għax hekk kien jitlob l-ordni tan-natura; it-twelid tiegħu hu l-misteru tar-reliġjon tagħna, hu t-tiġdid tas-salvazzjoni tagħna". Hekk għallem l-isqof u duttur tal-Knisja San Pietru Krisologu. Għalhekk għandna għaliex tassew nifirħu meta f'dawn il-ġranet sbieħ tal-Milied nfakkru u ngħixu mill-ġdid dan il-Misteru.**

### *Misteru ta' mħabba*

Bil-kelma Inkarnazzjoni għandna nifhmu dak il-mument ta' meta l-Verb Etern, it-tieni persuna tat-Trinità beda jagħmel l-għamara tiegħu fostna bnedmin u dan fil-ġuf ta' ommu Marija. Dan huwa misteru kbir, u moħħ ta' bniedem mhux lakemm jifhmu. Ma nistgħux nifhmu kif l-Iben t'Alla fil-kobor u l-maestà tiegħu, seta' jitbaxxa u jinżel daqshekk li jieħu fuqu n-natura tagħna midinbin!!

F'dan il-misteru tal-Inkarnazzjoni seħħet l-unjoni jew għaqda tan-natura divina man-natura umana fil-persuna unika ta' Iben t'Alla; din l-għaqda tissejjaħ ukoll **"Unjoni Ipostatika"**. Kemm hija preċiża u qiegħda f'postha l-iskrizzjoni bil-Latin li hemm fid-dar ta' Marija ġo Nazaret: "Verbum Caro HIC Factum Est", l-Iben t'Alla HAWN sar bniedem. Mela HAWN f'Nazaret saret, l-għaqda bejn id-divin u l-uman, bejn dak li hu etern u dak li huwa taż-żmien bejn dak li jista' kollox u dak li issa għandu bżonn ta' kulħadd, bejn dak li hu ta' Alla u tal-bniedem.

### *Infissru aħjar*

Dan li ktibna sa issa jqanqalna biex b'moħħna mmorru sad-dar ta' Nazaret fejn sewwa li nisimgħu d-djalogu li sar bejn Marija u Gabriel. Ix-xebba aċċettat l-istedina tas-sema tant li wieġbet, "Ara jien il-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek" (l 1,38). Jikteb sewwa ħafna San Ċirillu ta' Lixandra f'wieħed mid-diskorsi tiegħu waqt il-Konċilju ta' Efesu (431) meta jgħid, li **"l-unjoni ipostatika kellha bidu bil-ħdan matern tax-xebba ta' Nazaret"**.



Din l-Inkarnazzjoni seħħet billi fil-Persuna tal-Verb Divin saret l-unjoni jew l-għaqda taż-żewġ naturi, mingħajr ma tnaqqas xejn min-natura divina u lanqas min-natura umana. Kristu sa mill-eternità kien Alla u baqa' Alla; ma kienx bniedem sa minn dejjem, iżda fil-milja taż-żmien sar bniedem fil-ġuf safi tal-Verġni Marija. Ġesù ma' kellux bħalna l-bnedmin missier naturali tiegħu, imma tnissel u sar bniedem bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu, u daħal fis-soċjetà umana u fl-istorja tal-bnedmin.

Jerġa' San Ċirillu Isqof ta' Lixandra: "Insellmulek, Marija għaliex fil-ħdan safi tiegħek ta' verġni lqajt lil min xejn ma jesgħu minħabba l-kobor bla qies tiegħu".

### *Indħil bejniethom!*

Skont it tagħlim ortodoss tal Knisja Kattolika fil Verb Inkarnat, hemm żewġ naturi, natura divina u natura umana. Iżda l-persuna hija waħda, **il-persuna tal-Verb Divin,** it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa. Il-Verb Etern, l-Iben ta' Alla, li kien minn dejjem fil-milja taż-żminijiet ħa l-ġisem minn Marija Verġni u sar bniedem bħalna u jibqa' bniedem għal dejjem, iżda ma tilef xejn min-natura ta' Alla.

Il-Papa San Iljun il-Kbir li miet fis-sena 461, dak il-papa li ismu huwa marbut tant mal-priedki profondi dwar il-misteru tal-Inkarnazzjoni, f'waħda minn dawn is-*sermones* li għamilhom matul il-lejl tal-Milied jgħid hekk: "Xejn ma intmess minn dak li hu proprju fl-essenza tat-tnejn; ingħaqdu biss f'persuna waħda; **il-kobor maċ-ċokon, il-qawwa mad-dgħufija, dak li hu ta' dejjem ma' dak li jmut**. Biex jitħallas id-dejn tagħna msejknin, in-natura li xejn ma jista' għaliha ngħaqdet man-natura li tista' tbati, u fil-persuna waħda tal-Mulej deher Alla veru u biedem veru". X'tagħlim ċar, profond u sod! Tagħlim mogħti lill-Knisja sa minn żmien daqshekk imbiegħed! U għadu jiswa għal żminijietna wkoll.

### *Għaqda dejjiema*

L-Iskrittura Mqaddsa tgħallimna li meta waslet il-milja

taż-żmien (Gal 4,4) Alla sar bniedem bħalna. Iżda nafu ukoll li jibqa' jżomm in-natura ta' bniedem għal dejjem, jiġifieri li l-unjoni ipostatika hija eterna; għad li kellu bidu iżda ma jkollu qatt tmiem. Dan jurina li Alla verament iħobbna ladarba ried li jkun u issa jibqa' bniedem bħalna għal dejjem.



L-anġlu Gabriel meta ħabbar l-Inkarnazzjoni lil Marija qalilha li binha Ġesù kellu jkun "Sultan għal dejjem" Lq 1,31-34). "Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesu. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David Missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, **u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu**" (Lq 1,31-33) .

Imbagħad l-awtur tal-lttra lil Lhud, meta jitkellem dwar is-saċerdozju li ma jintemm qatt ta' Ġesù jgħid: "**Ġesù, billi jibqa' għal dejjem, għandu saċerdozju li ma jintemm qatt**" (Lq 7,24).

Hawn irridu nwessgħu l-ħsieb tagħna billi ngħidu li mhux biss il-"Kelma" jew "il-Verb", iżda l-Kelma li saret ġisem, Ġesù, il-Bniedem Alla, li huwa s-Sultan tagħna u l-Qassis il-Kbir tagħna. Mela jekk is-Sultan u l-Qassis il-Kbir huwa għal dejjem, daqshekk ieħor hu veru li jibqa' għal dejjem Alla-Bniedem.

L-awtur tal-Ittra lil-Lhud jissiġilla l-ETERNITÀ ta' din l-unjoni ipostatika: "**Ġesù Kristu huwa dak li kien fl-imgħoddi, issa u għal dejjem**".

Kellu raġun minn fejn ibigħ l-għaref sottili l-beatu Dun Ġwann Scotu għaliex meta jitkellem u jfisser il-misteru tal-Inkarnazzjoni, dan il-beatu jsejjaħlu "*Maximus Dei opus ad extra*", jiġifieri l-akbar biċċa xogħol t'Alla 'l barra minnu.

**Matul dan iż-żmien tal-Milied dan il-fatt storiku daqskemm divin għandna nikkontemplaw, naduraw u nifirħu bih fit-Tarbija ċkejkna ta' Betlehem. Kemm kellu raġun il-qaddis Malti San Ġorġ Preca meta għamel tant propaganda tajba dwar il-kliem ta' l-evanġelista Ġwanni, u ried li s-soċji kollha jilbsu dawn il-kliem fuq sidirhom: "*Verbum Dei Caro Factum Est*".**





**KOTBA**

Minn Għawdex

# Is-saċerdot Għawdxi li ġibed tant qlub...

***Paolo Gariglio, "Dun Joe Galea. Ħabb u rebaħ il-qlub... mhux biss bil-ballun!", traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti minn Mons. Carmelo Refalo, Lumen Christi Publications, Għawdex 2010, 156 paġna, €7.***

Dan l-aħħar smajna fl-aħbarijiet li l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech ħabbar li dalwaqt tinfetaħ uffiċjalment il-kawża għall-beatifikazzjoni ta' Dun Mikiel Attard, saċerdot Għawdxi li miet b'fama ta' qdusija. M'humiex nieqsa l-mudelli, anki minn qalb il-kleru, ta' Għawdxin li għexu bix-xewqa li jiġbdu oħrajn lejn Alla. Dun Joe Galea, is-saċerdot mit-Triq ta' l-Għajn li qatta' l-ministeru saċerdotali kollu tiegħu jaħdem f'Turin, l-Italja, ġibed ħafna familji lejn Alla u lejn il-Knisja permezz tal-pedagoġija ta' Don Bosco li hu għamel tiegħu, għax fehem sew li jekk trid tiġbed iż-żgħażagħ jeħtieġ tqatta' l-ħin magħhom u ssir wieħed minnhom. U Dun Joe kien jgħaddi l-ġurnata kollha magħhom; bl-entużjażmu tiegħu għall-isports nissel fil-qalb ta' ħafna, ħeġġa kbira għal Kristu.

Il-personalità ta' dan il-qassis, li dritt wara l-ordinazzjoni fl-1977 telaq lejn Turin, fejn serva bħala djaknu, viċi u iktar tard bħala kappillan, toħroġ għad-dawl tajjeb ħafna fil-ktieb ta' Dun Paolo Gariglio, eks-kappillan Pjemontiż li għal tant snin ħadem mill-qrib u għex ma' Dun Joe hekk li tista' tgħid ma kienx hemm min jafu tajjeb daqsu. Il-ktieb *Un pallone per il paradiso*, maħruġ fl-Italja s-sena l-oħra, issa hu maqlub ukoll għall-Malti, grazzi għal Mons. Carmelo Refalo, arċipriet tax-Xagħra, li wkoll kien jaf sew lil Dun Joe. B'din il-bijografija f'idejna, ippreżentata b'lingwaġġ ikkulurit, filosofija umana u spiritwalità Kristjana, nistgħu niskopru iżjed is-sbuħija ta' saċerdozju mgħejx fi spirtu ta' mħabba u ġenerożità li ma taf iżżomm xejn għaliha nfisha. Għalhekk hu ktieb li jżommok taqrah sa l-aħħar paġna, fejn joħroġ dejjem iktar ċar li l-ħeġġa u l-karizma ta' Dun Joe kienu biss frott l-imħabba tiegħu lejn Alla.

Bl-istil sempliċi imma fl-istess ħin profond tiegħu, l-awtur jeħodna fi vjaġġ mal-ħajja pjuttost qasira ta' Dun Joe, li l-mewt tiegħu fi Frar 2007 ħalliet vojt kbir fost il-parruċċani kollha tiegħu, kif ukoll fost ħafna minn sħabu li kienu jafuh sa mis-snin taż-żgħożija fl-*Oratorju Don Bosco* tar-Rabat ta' Għawdex, fejn magħhom kien trabba u kiber. Fir-riflessjonijiet ħelwin ta' Gariglio nilmħu iktar minn sempliċi bijografija sistematika; hawn tinkixef il-ħajja ġewwiena ta' bniedem li ħabb id-dinja bl-ottimiżmu Nisrani u sfrutta kull okkażjoni u talent biex jevanġelizza bil-ministeru saċerdotali li għalih ħassu msejjaħ; bħal San Ġwann Bosco talab lil Alla: "Agħtini l-erwieħ u ħudli kollox", u fehem tajjeb il-motto li bih kien ittimbrat kull seminarista tul il-formazzjoni fis-Seminarju ta' Għawdex: "*The world is my parish!*". Misjuq minn din l-enerġija, bħal Don Bosco u fl-istess ambjent tiegħu, sar appostlu ieħor taż-żgħażagħ, mudell elokwenti għall-kleru ta' żmienu u għal dak tal-lum.




Wara l-futboler maħbub miż-żgħażagħ naraw moħbija l-ispiritwalità qawwija tar-ragħaj ta' l-erwieħ u l-katekista. Mill-għajnejn tal-kappillan tiegħu, imma wkoll ta' bosta oħrajn li ħadmu miegħu, insiru nafu lil Dun Joe mill-qrib, sa mill-ewwel snin avventurużi ta' żgħożitu, tul il-mixja mqallba imma soda tas-saċerdozju, sal-mogħdija iebsa tas-salib li wasslitu sa fuq il-Kalvarju. Dawn huma t-tliet partijiet prinċipali tal-ktieb. Bi preżentazzjoni ta' l-Isqof emeritu ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi, dan il-ktieb, mitbugħ f'ilsienna mil-*Lumen Christi Publications*, fih ukoll xi ritratti bil-kulur mill-ħajja ta' Dun Joe.

L-awtur jixtieq jipproponi lil Dun Joe Galea bħala mudell ta' ħajja saċerdotali impenjata li, minkejja s-sofferenzi u l-isfidi, toffri sodisfazzjon u tagħti l-ferħ, għax ħierġa mill-imħabba ta' Alla u hi ddestinata li xxerred din l-imħabba fid-dinja. Hu proposta wkoll għal dawk li jixtiequ jikbru fl-imħabba tagħhom lejn il-missjoni tal-Knisja, għalliema u formatriċi tal-qlub.

***Francesco Pio Attard***

KOTBA

Minn Għawdex

# Għawdxin li tawna eżempju! 33 mudell tal-Fidi Nisranija

*Angelo Xuereb, Xhieda Nisranija fl-Istorja tal-Knisja Għawdxija, l-Ewwel Volum, Lumen Christi Publication, Gozo Press, 2010, pp.148, €5.*

Ktieb ta' Angelo Xuereb li jurina bid dieher li Għawdex ukoll, fiċ-ċokon tiegħu, xettel u pproduċa nies għaqlin, li bil-għajnuna ta' Alla u b'rieda tajba tagħhom, ħadmu u għamlu l-ġid lil għajrhom, mhux biex jidhru sbieħ huma, imma biex jgħinu u jagħtu glorja lil Alla. Mhux possibbli li noqgħod insemmi dawn it-33 persuna waħda waħda, imma jien iktar minn ċert li kollha għamlu mewta qaddisa u x'uħud minnhom b'fama ta' qdusija, u għadhom ħajjin fil-memorja tal-fidili li għadhom sal-lum jitolbu lil Alla bl-interċessjoni tagħhom u jaqilgħu wkoll grazzji bil-qawwa tagħhom.

Dan il-ktieb jiġbor fih 33 persuna li jekk tiflihom sewwa, tara kemm huma differenti fin-natural tagħhom; natural, li sarrfuh tassew f'karattru li ma jitħassar qatt fl-Istorja tal-Knisja Għawdxija. Kienu nies bħalna, u bħalna kellhom id-difetti u d-dgħufija, imma għamlu ħwejjeġ kbar bis-sempliċità u b'sabar kbir. Kienu nies li ma beżgħux mid-diffikultajiet u webbsu rashom sakemm waslu fejn riedhom Alla.

X'uħud minn dawn, għexu ħajja moħbija, ħajja ta' talb, sawm u karità; oħrajn xammru l-kmiem u daħlu għal xogħol iebes li temmew b'tant sagrifiċċju, u ssib oħrajn li wasslu l-messaġġ tal-Vanġelu bil-kelma u bl-eżempju, imma kollha kemm huma kienu għodda magħżula f'idejn Alla li, kif kien jgħid Papa Giovanni, "għandu bżonn il-bnedmin".

L-awtur ta' dan il-ktieb, Angelo Xuereb, huwa studjuż imħarreġ sew fit-Teoloġija u fl-Istorja tal-Knisja, u fittex u ġabar tagħrif siewi daqskemm kurjuż, minn kotba, artikli u minn fomm in-nies, fuq 33 persuna li ħadmu fil-qasam pastorali tal-Knisja ta' Għawdex, imma ħallew isem ukoll fil-ħajja soċjali u kulturali tagħna. Il-ktieb hu tassew attraenti, b'ritratt ta' kull persunaġġ, b'tipi ċari, b'Malti mexxej li jifhmu kulħadd u bla għelt. Dan il-ktieb, jekk taqbdu f'idejk, tifthu u tibda taqra, ma jkollokx aptit tħallih qabel taqrah kollu. Jien qrajtu f'ħakka t'għajn.




L-għan ewlieni u nobbli tal-awtur, huwa li jfakkarna fil-ħidma li l-Knisja f'Għawdex dejjem għamlet favur il-foqra u l-imwarrbin u kemm ġid ħalliet u għadha tħalli fostna; imma dan il-ktieb inkiteb ukoll biex min jaqrah, jidħol daħla fih innifsu, u jimita lil dawn il-bnedmin, u flok joqgħod bilqiegħda jikkritika, imidd għonqu għax-xogħol fil-qasam pastorali. M'hemmx bżonn tkun xi qassis jew reliġjuż jew membru ta' xi għaqda biex tagħmel il-ġid fil-Knisja ta' Kristu; il-fatt li inti nisrani hu ġa iktar minn biżżejjed biex tqum min-ngħas u t-telqa u taħdem għall-glorja ta' Alla u tal-erwieħ. Il-ktieb jagħmlilna wkoll kuraġġ kbir, u jrid jurina li fid-Djoċesi ta' Għawdex hemm ħafna tajjeb u nies dedikati li ħafna drabi jimxu fit-triqat imserrpa tagħna u magħna, u aħna bilkemm nintebħu bihom, distratti kif aħna fid-dinja mgħaġġla tal-lum.

Il-ktieb fih preżentazzjoni ta' Mons. Salv Grima, u daħla tal-awtur. Nirrikkmandah lil kull min iħobb il-Knisja u lil kull nisrani konvint u lest li jibdel ħajtu għall-aħjar fuq l-eżempju ta' tant erwieħ ħutna li batew u tilfu kollox f'din id-dinja, u li issa qegħdin jiddu bħall-kwiekeb fis-sema safi ta' Għawdex.

Nistenna fuq ix-xwiek it-tieni volum!

***Rev. George Mercieca***

LETTERATURA GĦAWDXIJA

poeżija ta' **Ġanninu Cremona**

# Il-Ħolma tal-Milied

Meta nisma' x-xita ttektek
fuq il-ħġieġ tat-tieqa tiegħi
u fil-bogħod ir-ragħad ikarwat
w ir-riħ jgħanni qalb il-friegħi,

mill-irdoss tas-sodda ratba
jien ngħid f'qalbi : "ix-xitwa bdiet",
u nintilef f'ħolma twila
dwar il-ġrajja tal-Milied.

Nistħajjilni mal-pasturi
fil-presepju tal-Bambin,
man-nagħġiet bojod qotnija
u ma' l-anġli żgħar henjin.

F'dak il-beraħ tal-kampanja
qalb muntanji u widien,
taħt l-għerejjex tal-bedwini
jew għall-kenn ta' taħt l-għerien,

fil-presepju, blat u sagħtar,
xewk w għollieq, leħjet ix-xiħ,
il-ħolqien lest biex isellem
lil Ġesù, biex jagħtih ġieħ.

U fin-nofs nilmaħ il-grotta
bil-maxtura fqira fiha,
fuq it-tiben tfajjel ċkejken
lil Ġesù ċkejken tarbija.

Tfajjel ċkejken ħelu zokkra
għajnejh jibbru, żewġ kewkbiet,
ħaddejh ħomor bi tbissima
tistħajjilhom żewġ wardiet,

u fuq naħa lil Ġużeppi
u fuq l-oħra lil Marija
għarkupptejhom bl-akbar qima
qed jitgħaxxqu bit-tarbija;

u ħdejn rasu baqra u ħmara
ħdejn xulxin, siekta w ġwejdin,
ferħanin għax bin-nifs tagħhom
qed isaħħnu lill-Bambin.

Ma' kull rokna l-anġli jtiru
bi ġwenħajhom tal-ħarir,
libsa bajda tal-bizzilla
faxxa f'qaddhom lewn in-nir.

F'ħalqhom kellhom it-trumbetti
biex ixandru ma' kull riħ
li kien wasal il-Messija
l-Emmanweli, il-mixtieq.

Dawl mis-sema mela l-grotta,
donnha l-ġenna niżlet fl-art,
għab id-dlam, spiċċat ir-reżħa,
majna r-riħ, intemm il-bard.

Riħa tfuħ, narċiż u sagħtar,
bħur u nċens minn tas-smewwiet
imlew l-arja, ġewwa l-grotta
melodija t'innijiet.

Bqajt mistagħġeb b'dik ix-xena
tal-presepju, fil-ħolm tiegħi
meta lmaħt resqin ir-rgħajja
biex igawdu x-xena miegħi.

Bil-kabozza madwar rashom,
bil-barżakka fuq spallejhom
ġeżża suf bajda qotnija
bil-bastun ta' ragħaj f'idejhom.

U bil-qajla, l-qajla, siekta,
bħal skantati u mistgħaġbin
resqu qrib, daħlu fil-grotta
ħdejn Ġesù, ċkejken Bambin.



Wieħed minnhom newwel ġeżża
ta' suf abjad lil Marija
biex tifrixha fuq it-tiben
ħalli ssaħħan lit-tarbija.

Ieħor qabad driegħ in-nagħġa
beda jaħleb ħalib bnin
mela bieqja lil Ġużeppi
biex irejjaq lill-Bambin.

Għodu għodu, kif fix-xefaq
bdiet iżżernaq l-ewwel dija,
dawl tas-sliem feġġ fuq id-dinja,
għax kien twieled il-Messija.

L-aħbar ġriet u Betlem kollha
bdiet tinġabar madwar l-għar,
kulħadd telaq ix-xogħol tiegħu
nisa, rġiel, tfal żgħar u kbar.

L-ewwel nara lill-mistagħġeb
jgħolli jdejh, qisu skantat,
malli ra dik it-tarbija,
dak il-ġmiel, baqa' ċċassat.

Rajt lill-bidwi ġej mill-għalqa
jġorr l-imgħażqa fuq spallejh,
baqa' wieqaf, baqa' sieket,
ma riedx jemmen lil għajnejh.

Ġew taż-żaqq u tal-flejguta
biex iferrħu lill-Bambin
bid-daqq tagħhom kollu ħlewwa
baqgħu wieqfa, mistagħġbin.

Ġiet il-mara timla l-ilma
b'żewġt iqliel minn ġol-fawwara,
waqfet hemm ma' l-oħrajn kollha
kollha ħeġġa, kollha ħrara.

Betlem saret il-presepju
il-nies tagħha, il-pasturi;
kulħadd resaq lejn il-grotta
biex imħabbtu 'l Ġesù juri.

Il-ħaddied ħalla l-inkwina,
tefa' l-forġa u l-musbieħ
biex fil-grotta, fl-għar ta' Betlem
lil Ġesù mar jagħti ġieħ.

Il-furnar telaq il-pala,
ħalla l-għaġna fil-lenbija,
lejn il-grotta qabad triqtu
sabiex jara lit-tarbija.

In-nissieġa telqet l-għodda,
ir-raddiena u l-mekkuk,
għodu, għodu rħietilha
malli idden is-serduk.

Ġewwa s-sienja, il-ħmar waħdu
ma' l-ispiera baqa' jdur
l-ilma jgelgel għal ġor-raba'
qisu xmara qegħda tfur.

Ir-raħħal telaq il-merħla,
it-taħħan il-mitħna ddur,
għax kulħadd fil-belt ta' Betlem
f'daqqa waħda sar pastur.

U fil-bogħod rajt kewkba sbejħa
miexja, miexja fuq l-għoljiet
sakemm waslet fuq il-grotta
hemmhekk waqfet u poġġiet,

sabiex turi lit-tliet maġi
li mill-bogħod kienu ġejjin,
il-maxtura fl-għar ta' Betlem
fejn kien twieled il-Bambin.

Kont pastur għal ftit mumenti
fil-presepju tal-Bambin;
kemm tgħaxxaqt bil-ħolma tiegħi
u kemm għadda jiġri l-ħin!

Kemm kont hieni mal-pasturi
f'dik il-paċi, f'dak is-skiet,
sakemm ħesrem ftaħt għajnejja
biex stenbaħt, il-ħolma għaddiet.

Jalla nibqa' noħlom dejjem
bil-presepju u l-Bambin
fil-Milied sabiħ u hieni
ta' kull sena, tul is-snin.

"Cover Picture Story"

miġbura minn D.A.S.

# Gawdi Milied Veru f'Għawdex

## *Kull parroċċa għandha ħafna sabiħ x'toffri*











## X'tgħid ir-riċerka dwar żwieġ stabbli





# BI ŻWIEĠ STABBLI JGA

### 1 L-IMPATT TAD-DIVORZJU

***fuq it-teenagers :***

L-ulied ta' ġenituri ddivorzjati jew li qatt ma żżewġu

- jibdew is-sess kmieni
- isiru *pregnant* aktar spiss barra miż-żwieġ
- ikollhom it-tfal meta jkunu għadhom *teenagers*
- hemm probabbiltà li ma jkollhomx żwieġ hieni
- jinsabu f'riskju li huma stess jiddivorzjaw.

*(Paul R. Amato, Alan Booth,*
*"A Genaration at Risk, Growing Up in an Era of Family Upheaval"*
*Harvard University Press)*



***fuq it-tfajliet :***

**Tfajliet li l-ġenituri tagħhom jiddivorzjaw**

- għandhom riskju, tliet darbiet aktar minn oħrajn, li jkollhom tarbija barra miż-żwieġ
- għandhom ukoll tliet darbiet aktar ir-riskju li jitilqu mid-dar qabel iż-żmien minħabba nuqqas ta' qbil
- f'kuntrast ma' tfajliet oħra, għalihom ir-riskju li jikkoabitaw qabel iż-żwieġ jirdoppja.

*(Andrew J. Cherlin, Kathleen E. Kiernan,*
*P. Lindsay Chase Lansdale)*

**Aktar ulied barra miż-żwieġ**

Divorzju f'din il-ġenerazzjoni jwassal għal żieda kbira fi trabi barra miż-żwieġ fil-ġenerazzjoni ta' wara.

*(Linda J. Waite, Maggie Gallagher,*
*"The Case for Marriage"*



### 2 L-IMPATT TAD-DIVORZJU

***fuq il-ġuvintur***

- ir-riskju li l-ġuvni jitlaq mid-dar qabel iż-żmien huwa tliet darbiet aktar
- jirdoppja għalih ir-riskju li jikkoabita qabel ma jiżżewweġ
- jirdoppja għalih ir-riskju li jsir missier qabel ma jiżżewweġ.

*(Andrew J. Cherlin, Kathleen E. Kiernan, P. Lindsay Chase Landsdale,*
*"Parental Divorce in Childhood and Demographic Outcomes in Young Adulthood)*

## Dawl għall-Ħajja

# WDI KULĦADD, KBAR U ŻGĦAR



### 3 L-IMPATT TAD-DIVORZJU

***fuq l-omm u l-missier***

- jiddgħajfu r-rabtiet familjari
- jonqsu l-kuntatti, u r-rabtiet emozzjonali bejn l-ulied adulti u l-ġenituri tagħhom jiddgħajfu u jintfew
- iċ-ċans li l-ulied adulti jiltaqgħu kull ġimgħa ma ommhom u missierhom jonqos b'40%

*(Diane N. Lye, Daniel H.K. Springer, Patricia Lavistyle, Anjanette Nelson, "Childhood Living Arrangements and Adult Children's Relations with Parents")*

- jiżdiedu l-konflitti bejn il-ġenituri

*("The Case for Marriage")*

- il-konsegwenzi finanzjarji jistgħu jkunu diżastrużi, għar-raġel, għall-mara u għall-ulied.

*(Richard R. Peterson, "A Re-evaluation of the Economic Consequences of Divorce")*

Meta nosservaw ix-xenarju li r-riċerka dwar id-divorzju tqiegħed quddiemna, ikollna nagħtu raġun dak li qalulna **l-Isqfijiet fin-Nota Pastorali** tagħhom dwar

***Iż-Żwieġ, il-Familja u n-Nisrani Quddiem Ġesù :***

- "Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar qed nindunaw kemm dak kollu li għamel il-Mulej meta kien fostna kien biex jgħin lilna **nifhmu iktar il-pjan tiegħu**...
- **Dan jgħodd f'kollox**, iżda aħna xtaqna li napplikawh għad-diskussjoni li għaddejja bħalissa fuq iż-żwieġ u d-divorzju u l-effetti tad-divorzju...
- **Ma tistax tesprimi valur** (f'dan il-każ, is-sbuħija taż-żwieġ u l-familja) **u taċċetta realtà kontrih**: trid tagħżel ukoll it-triq biex twassal għal dak il-valur...
- Wara d-divorzju ma tistax titkellem aktar fuq żwieġ dejjiemi, stabbli bħalma kien il-pjan t'Alla fil-bidu; **tkun qed tibdel in-natura tiegħu**...
- Iżda forsi kieku Ġesù kien hawn fostna llum, forsi konna ngħidulu: "Mulej, iżda kullimkien daħal id-divorzju, fid-dinja kollha!" Żgur li ma kinitx tinbidel it-tweġiba tiegħu: "Dak minħabba l-ebusija ta' qalbkom." **Hija l-attitudni tagħna li trid tinbidel mhux iż-żwieġ!**...
- Forsi anke aħna konna ngħidulu, bħad-dixxipli tiegħu, li dan kollu huwa tqil. Nemmnu li Ġesù kien iweġibna li dan hu l-pjan ta' Alla għalina: li **jkun hemm ħafna aktar tbatija għas-soċjetà meta ma nsegwux dan il-pjan milli meta nsegwuh**...
- Hu għall-ġid tagħna lkoll – li aħna nafuh bħala l-ġid komuni – li Ġesù jgħidilna dan. Il-kliem ta' Ġesù ġie ppruvat mir-realtà ta' ħafna pajjiżi. **Daħħlu d-divorzju għaliex ħasbu li se jsolvu l-problemi madwar il-falliment taż-żwieġ, u minflok żdiedu l-problemi**...
- L-ebda Nisrani ma jista' jippretendi li Ġesù kien iwieġeb mod ieħor. Ma nistgħux nippretendu li llum Ġesù kien iwieġeb: "Saħħu ż-żwieġ billi ddaħħlu d-divorzju!"
- It-tweġiba nisranija hija waħda:

**LE GĦAD-DIVORZJU**

TIEQA FUQ L-AMBJENT (23)

# L-GĦASFUR TAL-BEJT



*(Dan huwa t-tlettax-il artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* Joe Sultana



*Kolonja żgħira ta' bejtiet f'ħoġor ta' tieqa*

**L-Għasfur tal-Bejt**, jew kif inhu magħruf ukoll bħala **l-Għammiel tal-Bejt**, huwa l-iżjed għasfur komuni li jbejjet f'kull belt jew raħal f'Għawdex, kif ukoll fil-kampanja kollha. Jinstab f'pajjiżna s-sena kollha, f'kull parti tal-gżira. Ibejjet kullimkien. Jibni bejta goffa f'toqob ta' kull xorta, fil-ventilaturi, fil-katusi, fil-ħitan, fis-sisien, fl-għerien, f'toqob fi blat kbir fil-baħar, fuq ħoġor tat-twieqi, kif ukoll f'siġar. Xi snin ilu par kien anki bejjet f'wieħed mill-vapuri li kienu jaqsmu mill-Marfa għall-iMġarr. Minbarra li ġeneralment kull par jibni bejta iżolata għalih, xi pari jibnu ħafna bejtiet flimkien f'kolonja jew f'siġar għoljin, jew fuq xi ħoġor ta' tieqa wara l-ħadid, u jiffurmaw massa kbira ta' ħuxlief b'toqob differenti waħda għal kull par.



*Għasfur tal-Bejt (raġel)*

**L-Għasfur tal-Bejt** fih minn 14 sa 16-il ċentimetru, daqs **Bilbla**, imma mhux mislut daqsha, għax kemxejn imbaċċaċ. Munqaru addattat għaż-żrieragħ. Imma mhux żrieragħ biss jiekol. Jiekol anke frott, dud u insetti, kif ukoll ħobż u jnaqqar u jlaqqat li jsib mill-iskart. Ġieli tarah ukoll jittajjar biex jaqbad fl-arja n-nemel tal-ġwienaħ meta jofroħ, jew xi werżieq. Saqajh qosra, u ma jimxix fl-art bħalma jagħmel iz-zakak jew il-pespus, imma jaqbeż fuq saqajh it-tnejn. Iħobb iżomm fi qtajja', ġieli kbar, partikolarment wara l-istaġun tal-bejta. Iħobb jinġabar ukoll f'numri kbar għar-rqad bħalma jagħmel fis-siġar il-kbar tal-Fikus li hemm fit-Tokk, u fi nħawi oħra t'Għawdex.



*Għasfur tal-Bejt (mara)*

Minħabba li hu komuni ftit nagħtu kas kemm ir-raġel hu għasfur sabiħ. **L-Għammiel** għandu rasu kannella qastniha skura, b'wiċċ abjad. Għonqu, minn taħt u sidru, suwed. Fir-rebbiegħa munqaru wkoll jiswiedlu. F'dak iż-żmien l-irġiel tgħidx kemm jiġġieldu fuq xi **Għammiela** jew biex jokkupaw xi ventilatur. **L-Għammiela** ma jkollhiex il-kuluri tar-raġel; hija ta' lewn griż ċar kemxejn kannellija minn fuq.

Ġieli jibda jaħseb għall-bejta mill-aħħar ta' Jannar jekk it-temp jaqleb għall-aħjar kmieni, imma ġeneralment il-mara tbid l-ewwel teqgħida f'Marzu. Ġieli jkollu anke sa tlett tegħqidiet ta' bajd fi staġun wieħed li jġebbed sa Lulju u xi drabi anki sa Awwissu. Għalkemm il-bejta tkun goffa u magħmula mill-ħuxlief, il-qaleb minn ġewwa jkun miksi b'rix u ħuxlief artab. Ir-raġel jgħin lill mara kemm biex tibni l-bejta kif ukoll biex iżżoqq lill-frieħ, iżda ġeneralment hi ssaħħan il-bajd, ħlief xħin toħroġ biex titrejjaq. Kull teqgħida jkun fiha minn erbgħa sa sitt



*Bejtiet tal-Għasafar tal-Bejt f'siġra*

bajdiet bojod jew kemxejn ċelesti ċar, bi ftit jew ħafna dbabar rqaq u skuri. Jieħdu minn għaxar sa erbatax-il jum biex ifaqqsu u l-frieħ itajru wara xi erbatax-il jum ieħor. Huma jibqgħu għal ftit jiem oħra jittajru wara l-ġenituri li jkomplu jitimgħuhom, sakemm jitgħallmu jieklu weħidhom u jibdew ifendu għal rashom. Għalkemm l-**Għasfur tal-Bejt** huwa residenti, xi ftit qtajja' mill-parti



*Bajd tal-Għasfur tal-Bejt*



*Bejta tal-Għasfur tal-Bejt ġo ventilatur*

t'isfel tal-Ewropa ġieli jpassu u jgħaddu minn pajjiżna fil-ħarifa jew fil-bidu tar-rebbiegħa.

L-isem xjentifiku ta' l-**Għasfur tal-Bejt** huwa ***Passer hispaniolensis***. Il-kelma *Passer* kien l-isem li ta lil-għasafar tal-bejt ir-Ruman Pliny fil-ktieb numru 10, iddedikat lill-għasafar, fis-sensiela ta' kotba li kien kiteb dwar l-istorja naturali. Pliny li kien ammirall, kien ukoll skular li għex fl-ewwel seklu wara Kristu, u l-ktieb numru 10 huwa sors importanti fejn wieħed isib l-ismijiet tal-għasafar antiki bil-Latin. It-tieni kelma *hispaniolensis* li tfisser Spanjol ġejja mill-Latin *Hispania* li tfisser Spanja. Infatti l-isem bl-Ingliż tal-**Għasfur tal-Bejt** huwa *Spanish Sparrow*. Iżda dan mhu Spanjol xejn. Il-popolazzjoni ta' dan l-għasfur li tinstab fil-parti t'isfel tal-Italja, Sqallija u l-gżejjer Maltin hija popolazzjoni ibrida, taħlita ffurmata bejn razez differenti ta' l-**Għasfur tal-Bejt** u għadha mhix speċi pura. Jingħad li fl-imgħoddi l-Isqallin kienu jsejħulu *Ladro Maltese* (ħalliel Malti). Xi tassonomisti, partikolarment l-ornitologu Ġermaniż Ernst Johann Otto Hartert (1859–1933), kienu jqisu l-popolazzjoni li tbejjet fil-gżejjer Maltin bħala sottospeċi differenti u kienu jagħrfuha bħala *Passer hispaniolensis maltae*.

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net



**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**






# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħamsa u Tletin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-LUMINATI F'GĦAWDEX (3)*

***Magni, apparat ieħor, materjal u ħaddiema.***

F'din il-parti tal-kitba tagħna se naraw x'apparat kien jintuża għax-xogħol tal-luminati u x'ingredjenti kienu jinqdew bihom biex isiru l-luminati li kienu jinħadmu f'Għawdex, u fejn nistgħu, ngħidu wkoll kemm ħaddiema kienu jaħdmu fl-intrapriża.

***Michele Vella u Paolo Pisani***

Biex tkun tista' tinħadem il-luminata, kien ikun hemm bżonn il-magni u apparat ieħor, kif ukoll il-materjali meħtieġa bħal zokkor, essenzi, aċidu, gass ($CO_2$), fliexken għall-ibbottiljar, u kaxxi fiex jinġarru l-fliexken. B'xorti tajba mal-kuntratt li sar bejn Michele Vella u Paolo Pisani hemm lista ta' l-apparat u l-materjali li kienu jintużaw biex tinħadem il-luminata li qegħdin nippubblikawha fl-aħħar ta' dan l-artiklu.

***Id-ditta The Sun***

*The Sun Mineral Water Factory* ta' Georgio Debrincat, Victoria, Gozo, bdiet taħdem qabel it-Tieni Gwerra. Kellha magna u apparat mixtrija mingħand Jack Serra, minfejn ukoll kienu jiġu akkwistati d-doża u l-essenza u l-*flavour* tal-luminata u tal-*Cola*, iż-żewġ prodotti li kienet taħdem din id-ditta. Materja prima oħra kienet il-gass ($CO_2$ jew *Carbon Dioxide*). Il-fliexken kienu jinxtraw minn barra permezz tad-ditta "Jack Serra" u kien ikun fihom sbuzzat fuqhom ix-Xemx tielgħa, it-*Trademark* ta' din id-ditta. Jidher li dawn il-fliexken kienu jingħalqu bis-sistema tat-tappijiet jew plattini (*crown corks*) Naturalment, il-fabbrika kellha wkoll il-magni tal-mili, tal-ħasil, u fliexken u kaxxi apposta.

F'din il-fabbrika, minbarra s-sid, kienu jaħdmu ħamsa min-nies l-aktar ulied Giorgio Debrincat, sid il-fabbrika. Dawn kienu Karmena, Rita, Ġużepp u Kelinu li kien joħroġ ibigħ fl-irħula kollha, l-ewwel bid-debba



u l-karrettun u mbagħad bit-trakk. L-oħrajn kienu min jaħsel il-fliexken, min jibbottilja, u min iġorr. Fis-sajf kienu jtellgħu sa 50 kaxxa ta' 48 flixkun kull jum, fix-xitwa 20 kaxxa kull jum. Min jibbottilja kien ikun dejjem fil-periklu. Infatti, Karmena kienet weġġgħet fuq ix-xogħol.

Din id-ditta kienet taħdem bħala intrapriża tal-familja. Għalhekk, meta l-ħaddiema dabbru rashom u ma kienx baqa' min jaħdem, id-ditta kellha żżarma. Hija ħasra li meta żarmat kien għad fadal seba' (7) balal fliexken, (għax il-fliexken kienu jiġu minn barra f'balal tat-tiben) li kellhom jintremew għax ma kienx baqa' użu għalihom. Dawn kienu ntremew ħafna snin wara li l-fabbrika żarmat biex il-post kellu jiġi mnaddaf għax għadda għand ħaddieħor.

***Id-Ditta Lighthouse***

Id-ditta ***Lighthouse*** kellhom magna *diesel* li kienet tħaddem *flywheel* biċ-ċineg fuq *shaft* imwaħħal mal-ħajt bid-dras ikkonnettjati maċ-ċineg li kienu jduru biex iħaddmu ż-żewġ magni li kienu jimlew il-fliexken bil-luminata (magni ta' l-ibbottiljar) u jitfgħu l-gass ġol-flixkun u magna oħra li kienet tagħlaq it-tappijiet. F'xi żminijiet din il-magna kienet titħaddem minn Karmnu missier is-Slaw, u anki dan ġie li ħaddimha, imma darba



mar fir-raba' ta' taħt il-Kastell, sab murtal u meta pprova jisserraħ tajjarlu idu.

Fis-snin 50 jien ġie li waqaft inħares nara l-fliexken iduru fuq rota tonda biex jingħalqu bit-tapp tal-plattin (*crown cork*). Il-magna tal-*Lighthouse* kellha l-protezzjoni biex fil-każ li jisplodi xi flixkun ma jweġġa' ħadd.

Kien hemm magna oħra jgħidulha *bottle washer*, li kienet qisha ġiebja bl-ilma bil-pajpijiet weqfin (xi 100) u l-ewwel kienu jdaħħlu l-fliexken ġol-pajpijiet il-weqfin, imbagħad wieħed iniżżel il-*leaver* u b'hekk jisprejja l-ilma ippressat ġol-fliexken biex jinħaslu u wara jħalluhom jinxfu.

Kien ikun hemm ukoll ċilindru tal-gass.

Il-fliexken tal-luminata kienu jitpoġġew ġo kaxxi ta' l-injam u titqassam permezz ta' trakk fil-ħwienet ta' l-inbid fir-Rabat u anki fl-irħula.

Jidher ukoll li billi dawn id-ditti bdew jaħdmu ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45), fi żmien il-Gwerra l-luminata kienet titqassam bil-karrettuni. Fis-sajf kull jum kienu jqassmu 50 kaxxa ta' 48 flixkun il-waħda u fix-xitwa 20 kaxxa kull jum.

### *Il-Magni tad-Ditta Victor Bajada*

Dawn il-magni kienu nxtraw mingħand Jack H. Serra ta' Triq l-Ifran il-Belt Valletta, u kien tat-tip Meadcraft & Sons, li jista' jkun li kienu bbażati Beverly Hills, Londra.

### *Dawn il-magni kienu jikkonsistu fi:*

Żewġ magni tal-mili tal-fliexken. Jimlew, ċirca 1 uqija zokkor u essenza, il-bqija ilma bil-gass u separatament ipoġġu t-tapp. Mela Victor Bajada kellu makkinarju modern li jagħlaq il-fliexken bit-tappijiet (*crown corks*). It-tappijiet kienu tal-kulur isfar u aħdar, kellhom ftit sufra ġewwa u kienu magħmulin b'dawn il-kuluri speċifikament għad-Ditta ta' Bajada.

### *Magna li taħsel il-fliexken u magna li tħallat il-gass*



Dawn il-magni kienu jipproduċu luminata mimlija f'żewġ daqsijiet ta' fliexken: tas-7 uqijat u l-kaxxa kien ikun fiha 48 flixkun u tat-12-il uqija u l- kaxxa kien ikun fiha 12-il flixkun.

Il-fliexken kellhom it-*trade mark* tal-kaċċatur u l-isem "Sportsman" sbuzzat fihom, imbagħad kienet titwaħħal tikketta differenti skont liema togħma ta' prodott tkun. Dawn il-fliexken kienu jinxtraw mingħand ditta mill-Belġju, u kienu jiġu ġo balla mimlija tiben.

Il-magni kienu kollha kkomunikati ma' sistema ta' ċniegi (*belts*) li kienu jitħaddmu minn magna *diesel* tat-tip "Armstrong Siddely" li Bajada kien xtara mingħand id-ditta "John Bull" ta' Malta.

Kien hemm wkoll *chamber* li jikkonsisti f'tubu kbir fejn il-gass ($CO_2$) kien jinżamm wara li jitbattal miċ-ċilindri, u kellu regulatur biex jikkontrolla l-gass għal ġol-magni tal-mili.

### *Ingredjenti*

L-ingredjenti li bihom kienet tinħadem il-luminata ta' Victor Bajada kienu dawn:

1. Ilma li kien jinzamm u jiġi ppurifikat xi ftit ġo żewġ ġibjuni kbar apposta.
2. Gass $CO_2$ jew *Carbon Dioxide.*
3. Essenza mixtrija mingħand *Duckworth & Co. (Essences) Limited, Old Trafford Essence Distillery, Chester Road, Manchester*, mill-aġent *Jack Serra* msemmi fuq. Xi kultant kienet tiġi wkoll essenza mill-Italja.
4. Zokkor li kien jiġi mgħolli ġo borom kbar biex iktar jinħall u jitħallat ma' l-essenza u l-ilma.

### *Impjegati ta' Victor Bajada*

Apparti s-sid, kien hemm ukoll dawn l-impjegati:

4-8 tal-familja *part-time* fix-xitwa, u *full time* fis-sajf. Hawn tajjeb li jingħad li l-aktar li ħadmu hemm kienu t-tfal tiegħu, Katerina Bajada u Franġisku Bajada. Kien hemm wieħed għall-ħasil tal-fliexken u sewwieq tat-trakk li kien idur iqassam ix-xogħol fl-irħula li semmejna u fejn ikun hemm l-ordni.

Dwar il-mili tal-fliexken għandu jingħad li f'Għawdex ġraw każi fejn waqt li kien qed jimtela l-flixkun, dan sploda u korrew il-ħaddiema, ħaġa li kienet tista' tiġri fil-fabbrika ta' Bajada wkoll, għalhekk il-magni tiegħu kellhom *protection shield* għall-operatur u l-ħġieġ kien imur lejn in-naħa opposta.

### *Il-Bejgħ*

Is-suq fejn kienet tinbiegħ l-aktar il-luminata ta' Victor Bajada kien Għanjsielem, in-Nadur u l-Qala. Ftit kien jinbiegħ f'irħula oħra aktarx minħabba li l-kompetituri l-oħra kienu jikkonċentraw hemmhekk. Ix-xogħol kien jitqassam bit-trakk, ġol-kaxxi, u kien jinbiegħ kemm lil tal-ħwienet kif ukoll fid-djar.

Naturalment, fis-sajf, fl-eqqel tas-sħana, iż-żewġ magni tal-mili kienu jaħdmu wara nofsinhar kollu, u jipproduċu madwar 24 kaxxa kuljum. Fix-xitwa, il-volum kien jaqa' ħafna, u ma kienx ikun hemm produzzjoni kuljum.

***(jissokta)***

Kultura Nisranija

# Priedka għall-Milied tal-1743 fil-Fortizza Ricasoli



kitba ta' DR. JOE ZAMMIT CIANTAR

### *Introduzzjoni*

Waqt il-quddiesa sollenni ta' lejlet il-Milied, li saret nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru 1743, fil-knisja tal-Fortizza Ricasoli, ġiet ippreżentata priedka f'ġieħ it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Din ippreżentaha meta kien għadu jistudja għal saċerdot, żagħżugħ ta' anqas minn 22 sena, mill-Belt Valletta: Ignazio Saverio Mifsud. It-test tal-priedka nsibuh fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, fil-Manuskritt tal-Librerija, nru. 48, pp. 424–37.

### *Il-knisja fil-Fortizza Ricasoli*

Din il-knisja nsibuha qrib ħafna tad-daħla ewlenija tal-fortizza. Kien riedha l-Gran Mastru Nicola Cottoner (1663-80) u għalhekk ġiet iddedikata lill-qaddis li għalih kien imsemmi: San Nikola ta' Bari li, f'Malta, dik il-ħabta kien hawn ukoll devozzjoni kbira lejh. Il-bini tagħha sar fuq pjanta ta' Fra Mederico Blondel, l-inġinier tal-Ordni. Kienet ġiet ikkonsagrata fil-15 ta' Mejju 1698, u ġiet fdata f'idejn kappillan konventwali tal-istess Ordni, indipendenti mill-Isqof ta' Malta. F'din il-knisja Ignazio Saverio Mifsud ippreżenta tliet diskorsi morali, bil-Malti, f'Novembru, oħra nofsha bit-Taljan u nofsha bil-Malti, f'ġieħ San Nikola ta' Bari nhar is-6 ta' Diċembru, u l-priedka ta' waqt il-quddiesa ta' nofsillejl tal-Milied, kollha fl-1743. Interessanti u ta' min josserva li f'din il-knisja, Mifsud ippreżenta nofs priedka biss bit-Taljan, il-bqija tagħha u l-erbgħa l-oħra kienu kollha bil-Malti – xhieda li fil-fortizza fuq ix-Xlokk ta' Malta u qrib il-port tal-galeri, kienu joqogħdu aktar Maltin milli kavallieri jew nies litterati. Dik il-ħabta, kappillan ta' din il-knisja kien Fra Gaetano Reboul (miet fl-14 ta' April 1759), li miegħu Mifsud jidher li kien rawwem ċerta ħbiberija. U kien dan Reboul li mpenja lil Mifsud b'dawn il-priedki.



### *Ignazio Saverio Mifsud*

Ignazio kien bin Giuseppe u Eugenia née Chercop (*sic*). Twieled il-Belt Valletta, fil-parroċċa ta' Portu Salvu, nhar is-16 ta' Frar 1722. Kien it-tieni minn ħamest itfal.

Wara li temm il-*Gennasio*, Mifsud beda l-kors għas-saċerdozju fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, fil-Belt, fl-1734 jew fl-1735 meta ħa t-tonsura u sar kjeriku. F'Marzu tas-sena ta' wara ħa l-erba' ordni minuri, u sentejn wara beda jistudja t-teoloġija.

Nhar it-8 ta' Diċembru 1739 – 270 sena ilu – ta' 17-il sena, għalkemm kien għadu ma ordnax Djaknu, Mifsud ippreżenta l-ewwel priedka tiegħu, fil-knisja żgħira ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni, fl-Imsida. Wara din, dejjem għadu kjeriku, Mifsud ippreżenta 8 priedki bit-Taljan, novena lil Sant'Anna, u 14-il priedka bil-Malti. Bħala Djaknu, Mifsud ippreżenta novena lil Sant'Anna, priedka bit-Taljan, u 7 priedki bil-Malti. Barra minn dawn Mifsud kiteb ukoll abbozz u 4 priedki sħaħ bil-Malti li baqgħu ma ġew ippreżentati mkien. Imbagħad, wara li ġie ordnat saċerdot (fl-1746), ippreżenta mill-inqas żewġ priedki oħra, waħda bit-Taljan u oħra bil-Malti; din tal-aħħar fl-1754.

Aktar tard f'ħajtu Mifsud inħatar Konsultur tal-Inkwiżitur. Miet ta' 51 sena, fl-1773.[1]

### *Il-priedka tal-Milied*

Mifsud jibda b'sentenza bil-Latin, mill-Evanġelju ta' San Luqa 2, 10, u li bit-tifsir stess tiegħu jdaħħal lill-kongregazzjoni fis-suġġett.

L-art, is-sema, il-baħar, u l-muntanji ferħu bil-miġja ta' Ġesù fid-dinja. L-istess Iben t'Alla li hu 'servut mill-

anġli, ikkorteġġjat mis-serafini, u obdut mill-kreaturi ċekken lilu nnifsu u għażel li jitwieled fi stalla fqira. Hi din l-umiltà li ma titwemminx li tnebbaħ lil Mifsud tul din il-priedka.

Ir-rettorika u l-poeżija fit-test tal-priedka kultant jiltaqgħu bħal meta jgħid li meta twieled Ġesù, fil-Lvant dehru tlitt ixmux u f'Ruma l-għejun bdew jarmu ż-żejt flok ilma. Il-predikatur kontinwament juża l-espressjoni 'jiena naf' bħallikieku dawn huma fatti sagrosanti.

Mifsud ifakkar li meta bena t-tempju maestuż ta' Ġerusalemm, Salamun ħaseb li bil-lussu kollu li kien fih xorta ma kienx xieraq biżżejjed biex jilqa' 'l Alla fih. Safrattant, Ġesù, is-sultan tad-dinja, għażel li jitwieled fi grotta fuq maxtura tal-annimali. Anki San Bernard jibqa' miblugħ quddiem dal-misteru tal-inkarnazzjoni. Biex isaħħaħ das-sens ta' misteru, Mifsud juża l-paradoss qawwi: 'Hu [Ġesù] sar ilsir biex jagħmel lilna padruni.'

***Xi osservazzjonijiet interessanti***

Mat-twelid ta' Ġesù i) il-kwiekeb imxew fl-ajru; ii) l-għejun ta' Ruma, minflok bdew jarmu l-ilma bdew jarmu ż-żejt; iii) id-dimonju triegħed; u iv) Xmun, bil-ferħ, immuta.

Interessanti t-tixbiha ta' Ġesù mwieled għalina bħall-Prinċep Spartan imwieled għall-Ispartani, u dan ingħata l-isem *Cavilau* jiġifieri 'ferħ'.

Xi kliem Taljan, kultant mogħti bixra Maltija: **banchet** ('pranzu; ikla kbira'); **bastanti** ('basta; biżżejjed'); **curteggiat** u **icorteggiauh** ('iduru bih'); **da** ('ta'; minn'); **defattu** ('difatti; infatti; fil-fatt'); **di grazia** u **in grazia** ('bil-grazzja' u 'fil-grazzja'); **durationi** ('tul ta' ħin'); **e** ('u'); **espondituri** ('esponenti'); **essiri** (bl-Ingliż 'being') ('għamla'); **estaticu** ('wieħed li jikkontempla'); **et** (Latin 'u'); **irrinfacciac** ('jiġi wiċċ 'imb wiċċ miegħek'); **irrospir** flok 'ir-respir' ('in-nifs'); **issuperbia** ('is-suppervja'); **mangiatura** < Tal. '*mangiatoia*' ('maxtura'); **nispiedi** ('intemm'); **Primati** u **Grandi** ('kbarat'); **qualsivoglia** ('kull xorta; kwalunkwe'); **quasi che** ('kważi'); **ticunsignaulna** ('tagħtihulna'); **tistringi** ('tagħfas; tross; tħaddan'); **tipriva** ('iċċaħħad'); u **u puru**, **e puru**, u **a puru** flok 'eppure' ('b'danakollu').

Minbarra l-użu ta' bosta mistoqsijiet rettoriċi (speċjalment fil-paragrafi 2, 4, 10, 11, 14, 17, 20, 21, 24, u 26), ta' min jinnota wkoll xi kliem Malti li jew m'għadux jintuża jew illum qiegħed jinkiteb mod ieħor: **amlu il carizzi** ('għamlu l-karezzi; ikkarezzaw'); **anchella** ('inkella'); **armu** ('almu'); **auna** ('hawn; hawnhekk'); **chiecuna** ('kieku'); **dbeiep** (pl. ta' 'dbiba'; 'annimal'); **dicment** ('minnufih'); **dign** ('den'); **ecda** (f'paragrafi 1,


Panegirico per la Natività di N. Sig. Gesù Cristo. L:
Annuncio vobis gaudium magnum. Luc. 2.
1. Nidher fedan illeil imcaddes b'hatbar insca sahha
li ecdn chif jcerdet fedan illeil ma digna colltha
ferah jsemmo, ferhu l'angili: Gloria in Excelsis
Deo: ferhet l'art, u l'incas imhaura mi rig: Laeta-
bitur deserta, et invia, et exultabit solitudo: ferhu
il Muntagni coltha: Montes exultaverunt ut arie-
tes: ferah il bahar bil chbuira li hu coltha: In con-
spectu Dni moveatur mare, et plenitudo eius:
Imma fuc collox chienet minnha ferha chbira Ma
SS.ma Cor Matris quaedam dulcedines, quae humani
sugant intellectum, imbuebant.
2. U chif issa hal iedn l'ahbar ma nifirhusc ahna
ucol s. Jzaroni: la dacta nafha, illi ftit actar min
dalhin twielet, o memoria felici! twielet Min?
Illiben t'Alla l'imbierec, Jssalvatur tana il Bam-
bin Gesù: Natus est vobis hodie Salvator.
3. Ah min ma issa li ma ifirhusc fedn l'ahbar ecda sah-
ha, illi ecda chif istembet ma digna dehru hagiu-
bi et chbar: Jena naf illi dehru diment illi l'chu-
iechex imparin fl'airu: Il'Orienti dehru tlieta
Scimsxc: Il hima ta Ruma min floc li iarmu
l'ilma, bdeu iarmu is-zeit: iedan collu iena na-
fu, u nissoppon li intom imissitu actar min
darba min predicaturi ohra actar horief minni
iena naf, ucol illi chif isterdet iedn l'ahbar il
Raghwi gwei fiesc iarau iedan il hagen, li dehar
fedn illeila imcaddsa: il demonin istrhet, il digna
hadek irrasgiv: l'Angili marru isciandru iedn l'ah-
bar ma digna coltha u Scimun jstaunt ferh imut:
Iedan collu iena nafha chif imela ma nifir-
husc ucol fedn illeila digna coltha: Però ma

3, 17, 21, 22, 26; kelma li, fil-Malti, għadha tintuża biss fit-talba tal-'Missierna': 'kif fis-Sema hekkda fl-art'; 'hekk/hekk ukoll'); **edan** ('dan'); **emma** ('hemm'); **ftita** (kelma li għadha tintuża minn xi Għawdxin, speċjalment fin-Nadur; 'ftit'); **gioi** ('ġojji' pl. ta' 'ġojja'); **hasabiesc** ('biex, sabiex'); **hasansitra** ('saħansitra'); **iarda bi ftita halip** (illum ngħidu biss 'jarda' ftit ħalib' mingħajr ħtieġa tal-prepożizzjoni 'bi'); **iedac** ('dak'); **iedan** ('dan'); **iedaun**

('dawn'); **iedic** ('dik'); **iedin** ('din'); **ifsciet** ('fisqijiet'; pl. ta' 'fisqija'); **ilcom** (użata fil-paragrafi 6 u 27) ('ilkoll'); **imhamra** (mgħammra; 'fejn jgħixu'); **indocra** ('qagħad attent; għasses'); **inhamel ferh chbir** ('sar ferħ kbir'); **irsiera** ('ilsiera'; Dun Karm Psaila u Rużar Briffa kienu jużawha l-forma 'rsiera'); **istorni** (jostorni; 'jgħattini'); **mormi geua iedic il Mangiatura** ('imqiegħed jew poġġut fil-maxtura'); **mulut** (milud; 'imwieled'); **nithajel** (f'paragrafi 15 u 16) u **nithaiel** (22) ('nisthajjel'); **obdit** ('obdut'); **servit** ('moqdi'); **ticonfondi ruhec** ('tinkwieta; tithawwad'); **tinhamel il memoria** ('issir it-tifkira'); **traibiha** (fil-paragrafi 5, 7, u 19; diminuttiv ta' 'tarbija'); **uildet u hamlet tifel** (wildet u għamlet tifel; 'wildet u ġabet tifel fid-dinja'); **uisca** ('wisq').

Jolqtu ħafna l-kuntrasti: Sema / art; għani / fqir; Palazz / stalla; Tronn / manġjatura; Paġġi / dbejjeb; Cavallieri / Pasturi; ilsir / padruni; dnubietna / iqaddisna; isir / italla'; nibda / ntemm; presepju / Kalvarju; ħalib / demm; ġewwa l-fsieqi marbut / marbut mal-kolonna.

Huma sbieħ u effettivi waqt priedka bħal din, waqt quddiesa tal-Milied, l-osservazzjonijiet:

Jekk huwa Alla, huwa Sultan – fejn hu l-Palazz li jmissu, it-Tronn fejn joqgħod, il-Kavallieri li jikkorteġġjawh?;

Imgħallem tagħna biex jgħallimna; ħajja tagħna biex jgħajjixna; Alla tagħna biex nadurawh; bniedem tagħna biex nissuktawh;

Diskors fittizju li Mifsud iqiegħed f'fomm il-Madonna lil binha Ġesù: Jiena bħal Alla nadurak, bħal għarus inħaddnek, bħal ibni nistrinġik; infisqik – b'dirgħajja; lok nobbli – sidri; nar biex isaħħnek – l-imħabba; qalbi – tronn; Marija Santissima issa tadurah bħal Alla, issa tbusu bħala binha; Diskors fittizju li Mifsud iqiegħed f'fomm Ġesù: Nibda l-ħajja tiegħi bil-biki fil-presepju – intemm il-ħajja tiegħi bil-biki fuq il-Kalvarju; Nieħu issa l-ħalib – biex imbagħad indarrih demm; Dan ġismi żgħir – tilmħu (...) imsallab fuq għuda.

Mifsud jagħlaq il-priedka b'għadd ta' mistoqsijiet rettoriċi: Kif jista' n-Nisrani ma jħaddanx lil Ġesù




Bambin meta Hu ħaddan is-salib għal dnubietna? Kif jista' ma jilqax lil Ġesù f'qalbu meta Hu xejjen lilu nnifsu fil-faqar? Kif għandu l-ħila joffendih meta Hu wrieh tant imħabba?

### *Talba lil Ġesù Bambin*

Mifsud itemm il-priedka b'talba ħelwa.

'Ġesù tagħna maħbub, kemm jisgħobbina li ma ħabbejniekx minn issa lura (fl-imgħoddi). Hekku qlubna nippreżentawhomlok f'dan il-lejl imqaddes sabiex tgħammar ġewwa fihom permezz tal-grazzja tiegħek. La darba ridt titwieled fid-dinja għalina, ħudhom Ġesù tagħna dawn il-qlub ġa lesti għalik, però af li minn issa 'il quddiem inti biss o Sidna, għandek tgħammar ġewwa fihom, u qatt iżjed id-dnub, u permezz tad-dnub id-demonju. Le u la suppervja, u la xeħħa, u la *qualsivoglia* ieħor vizzju jgħammar iżjed ġewwa fina. Inti biss Bambin tagħna Ġesù, inti biss. Biex imbagħad, jekk jogħġbok, wara li nservuk f'din id-dinja, niġu ngawduk għall-eternità kollha fil-ġenna, li Alla jagħtiha lilna, u lill-Insara kollha. Hekk ikun.' (BNM, MS. tal-Bib. 48. pp. 436-7).

[1] Tagħrif komprensiv dwar il-ħajja ta' Ignazio Saverio Mifsud, it-testi tal-priedki kollha bil-Malti tiegħu, u studju kritiku dwar il-Malti użat f'dawn il-priedki, jinsabu fil-volum: Joe Zammit Ciantar, *Il-Priedki bil-Malti ta' Ignazio Saverio Mifsud*, Malta, 2008; illustrat, pp. xviii + 750; ISBN: 978-99932-0-666-8; qoxra ħoxna, b'*dust jacket*.

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

*Anniversarju*

# Ġiżwita Għawdxi Pijunier fit-Twaqqif tal-"APS Bank"

*tagħrif miġbur mid-Direzzjoni*

**Patri Michele Vella S.J. twieled ix-Xagħra , Għawdex fl-1 ta' April 1859. Mar jistudja Franza u s-Sirja, u wara li rċieva l-Ordinazzjoni mar jgħallem għal erba' snin (1880 -1884) fl-Iskola tal-Ġiżwiti f'Istanbul, li qabel kienet magħrufa bħala Kostantinopli, fit-Turkija. Patri Michele, mbagħad serva għal tmintax-il sena (1889 – 1907) bħala missjunarju fil-Greċja. Meta ġie lura Malta wettaq ħidmietu fost l-istudenti tal-Kulleġġ ta' San Alwiġi bħala Direttur Spiritwali. Kien ukoll iservi fil-knisja Tas-Samra, il-Ħamrun fejn kien jipprietka u jqatta' sigħat sħaħ iqarar. Snin wara sar magħruf bħala saċerdot li kellu tabilħaqq għal qalbu l-ġid tal-klassi tal-ħaddiema. B'din il-motivazzjoni, hu ġabar madwaru grupp ta' laċji magħrufa u waqqaf assoċjazzjoni, *The Apostleship of Prayer* biex tqiegħed fil-prattika t-tagħlim soċjali tal-Knisja Kattolika. Patri Vella miet nhar is-7 ta' Lulju 1912, f'età relattivament żgħira ta' 53 sena.**





~ Nadur ~

| Data del deposito | | Nome, Cognome e Paternità del Depositante | No. del Libretto | Diritto del Libretto / Versamenti |
|---|---|---|---|---|
| 1914 Gennaio | 20. | Arcip. Martino Camilleri fu Angelo | 1251. | 1. 5. .. |
| " | 25 | Paola Huereb di Angelo | 1252. | 1. .. 10. |
| " | 26. | Angela Cassar fu Michele | 1253 | 1 9. |
| " | 4 | Paolo Camilleri di Giuseppe | 1254. | 1. .. 2. 3 |
| " | 5 | Giuseppe Buttigieg di Paolo | 1255. | 1 9 |
| " | 21 | Do | 1256. | 1. 1. |
| Febbraio | 2 | Paola Borg di Paolo | 1257. | 1. 12. |
| " | 6 | Giovanna Tabone di Giovanni | 1258. | 1. 2. |
| " | 7 | Giuseppe Mercieca di Michele | 1256. | 1. |
| " | 9 | Paola Borg di Paolo | | 8 26. 17. 8. |
| | | Somma Rimessa al Tesoriere a di 13 Feb. Scheda N°1. | | £ 26 17. 8. |
| Feb. | 13. | Dn. Francesco Xiriha fu Giuseppe | 1259. | 1. 4. 2. |
| " | 15. | Paola Huereb di Angelo | 1252. | 4. |
| " | | Angelo Azzopard di Giovanni | 1260 | 1. 1. |
| " | 16 | Paola Borg di Paolo | 1256. | 2 4. 7. 2 |
| | | Consegnata al Tesoriere il di 17. Feb. la Scheda No. 2. e la somma | | £ 4. 7. 2 |
| Feb. | 22 | Paola Huereb di Angelo | 1252 | 1. |
| " | 24. | Paola Borg di Paolo | 1256. | 1. 6. |
| " | 25 | Michele Camilleri di Costantino | 1261. | 1. 1. |
| " | 28 | Paola Huereb di Angelo | 1252 | 7. |
| " | 2 | Giuseppe Buttigieg di Paolo | 1255. | 1 |
| Marzo | 2 | Paola Borg di Paolo | 1256. | 1. 5. 1 |
| " | | La Scheda N. 3 Conse. al Tesoriere colla somma a di 3 Marzo | | £ 31. 10. |

*Paġna mid-djarju tas-sotto kumitat tal-parroċċa tan-Nadur*

L' hekk imsejħa *Lega dell'Apostolato della Preghiera* kienet imwaqqfa b'inizjattiva tal-Ġiżwita, Patri Michele Vella. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Lega saret nhar it-8 ta' Mejju 1910. Kienu żminijiet meta l-poplu Malti kien għaddej minn qagħda ekonomika mwiergħa. Il-maġġoranza tal-ħaddiema ma kienx jirnexxilhom isibu xogħol, lanqas wieħed li ma' kienx jirrikjedi xi sengħa kbira. Il-familji Maltin kienu kbar fin-numru tal-membri u minħabba l-qgħad kienu jġarrbu l-faqar u l-ġuħ. Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin il-popolazzjoni kienet qabżet il-200,000. Ħafna kienu dawk li fittxew is-soluzzjoni fl-emigrazzjoni. X'uħud siefru lejn il-portijiet matul il-kosta Afrikana tal-Mediterran. Aktar tard kien hemm mewġiet ta' emigrazzjoni lejn il-Kanada, l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Awstralja. X'uħud saħansitra fittxew xortihom fil-pajjiżi tal-Amerika t'Isfel, l-Arġentina u l-Brażil. Kienu għadhom iridu jgħaddu ħafna snin biex il-gvernijiet jibdew idaħħlu l-benefiċċji soċjali. Kull familja kien jeħtieġilha tfendi għal rasha biex kemm jista' jkun tnaqqas it-tbatija, l-aktar fis-snin meta x-xogħol madwar il-Port il-Kbir kien jonqos. IL-qgħad inħass l-aktar meta tlesta l-brejkwoter u ħafna ħaddiema ngħataw is-sensja. Fl-1911, in-numru tal-Maltin impjegati mal-Almiraljat kien niżel għal 5000 u l-paga tagħhom kienet naqset ukoll.

Kien dan il-kuntest soċjali li qanqal lill-Patri Michele Vella biex jieħu azzjoni. Il-Lega twaqqfet bi programm ta' inizjattivi soċjali diversi :



*Membri tal-USCG f'ritratt meħud fl-1921*

- It-twaqqif ta' istituzzjoni għat-tfaddil, *Cassa di Risparmio*, sabiex iddaħħal fost il-ħaddiema d-drawwa li jfaddlu xi sold.
- It-twaqqif ta' soċjetà biex il-ħaddiema jsiru benefiċċjarji ta' xulxin, *Mutuo di Soccorso Artistica ed Operaia San Giuzeppe.*
- It-twaqqif ta' stamperija – l-*Empire Press*, li minnha wara ħareġ il-*Media Centre.*
- Il-pubblikazzjoni ta' rivista bil-Malti "Il-Ħabib"
- L-organizzazzjoni tal-klassijiet ta' filgħaxija fejn isir tagħlim ta' ilsna barranin, tas-snajja' u l-mużika.
- Il-ftuħ ta' Uffiċċju għall-emigrazzjoni biex jgħin lil dawk li kienu jixtiequ jfittxu l-għajxien tagħhom f'pajjiżi oħra.
- L-organizzazzjoni ta' provvediment ta' ikel bla ħlas – *Cucina del Povero* - u ta' mediċina u kura medika b'xejn.
- L-organizzazzjoni ta' koperattiva tal-konsumatur li permezz tagħha l-*Lega* kienet tipprovdi l-ħtiġijiet ta' kuljum bi prezz li l-familji setgħu jlaħħqu miegħu.
- It-traduzzjoni, l-istampar u d-distribuzzjoni ta' kopji tal-Enċiklika ta' Papa Ljun XIII, *Rerum Novarum*
- Il-ftuħ ta' klabb – *Circolo* – għar-rikreazzjoni tal-membri.

Il-*Cassa di Risparmio dell'Apostolato della Preghiera* eventwalment saret *The Apostleship of Prayer Savings Bank*, dak li llum hu magħruf b'akronimu bħala "APS Bank". Il-Bank aċċetta l-ewwel depożiti nhar is-7 ta' Diċembru 1910, u sabiex l-għanijiet u l-prinċipji tal-*Lega* jinxterrdu u jsiru magħrufa, twaqqfu ċentri parrokkjali f'diversi bliet u rħula ta' Malta. Matul is-snin, il-profitti li għamel il-Bank intużaw biex jitwettqu u jsostnu proġetti




*L-istandard tal-USCG*

APS 100
1910 - 2010
YEARS OF COMMUNITY BANKING

*L-emblema uffiċjali tal-mitt sena mit-twaqqif*




*Esibizzjoni li tinsab ġewwa l-APS Centre Foyer (Swatar, B'Kara), li ser tittella' Għawdex fil-bidu tas-sena l-ġdida*

soċjali oħra fil-lista tal-programm tal-*Lega*. Saddattant, il-*Lega* saret magħrufa bħala *Unione Cattolica San Giuzeppe*.

Għal tletin sena il-Bank għamel progress kontinwu bid-depożiti jiżdiedu konsiderevolment. Matul it-tieni gwerra dinjija, l-inizjattivi tal-Bank kellhom jonqsu għaliex iċ-ċentri parrokkjali kellhom jagħlqu. Imma wara l-gwerra, bil-kuntratt privat tad-19 ta' Jannar 1948, il-fergħat kollha tal-*Unione*, inkluż il-Bank, kienu trasferiti għal għand l-Arċidjoċesi ta' Malta. Matul is-snin, għalkemm mingħajr ħafna daqq tat-trombi, il-Bank għamel progress u baqa' jżommu. B'hekk seta' jikkontribwixxi għat-twettiq ta' diversi proġetti ta' fejda, bħal per eżempju l-estensjoni tad-"Dar tal-Kleru" u sussidji lil ħafna għaqdiet b'għanijiet reliġjużi u kulturali.

Din is-sena li fiha l-APS Bank qed jiċċelebra l-anniversarju, rridu nirrikonoxxu l-fatt li mitt sena ilu, il-Ġiżwita Patri Michele Vella mix-Xagħra kien ħawwel siġra soċjali li baqgħet u għadha sal-lum tagħti l-frott.




Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

**Alex Saliba**

***I.T Sales and Services***

**65, Ta' Said Street Nadur, Gozo** **Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262**
**alexandersaliba@gmail.com**

**Għext il-Mandraġġ (3)**

# Logħob u logħbiet tat-tfal... ħamsin sena ilu!



*kitba ta'* ANTON SPITERI

**Jekk ma nkunux ngħinu jew nittantaw fid dar, noħorġu nilagħbu fit-triq, għax jekk noqogħdu ġewwa naqilgħu xi għajta, jekk mhux xi xebgħa wkoll. Irid ikun il-Milied biex jixtrulna ġugarell li l-Bambin iġibilna fil-lejl ta' twelidu. Il-ġugarelli ma jservux minn Milied għal ieħor. Għalhekk ikollna noħolqu xi ġugarelli aħna stess biex ikollna xi ħaġa biex nilagħbu biha. Mhux darba jew tnejn niġġieldu fuq dawn il-ġugarelli l-aktar jekk ikunu għal qalbna u xi ħadd ikissirhomlna.**

Wieħed mill-ġugarelli li noħolqu aħna huwa l-fajjara jew il-wadab. Din għandha ċipp forma tal-ittra Ingliża "Y" magħmul minn biċċa zokk irqieq. Iżżommha f'idek minn isfel u mat-truf ta' fuq norbtu biċċtejn lasktu ta' tajar ta' rota. It-truf l-oħra tal-lasktu jingħaqdu b'biċċa ġilda biex tkun tista' żżomm il-ġebla li titwaddab. Jekk iċ-ċipp ikun tal-fildiferru l-lastku li nużaw ikun minn dak tal-ħwejjeġ u m'hemmx bżonn tal-ġilda, biss minflok ġebel inwaddbu biċċiet tal-karta mibruma. Wieħed jista' jużа rabta tal-lastku (rubber band) u minflok iċ-ċipp juża subgħajh. Żbandola hija dik li kellu David li biha laqat lil Gulija, biss din ma tantx nużawha għax hija diffiċli biex tużaha tajjeb.

Il-kbar iwissuna biex nevitaw il-periklu u jgħidulna dwar il-kruha tal-gwerra. Il-kbar jokorbu fuq kemm batew fil-gwerra u għalina l-isbaħ logħba hija tal-gwerra. Noħolqu armi tal-injam jew tal-ħadid. Dawn l-armi jintużaw għal meta nilagħbu ta' Rumani jew ta' kavallieri. Meta nilagħbu ta' kawbojs u Indjani nużaw xkubetti tal-injam u vleġeġ tal-qasab jew tal-ħadid li nieħdu minn xi umbrella mkissra. Fi gwerer moderni nagħmlu ħoss ta' maxin gun b'ħalqna. Waqt li nisparaw ngħidu: "Int mejjet, imtedd ma' l-art".

Hemm logħob fejn nimitaw ix-xogħol tal-kbar. Naħdmu trakkijiet tal-injam jew tal-landa bir-roti tal-irkiekel tal-ħajt. Il-moħriet nagħmluh minn rukkell tal-ħajt ukoll. Ir-roti nagħmluhom bis-snien fit-tarf, ngħaddu biċċa lastkuwa miżmuma minn biċċa xemgħa f'tarf u fit-tarf l-ieħor inwaħħlu labra tas-sarwal miftuħa li sservi ta' sikka tal-moħriet. Iddawwar il-labra biex tinbaram il-lastkuwa u titlaq il-moħriet li jibda jimxi bil-mod.

Meta f'Lulju nispiċċaw l-iskola naqbdu l-iskritti (l-pitazzi) u nagħmluhom bombi jew faqqigħat. Il-faċċata ta' skritt nitwuha fi tlieta, l-ewwel għat-tul imbagħad għal wisa'. B'subgħajna l-werrej nagħmlu toqba fin-nofs u nonfħu l-karta li tiġi qisha bużżieqa u nisparawha b'daqqa ta' ponn fuq it-toqba. Il-murtali jieħdu faċċata ta' pitazz, filwaqt li l-ġelatina nagħmluha b'nofs faċċata ta' pitazz.

Mill-isktritti nagħmlu wkoll *affarijiet ta' Londra* bħalma huma vapuri, ħwat, kpiepel, trombi, għasafar, friefet, żeppellini jew ġets u affarijiet oħra. Fir-rebbiegħa nagħmlu wkoll il-ħamiema tal-karti tal-kulur jew it-tajra, u nimpikaw bejnietna min jagħmilha l-isbaħ u min jgħolliha l-aktar. Meta nixbgħu minnha naraw min għandu l-ħila jnizżel ta' sieħbu u ssir ġlieda fl-ajru. Hemm min jagħmilhom forma ta' bandiera Ingliża u hemm min jagħmilhom bandiera Taljana.

Aħna niġbru biċċiet tas-suf biex naħdmuhom f'ħabel u aktar ma jkollna kuluri aktar ikun sabiħ. Dan jinħadem fuq rukkell tal-ħajt u f'tarf minnhom ikollu erba' imsiemer biex taħdem il-punti magħhom, filwaqt li l-ħabel maħdum joħroġ mit-tarf l-ieħor. B'maktur nagħmlu ġurdien li jaqbeż minn fuq idejna.

Nilagħbu ta' bejjiegħa u nagħmlu mwieżen b'għotjien tal-bottijiet u nużaw flus tal-karti jew plattini tal-fliexken tal-luminata. Bil-plattini nibnu torrijiet u djar. Hemm wieħed mill-ġirien għamel purtiera bihom. Ix-xogħol fl-injam huwa popolari. Meta nagħmlu xi kaxxa naħlu kemm imsiemer ikollna. L-hena tagħna nilagħbu fil-ħamrija, nibnu xi kamp u nħaffru ħofor bħala nasba. L-għors tagħna inħaffru fuq xi gozz ramel fit-triq jew fuq xtajta ramlija.

Aħna nimxu bl-istaġuni fil-logħob. Għall-Milied nehdew inħejju l-presepju. Hemm min jagħmel il-presepju tal-karti, oħrajn jagħmluh tal-ġebel. Hemm il-grotta li hija għar wieħed u l-presepju propju bi tliet għerien. Fost il-pasturi nsibu r-rieqed, il-mistagħġeb u r-ragħajja. Il-mitħna tidher fuq l-ogħla quċċata. Ġie li nagħmlu ħuġġieġa żgħira u nixxiegħa tal-ilma. Minn fuq l-għolja ta' Gelmus niġbru s-sagħtar, ir-rina li hija trab safrani u leħja tax-xiħ bħal ħaxix żgħir griż. B'dieqa nsemmi li l-aħħar attività li għamilna fil-forn il-qadim kienet il-bini ta' presepju kbir f'kamra minnhom. Domna kemm -il ġimgħa fih u rajna kif ksibna l-pasturi, iżda ġurnata minnhom morna biex nifthu l-bieb tal-kamra u sibna l-pasturi neqsin kollha. Kient għafsa ta' qalb kbira u ma erġajniex morna lura lejn il-forn.

Fix-xitwa nilagħbu bil-ġellewż u nagħmlu gastelli jew kastelli u min jolqot jieħu kollox. Għall-Għid aħna s-subien nilagħbu bil-ġakkijiet waqt li l-bniet jilagħbu biż-

żibeġ. Meta tibda l-iskola nġemmgħu ritratti ta' l-għasafar jew tal-futbol u noqogħdu npartu biex ngħaqqdu sett. Bir-ritratti nilagħbu wiċċ jew abjad. Ngħollu l-karti u jekk tgħid wiċċ u tiġbor ir-ritratti li jiġu wiċċhom 'l fuq u jekk tgħid abjad tiġbor il-karti li jiġu wiċċhom 'l isfel jekk jiġu hekk. Fis-sajf nilagħbu l-passju, u hemm il-passju l-kbir li jasal sa disa' numri. Hemm il-passju ż-żgħir b'erba' kaxxi kwadri. Il-qbiż tal-ħabel ta' wieħed waħdu jew bejn tlieta jilagħbuh il-bniet u anke logħob bi blalen żgħar waqt li jkantaw "pala, soda, qabża..." Il-logħob *stop* hija popolari ħafna u akkanita ħafna.

Fix-xitwa jkun diffiċli għalina t-tfal minħabba l-kesħa. Kien żmien li anke f'dan l-istaġun konna nilbsu qalziet qasir (qalziet twil kien jintlibes meta t-tifel isir ġuvni), qmis u ġersi, par kalzetti u papoċċ li ftit kien jaqta' l-kesħa jew sandli, skont il-familja kemm tkun tiflaħ. Bosta minna jkollna l-irqajja fil-ħwejjeġ li nilbsu anke f'dawk ta' nhar ta' Ħadd. Uħud mit-tfal sa anke jaqsmu par sandli bejniethom. L-ommijiet kienu jagħmlu li jistgħu biex l-irqajja ma jkunux jidhru. Min jaf kemm-il omm minn naħa tagħna weġġgħetha qalbha biex libset, temgħet u rabbiet lil uliedha bil-ftit mezzi li kellha. Għalhekk is-sajf kien imbierek, ħwejjeġ mill-inqas, kulħadd ħafi u biċċa ħobż biż-żejt u l-kunserva kien jikolha kulħadd.

Logħob ieħor isir mingħajr ġugarelli bħal noli (ġieli anke tfajliet kbar daħlu jilagħbu magħna), daqqa ċieda, fejn wieħed jipprova jmiss lil sieħbu, daqqa ħadida, kantuniera jew injama, dawn bħal daqqa ċieda imma jekk tkun tmiss ħadida fid-daqqa ħadida ma jistgħux jagħtuhielek. Meta niltaqgħu ħafna tfal nilagħbu pulizija u ħallelin, ta' l-aħħar jaħarbu u ta' l-ewwel jaqbduhom. Hemm ukoll logħob ieħor ta' ċertu grazzja bħal *Onġi, onġi onġella* fejn żewġ fillieri ta' tfal jersqu lejn xulxin faċċata ta' xulxin waqt li jkantaw; *O Marija Ġulja oqgħod għarkupptejk* u *Iż-Żunżana ddur ddur*. F'kull rokna tas-sqaqien tilmaħ gruppi ta' tfal jilagħbu kull xorta ta' logħob bħal ta' Mama' u Papa', ta' skola jew madwar xi anzjan jew anzjana jirrakkontaw stejjer jew ħrejjef mill-folklor Għawdxi.

Logħob noħolqu kemm irridu u kulma jkollna f'idejna jservina bħala ġugarell. Wisq drabi nieħdu bikja għax irridu nixtru xi karozza żgħira li nkunu rajna għand xi tfal ta' xi ħadd li jista' u minflok nużaw xi siġġu. Jekk ma jikkuntentawniex nagħmlu ħoss ta' magna b'ħalqna (bvinn ..bvinn .. bvinn) u wiċċna jerġa' jitħenna.

X'ma nixxennqux biex noħorġu niġru nilagħbu fit-triqat imserrpa tal-Mandraġġ tagħna.

It-tfal tal-ħâra tagħna li konna nilagħbu flimkien f'dan iż-żmien ta' bejn il-ħamsinijiet u s-sittinijiet :

- Gracy,Marija, Ġorġ, Manwel u Pawlu ta' Pawlu ta' Gawdenz
- Ċikku, Michael u Doreen ta' Marija ta' Gaffarellu
- Rita ta' Marija tal-Gerrus
- Gracy ta' Kola ta' Ġwann.
- Carmen, Vince u Ġino ( kienu għadhom ftit żgħar) ta' Marija ta' Mosu



*Grupp ta' tfal fejn hemm anke ħuti, f'wieħed mis-sqaqien fl-aħħar tal-ħamsinijiet.*

- Peppu u Nenu ta' Ġina ta' Ketutu
- Charlie tal-Baqri
- Pawlu, Marija, Ġuża, Tommy u Margaret ta' Nozzi
- Toni,Vitorina, Karista u Ġuża ta' Marija tal-Pixka
- Nenu, Doris u Ġorġ ta' Kelina tan-Nanas
- Effie, Walter u Connie ta' Manti
- Frances ta' Ġorġa tal-Leverist
- Doris, Tetta, Karista u Leli ta' Marinton ta' Gużman. (Dawn kienu joqgħodu Triq l-Assunta, imma ta' kuljum kienu jitilgħu għand nannthom Nina ta' Gużman biex jilagħbu magħna)
- Fredu, Duminku, Ġorġ u Natalina ta' Mary ta' Manini
- Grezzju, Wiġi, Ġużi, Martinu, Gracy u Leli ta' Zanzina
- Ġużeppi, Toni, Ġorġ, Stella u Rita ta' Marija ta' Bolom
- Joey, Mary, Ġiġa u Karista ta' Toni l-Baqri
- Pawlu, Ġiljan u Ġużeppi ta' Ġorġ tal-Merguli. Din il-kitba hija dedikata għal Ġużeppi.

Tfal oħra kien hemm kemm trid imma jew kienu akbar jew iżgħar minna u għalhekk ma kinux tal-klikka.



Għawdex Qabel ir-Ritratti (30) minn JOHN CREMONA

# Lura f'Għawdex wara 238 sena

Fi żmien il-Gran Mastru Pinto, fis-sena 1771, f'Għawdex ġiet misjuba statwa żgħira tal-bronż li turi raġel bilqiegħda fuq basket tal-qasab, iħares 'l fuq u b'bieqja żgħira f'idu imtella' 'l fuq qisu qed joffri xi ħaġa. Fuq id l-istatwetta jidhru wkoll par riġlejn żgħar ta' figura oħra li tqaċċtet f'xi żmien fl-antik, qabel instabet l-istatwetta. Fatt kurjuż huwa l-fatt li r-raġel liebes speċi ta' kappa jew mantell li fuqha hemm karattri mill-alfabett Grieg flimkien ma' oħrajn donnhom ta' xi alfabett mhux magħruf. Tispikka fin-nofs il-monogramma tixbah il-*Chi ro* jew simbolu ta' l-ewwel żminijiet tal-Knisja li jirrappreżenta l-isem ta' Kristu.

L-importanza ta' din l-istatwetta ġej mill-fatt li x'aktarx tappartjieni għall-perjodu fl-istorja ta' pajjiżna li ftit li xejn nafu dwaru. X'aktarx li l-istatwetta hija fdal tal-perjodu tal-Biżantini f'Għawdex.

Iċ-ċirkostanzi ta' fejn, kif u meta eżatt instabet l-istatwetta mhux magħrufa. Hemm ħjiel li l-istatwetta setgħet instabet fil-limiti ta' Għajnsielem. Manuskritt fl-Arkivju tal-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem intitolat '*Miscellanea Notitiarum pro archivio Santae Parrochialis Ecclesiae Pagi Hanselem*' f'nota ta' l-ewwel Kappillan Dun Anton Cauchi miktuba fil-ħdax ta' Frar 1861, hemm tagħrif dwar din l-istatwa u allura nistgħu nissopponu li ladarba ġiet inkluża f'dan il-ktieb, il-Kappillan li kien qiegħed jipprova jiġbor l-istorja bikrija tar-raħal ta' Għajnsielem, kellu informazzjoni li din l-istatwetta instabet propju fit-territorju tal-parroċċa tiegħu.

Din l-istatwetta mill-ewwel qajmet interess partikolari u ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fis-sena ta' wara jiġifieri fl-1772 fil-ktieb dwar l-istorja ta' Malta '*Malta Illustrata*' tal-Kommendatur Ġian Franġisk Abela u l-Konti Giovann Antonio Ciantar li minnu qed nieħu l-inċiżjoni li qed tidher ma' dan l-artiklu. Awturi oħra li tkellmu dwar din l-istatwetta jinkludu lill-Konti Francoise-Emmanuel Guignard de Saint-Priest (1791), Carlo Castone della Torre di Rezzonico (1793), Louis de Boisgelin (1804) u Frederic Lacroix (1840).

Malli nstabet, din l-istatwetta ittieħdet Malta u kienet tinżamm ma' antikitajiet oħra. Għal ħafna snin ma baqgħetx għall-wiri peress li kien hemm min tefa' dubji dwar l-awtentiċità tagħha. Fl-okkażjoni tal-festi




f'għeluq l-1950 sena min-nawfraġju ta' San Pawl din l-istatwetta reġgħet ġiet esibita għall-ewwel darba fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija fil-Belt Valletta u f'Mejju tas-sena 2009 ġiet esibita fl-Uffiċċju ta' *Heritage Malta* fiċ-Ċittadella propju 238 sena wara li kienet instabet. Din l-istatwetta llum għaddejja minn proċess ta' konservazzjoni li meta jkun lest, l-istatwetta titpoġġa għall-wiri b'mod permanenti fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex.

L-inċiżjoni ma fihiex titlu iżda hija mmarkata bħala Tav. XXI. Għandha qisien ta' 182mm x 287mm. Ma nafux min kien l-awtur tagħha. L-inċiżjoni turi l-istatwetta minn quddiem u minn wara flimkien mal-karattri li jidhru miktuba fuq il-ħwejjeġ. Dwar tifsir tal-kliem nitkellmu f'artiklu darb'oħra.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 188
Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2010

# Bandu għat-taħħana

**Id-dokument numru mija tmienja u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu Bandu għas-sena 1710-1711 indirizzat lit-taħħana. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1710–1711), folju 7v (NAG, UG, Acta, 10/1710–1711, f. 7v).**


ci per ogni contravenzione ...
Item che li Macinatori non possono macinare il formen
to più di grani dodeci al tumuno, il misciato a gra
ni dieci il tumuno, l'orgo a grani novi il tumulo, e quelli
che guasteranno la farina che non sarà ben ma
cinata saranno in pena di pagare tarì quindeci ap
plicandi come sopra. e siano in pena di ritornare il da
naro et interessi alli Pni o padrone di d: Vittovag
lie. Che li Macellari non possano vendere carne di nessuna sorte

*Item che li Macinatori non possono macinare il formento più di grani dodici al tumuno; il misciato a grani dieci il tumuno; l'orgo a grani novi il tumulo; e quelli che guasteranno la farina che non sarà ben macinata saranno in pena di pagare tarì quindici applicandi come sopra; e siano in pena di ritornare il denaro et interessi alli Padroni o padrone di detto vettovaglie.*

Dan il-*Bandu* u oħrajn li nħarġu miegħu jixhdu l-attenzjoni li kienet tagħti l-Università lil kull ħaġa li setgħet taffettwa l-but jew is-saħħa tal-Għawdxin.

Il-bdiewa Għawdxin kienu jaħsdu mill-għelieqi tagħhom *formento* – proprjament ried jingħad *frumento*, qamħ (*wheat*); *orgo* – proprjament ried jingħad *orzo*, xgħir (*barley*); u *misciato* jew maħlut, qamħ u xgħir miżrugħa flimkien. Wara li jinħasad, il-prodott kien jindires, jinġabar fi xkejjer, u jittieħed għand tal-mitħna.

It-taħħan kien iferra' l-prodott mill-ixkejjer f'delu apposta mnejn kien jinżel bil-mod il-mod bejn iż-żewġ ġebliet kbar tal-mitħna, waħda fuq u l-oħra taħtha. Dawn kienu jitħnu l-qamħ, ix-xgħir, jew il-maħlut, li kien jitfarrak u jsir dqiq. Il-ġebliet tal-mitħna kienu jiddawru minn żiemel jew bagħal mgħammad. Kienu jgħidulha mitħna tal-miexi. Iktar 'il quddiem il-ġebliet bdew jiddawru mill-imtieħen tar-riħ.

L-Università iffissat tliet prezzijiet għat-tħin: il-qamħ, tnax-il ħabba kull *tumuno* (proprjament *tumulo*) jiġifieri **tomna** (18.18 dm$^3$); ix-xgħir, disa' ħabbiet it-tomna; il-maħlut għaxar ħabbiet it-tomna. Tnax-il ħabba jiġu inqas minn ċenteżmu ta' Ewro (€0.01). Id-differenza fil-prezz tirrifletti d-differenza fil-ħin biex jintaħan il-prodott. Il-prezz tal-qamħ hu kemxejn iktar għax kien jieħu iktar żmien. Mill-qamħ kienu joħorġu tliet prodotti: *smid*, dqiq abjad mill-ifjen u l-aħjar tal-qamħa mitħuna u allura iktar sustanzjuż, tant li kien jitħallat mal-ħalib u jingħata lit-trabi; id-*dqiq* għal ħobż; u l-*granza*. Din setgħet tinqasam fi tnejn, *qxura*, għall-fniek, u *smida*, jiġifieri qxura mgħarbulha, li kienet tingħata bħala tagħsida lit-tiġieġ.

Il-ħobż tal-qamħ kien ikun abjad u kien ikkunsidrat ħobż tas-sinjuri għax kien jinbiegħ bi prezz ogħla; il-ħobż tal-maħlut kienu jsejħulu ħobż ismar imħabba l-kulur tiegħu; u l-ħobż tax-xgħir kien ikun iktar ismar minn tal-maħlut.

L-Università, barra dan, illeġiżlat ukoll dwar il-kwalità tad-dqiq. It-tħin ried isir bil-galbu ħalli ma jiġrix li d-dqiq ma jkunx ta' kwalità tajba. Min jinqabad jagħmel xogħol ta' kafkaf seta' jeħel multa kbira ta' ħmistax-il tarì (€0.24). Din il-multa kellha tinqasam *come sopra*, jiġifieri kif inkiteb qabel. Iktar 'il fuq hemm imniżżel li multi ta' din ix-xorta kellhom jinqasmu nofs b'nofs: nofs għall-Università, u nofs għall-*cattapani*, l-uffiċjali li kienu joħorġu t-taħrika.

Dan il-*Bandu* jixhed li l-Università riedet tikkontrolla kemm il-għoli tal-ħajja, kif ukoll il-kwalità tal-prodott.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Karm Attard S.D.B.

## 3. Kwalitajiet ta' Dun Karm Attard



Kellu bosta kwalitajiet tajba u ħeġġa missjunarja kbira tant li qagħad l-Indja tnejn u sebgħin sena, sakemm miet. Fuq kollox kien jispikka fih l-ottimiżmu.

Rev. Dr. Jose Varickasseril S.D.B, mid-djoċesi ta' Shillong, li għex qrib ta' Dun Karm Attard, fl-artiklu li deher f' "Leħen il-Missjunarju" tal-Milied 2002, li jismu: "Dun Karm Attard - Ħabbar imħeġġeġ u dinamiku tal-Vanġelu", isemmi dawn il-kwalitajiet ta' dan ir-reliġjuż. Ser nikkwota kelma b'kelma parti minn dan l-artiklu.

**1) L-imħabba kbira lejn il-ministeru tar-rikonċiljazzjoni** – Fr. Attard jiddedika ruħu ħafna għall-amministrazzjoni tas-sagrament tal-qrar. Huwa bħal San Ġwann Maria Vianney, il-kurat ta' Ars. B'sabar kbir ipoġġi fil-konfessjunarju għal sigħat twal. Anki meta jasal f'xi villaġġ 'il bogħod, għalkemm għajjien, l-ewwel ma jfittex ikun lil dawk li riedu jserrħu l-kuxjenza, biex jagħmlu paċi ma' Alla u mal-proxxmu.

**2) Il-kura, l-indafa u t-tiżjin tal-artal** – Jixtieq l-artal dejjem armat. Il-quddiesa tiegħu kuljum devota. Ebda għaġġla. Iħobb ħafna l-liturġija u jifraħ li għadu jista' jkanta l-kant gregorjan. Darba jien insejt niġbed il-purtiera tat-tabernaklu. "Attent u tkunx distratt fuq l-artal" huwa qalli. Irid ukoll li jkollu ħafna abbatini madwaru waqt xi funzjoni speċjali.

**3) L-omelija tiegħu dejjem interessanti** – Ħadd ma jiddejjaq meta jippriedka hu. Huwa jlesti x'se jgħid fil-Ħadd li jmiss sa minn ġranet qabel. Iqis dejjem li jsaħħaħ fil-fidi dawk li jisimgħuh. U dan mhux fil-quddiesa biss: huwa kreattiv u jaf iwassal il-kelma ta' Alla tul ix-xahar tal-Madonna u waqt il-barka tas-Sibt u fl-adorazzjoni sollenni tal-Ħadd.

**4) Il-preżenza tiegħu fis-servizzi ta' talb fil-familji** – Hawnhekk aħna għandna d-drawwa sabiħa li nagħmlu laqgħat ta' talb fil-familja. Dan isir għand dik il-familja li tkun għadha kemm ħaddnet il-fidi Kattolika. Inkella għand familja li mietilha xi ħadd jew għandha xi anniversarju.

**5) Il-ħeġġa kbira li għandu għall-katekeżi** – Din hi attività ta' min jimitaha fil-ħajja ta' Fr. Attard. Huwa ma jqisx biss li jibqgħu jsegwu u jsaħħu fit-tagħlim nisrani lil dawk li jkunu daħlu ġodda. Huwa organizza s-sorijiet ta' diversi kongregazzjonijiet sabiex iżuru lill-komunitajiet insara u jagħmlu laqgħat ta' formazzjoni reliġjuża u ta' tħejjija għaż-żwieġ.

**6) Il-gratitudni tiegħu lejn dawk li jgħinu fil-ħidma missjunarja** – Lili spiss kien ikellimni dwar il-ġenerożità kbira tal-benefatturi li għandu f'Malta, l-Awstralja u pajjiżi oħra. Huwa attent ħafna li jwieġeb kull ittra li tasallu. U jinkwieta meta l-posta ddum ma tasal jew tintilef xi ittra. Meta jiġri hekk, aktar jiddispjaċih għal min ikun bagħat id-donazzjoni milli għalih innifsu li ma rċevihiex! Huwa jitlob ħafna għall-familji u għall-mejtin tagħhom.

**7) Il-ħila tiegħu għax-xogħol ta' kuljum** – Hawnhekk Fr. Attard huwa fl-aqwa tiegħu. Kapaċi jqum filgħodu kmieni u jibqa' sa tard filgħaxija. Qatt ma jidher għajjien. Għandu enerġija li ma titfissirx bil-kliem. Il-parroċċa hija kbira u x-xogħol amministrattiv jieħu ħafna ħin. Bis-saħħa tiegħu l-ħidma pastorali mxiet 'il quddiem sew, b'ferħ u sodisfazzjon tas-superjuri u ta' sħabu kollha.

**8) Id-devozzjoni kbira tiegħu lejn il-Madonna** – Fil-parroċċa s-Sibtijiet huma speċjali. Hekk ukoll ix-xhur ta' Mejju u ta' Ottubru. Jien għadni sal-lum inġib quddiem għajnejja s-sodisfazzjon kbir li ħass Fr. Attard meta rnexxielu jlesti għal kollox il-grotta tal-Madonna ta' Lourdes u l-knisja tal-Madonna tal-Karmnu. Wiċċu jixgħel meta jippriedka fuq il-Verġni Mbierka Omm Ġesù.

**9) It-tħassib u l-imħabba speċjali tiegħu għall-foqra** – Fr. Attard isib kull mezz biex jgħin lill-foqra. Iqassam bil-qies u l-prudenza ikel, ħwejjeġ u mediċini. Anki jgħin fl-edukazzjoni tat-tfal. Iżomm fid-dar tiegħu tfal li jaslu mill-bogħod jew li ma għandhom lil ħadd. Għalkemm id-diffikultajiet finanzjarji huma kbar, huwa jipprova jwaqqaf skejjel elementari fil-villaġġi mbegħdin lejn l-għajnuna tal-gvern ma tasalx.

**10) L-imġiba ta' ħajtu fis-saċerdozju** – Dejjem jimxi b'ġustizzja ma' kulħadd, hekk li ħadd ma jsib x'jgħid fih. Lili jridni dejjem bis-suttana. Aħna lilu dejjem hekk rajnieh, anki meta darba mar il-belt jara film. Kien fuq il-ħajja ta' Mahatma Gandhi. Hu l-uniku film li qatt ra, u tant għoġbu li lili ħeġġiġni biex immur narah. Fr. Attard hu tassew saċerdot ta' Kristu dejjem u kullimkien.

**Angelo Xuereb**

Għawdex Online (24)



# *Meta l-Isqof Nikol Cauchi kkundanna s-sewqan eżaġerat*



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE,** sfelicep@go.net.mt



Kultant niskanta b'dak li nsib fl-internet. Darba kont qed infittex dwar ir-riformi fil-Knisja u hemm kont sibt artikli li kont ktibt jien f'gazzetta Maltija bl-Ingliż u dan l-artiklu kien ġie maqlub fl-Ispanjol, fil-Franċiż u f'lingwa li sal-lum għadni ma naf x'kienet.

Fir-riċerka li għamilt dwar l-Isqof Nikol Cauchi għal diversi artikli li ktibt dwaru, sibt tagħrif dwar ċirkulari li kien ħareġ l-istess Isqof fl-okkażjoni ta' jum dinji li kien ifakkar il-vittmi tal-inċidenti tat-traffiku. Nhar id-29 ta' Ottubru 2002 f'ċirkulari li ħareġ kien sejjaħ is-sewqan bla kont jew bla kontroll dnub kontra l-ħames kmandament 'La Toqtolx'. Kien qal ukoll li kulħadd għandu d-dmir morali li jevita l-inċidenti tat-traffiku. Ibda mill-gvern u spiċċa minn dawk li huma fdati mill-Istat li jaraw li l-karozzi jinsabu fi stat tajjeb, u hawn jidħol ukoll sid il-vettura.

Iċ-ċirkulari tal-Isqof Cauchi kienet ġiet innotata sewwa mill-medja internazzjonali tant li diversi websajts mhux biss irrapportawha iżda kellhom ukoll xi kummenti dwarha. L-Isqof kien kiteb artiklu wkoll fuq *The Times* ta' Malta biex ixerred aktar it-tagħlim tiegħu. Id-Dipartiment tal-Informazzjoni ta' Malta kien ukoll għamel il-kummenti tiegħu li għadhom jistgħu jinstabu f'*www.doi.gov.mt/en.commentaries/2002/11/tim07.asp*. Referenzi oħrajn jinsabu f'websajt Awstraljana *www.abc.net.au/news/newsitems/200210/s713489.htm* u f'*www.flyertalk.com/forum/archive/t-224517.html.*.

Is-sena 2002 kienet sena diżastruża għall-inċidenti fatali li kienu seħħu fil-gżejjer tagħna. Kienu seħħew 10,600 ħabta, bi tnax-il persuna li kienu tilfu ħajjithom, fl-ewwel disa' xhur tas-sena. Bħal dejjem il-Knisja permezz tal-Isqof Nikol Cauchi ħadet l-opportunità li tgħallem u twissi. F'dan il-każ il-Knisja tkellmet b'mod ċar dwar is-sewqan eżaġerat u t-traskuraġni f'xi forma jew oħra relatata mas-sewqan. Il-problema tal-2002 għadha magħna. Xi toroq tjiebu, oħrajn le. Iżda huwa l-għarfien tar-responsabbiltà ta' min isuq li hija l-aqwa arma kontra l-inċidenti tat-traffiku.

Filwaqt li nitlob li l-Isqof Nikol jistrieħ fi ħdan il-Missier, nagħti x-xewqat tajba lil kulħadd.


**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 9.30am - 12.30pm*





*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

# L-Għoljiet t'Għawdex

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratt ta' Joseph Attard*



## 10. ĦOTOB U QOLOL

**Ta' La Veċċa** - *Taż-Żebbuġ fil-qrib u l-Għasri*
*għolja din waħda miż-żgħar,*
*tat-tafal kienet barriera*
*għall-pasturi u għall-fuħħar.*

**Ta' Kanġla** - *Ħotba ċkejkna u leġġendarja,*
*qrib il-għolja ta' Ġurdan,*
*Kanġla mara qalbenija*
*għax għelbitu lill-furban!*

**Ta' Gużman** - *Ħotba ċkejkna qrib ir-Rabat,*
*knisja kellha wisq qadima,*
*kważi mħarbta ġiet bil-bini,*
*u ma ħadna ebda tagħlima!*

**Il-Qolla l-Bajda** - *Fejn il-Qbajjar, qrib ix-Xwejni,*
*din il-qolla wisq gustuża,*
*nies miljuni żgur li rawha*
*għax għal films ġie li tintuża.*

**Il-Qolla s-Safra** -*Għolja qolla ta' lewn isfar,*
*tal-fuħħar ħierġa mit-torn,*
*u tinsab mhux bgħid mill-Qbajjar,*
*u qrib sew ta' Marsalforn.*

**Ras il-Wardija** - *Ħotba din bħal ras blat ixheb,*
*hemm fil-lbiċ tal-gżira Għawdxija,*
*fuqha kienet tinżamm l-għassa,*
*u ssemmiet Ras il-Wardija.*

# WERREJ 2010

## ARTIKLI TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

Solidarjetà Nisranija (6)
Il-Virtù tal-Ħniena — Jannar p.28

Solidarjetà Nisranija (7)
L-Opri tal-Ħniena (1) — Frar p.28

Solidarjetà Nisranija (8)
L-Opri tal-Ħniena (2) — Marzu p.28

Solidarjetà Nisranija (9)
L-Opri tal-Ħniena (3) — April p. 28

Solidarjetà Nisranija (10)
L-Opri tal-Ħniena Spiritwali (1) — Mejju p.28

Solidarjrtà Nisranija (11)
L-Opri tal-Ħniena Spiritwali (2) — Ġunju – Lulju p.28

Solidarjetà Nisranija (12)
L-Opri tal-Ħniena Spiritwali (3) — Awwissu – Sett. p.28

Solidarjetà Nisranija (13)
Operaturi tas-Solidarjetà fil-Knisja — Ottubru p.28

## ANNIVERSARJI

Dar Ġużeppa Debono tfakkar is-7 ta' Frar b'Ċelebrazzjoni "Ħajja"
*(Francesco Pio Attard)* — Marzu p.17

Inkoronazzjoni Tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu – B'Ħarsitna fuq Ommna Marija *(Dun Gerard Buhagiar)* — Mejju p. 20

Is-60 Anniversarju tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex
*(Anton Farrugia)* — Mejju p. 35

L-Oasi tal-Vajrinġa! Il-Librerija Pubblika ta' Għawdex, 170 Sena ta'Storja u Kultura tal-Ktieb
*(Joseph W. Psaila)* — Awwissu – Sett. p.32

Ġiżwita Għawdxi Pijunier fit-Twaqqif tal-APS — Diċembru p.35

## ATTWALITÀ

Ġieħ Għawdex 2009
*(Saviour Grech)* — Frar p. 21

Il-"Gozo International Celebration"
*(Rev. Dr. Joe Zammit)* — April p.20

Il-Programmi Edukattivi tal-Unjoni Ewropea
*(Saviour Grech)* — Awwissu – Sett. p. 20

Ġieħ Għawdex – 2010
*(Saviour Grech)* — Novembru p.16

## APPREZZAMENTI

Mons. Tumas Curmi
*(Joe Camilleri)* — Jannar p. 47

Kan. Ġwann Scicluna
*(Francesco Pio Attard)* — Marzu p. 37

Kan. Ġużeppi Borg Buġeja
*(Francesco Pio Attard)* — Ġunju – Lulju p.46

Mons. Ġużepp Piscopo
*(tagħrif miġbur mir-Rivista "San Lawrenz 2007")* — Ġunju – Lulju p.47

## DAWL GĦALL-ĦAJJA
**Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca**

"The Manhattan Declaration" — Jannar p.26

L-Aħħar Testment tal-Mulej Ġesù — Frar p.26

Il-Qrar : Is-Sagrament tal-Ferħ — Marzu p.26

Kullana ta' Ħsibijiet tal-Papa Benedittu XVI — Mejju p.26

Kelma għal Kulħadd Mill-Papa Benedittu XVI f'Malta — Ġunju – Lulju p.26

It-Tkissir taż-Żwieġ u l-Familja sar Epidemija — Awwissu – Sett. p.26

It-Tifsira tal-"Ġentlom ta' Veru" — Ottubru p.26

It-Tfal fi Żwieġ Stabbli Huma Ferm Aħjar f'Kollox — Novembru p.26

Bi Żwieġ Stabbli Jirbaħ Kulħadd — Diċembru p.26

## DJAMANTI TA' GĦAWDEX

Widien u Għoljiet fil-Kampanja Għawdxija
*(ritratti : Richard Grech)* — Jannar p.51

Niċeċ – Xhieda ta' Fidi fit-Toroq Tagħna
*(ritratti : Joseph J.P. Zammit)* — Frar p.51

Statwetti u Monumenti tal-Qaddisin Protetturi
*(ritratti : Joseph J.P.Zammit)* — Marzu p.51

Erba' Niċeċ "Tal-Kantuniera" fir-Rabat
*(ritratti : Joseph J.P.Zammit)* — April p.51

L-Eqdem Niċeċ tal-Madonna f'Għawdex
*(Ritratti : Joseph W' Psaila)* — Mejju p.51

Erba' Niċeċ "Tal-Bjut" fin-Nadur
*(ritratti : Richard Grech)* — Ġunju -Lulju p.51

Erba' Niċeċ Famużi "tal-Pedistall"
*(ritratti : Joseph W' Psaila)* — Awwissu – Sett. p.51

Erba' Niċeċ "Plakki" Skulturati
*(ritratti: Richard Grech)* — Novembru p.51

Erba' "Monumenti" Parrokkjali
*(ritratti : Joseph W' Psaila)* — Diċembru p.51

## DOKUMENTAZZJONI
mill-Omeliji ta' Mons. Isqof Mario Grech

Iċċedux għall-Omertà
In-Nisrani fil-Politika (2)
Bżonn ta' Reintegrazzjoni Soċjali tad-Drogati
Dawl fid-Dlamijiet tal-Lum
Il-Maġi f'Kuntatt mal-Komunitajiet Insara f'Pajjiżna
Kwiekeb Umani li qed Jiġġarrfu
Il-Knisja Hija Minorità Kreattiva — Jannar

Biex Nagħtu Wiċċ Uman lis-Soċjetà — Frar

"Għand Min Immorru?" (Ġw. 6:68)
"Jeħtieġ li Naħbtu ma' Gżira"
It-Tempesta tal-Knisja Llum — Marzu

Iċ-Ċelebat Saċerdotali fil-Knisja Kattolika
Il-Miraklu tal-Maħfra
Niġġieldu l-Faqar
Kultura li Tagħti Valur lill-Ġisem Uman — April

Il-Ħsieb Wara l-Azzjoni taż-Żwieġ
Id-Don tat-Tama Jġedded il-Wiċċ tal-Art
Għal Tqarbin Xieraq — Ġunju – Lulju

Soċjetà Fejn Tgħammar is-Solidarjetà
Il-Mejda Ewkaristika Hi Laqgħa ta' Mħabba Intima ma' Kristu
Ilħna li Jagħtu Direzzjoni — Awwissu – Sett.

Is-Saċerdot Huwa Msejjaħ biex Jibqa' Fidil sal-Mewt għas-Sejħa Tiegħu
Il-Kultura tal-Ħajja
Il-Maġisteru u l-Kuxjenza
It-Titjib fl-Ekonomija Jitlob Azzjoni Kuxjenzjuża — Ottubru

Attiviżmu li Jwassal għall-Aljenazzjoni
Knisja Mġedda Biex Tiġġedded is-Soċjetà
L-Obbligi tal-Kuxjenza tal-Bniedem — Diċembru

## DRAWWIET MISSIRIJIETNA — Anton F. Attard

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (26)
Ix-Xogħol tal-Bizzilla f'Għawdex (4) — Jannar p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (27)
Ix-Xogħol tal-Bizzilla f'Għawdex (5) — Frar p.30

IS-Snajja' Qodma f'Għawdex (28)
Ix-Xogħol tal-Bizzilla (6) — Marzu p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (29)
Il-Magni tal-Għaġin f'Għawdex — April p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (30)
Il-Preses tal-Madum (1) — Mejju p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (31)
Il-Preses tal-Madum (2) — Ġunju - Lulju p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (32)
Il-Preses tal-Madum (3) — Awwissu – Sett. p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (33)
Ix-Xogħol tal-Luminati f'Għawdex (1) — Ottubru p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (34)
Ix-Xogħol tal-Luminati f'Għawdex (2) — Novembru p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (35)
Ix-Xoghol tal-Luminati f'Għawdex (3) — Diċembru p.30

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

Jannar p.21
Frar , April, Mejju, Ġunju-Lulju, Ottubru p.16
Diċembru p.15

## EDITORJALI — Joseph W. Psaila

L-Iskola Saret Mera tas-Soċjetà — Jannar p.3
Ir-Reċessjoni f'Din ir-Rokna ta' Dinja Globalizzata — Frar p.3
Omeliji Medjokri jew Udjenza Bla Aptit? — Marzu p.3
Żjara f'Mument Diffiċli għall-Knisja — April p.3
Meta ċ-Ċirinew Kien Malti — Mejju p.3
Kemm Arja fil-Ballun? — Ġunju – Lulju p.3
Id-Drieġħ Twil tad-Divorzju — Awissu – Sett. p.3
It-Traġedja u t-Tagħlima — Ottubru p.3
Fuq Kollox kien "Missier" — Novembru p.3
Ċittadini ta' Betlem — Diċembru p.3

## ESPERJENZI

Żjara Edukattiva Ġewwa Berlin
*(Lucienne Sultana u Angele Xerri)* — Jannar p.48

Fis-Sena Saċerdotali Pellegrinaġġ għal Ars
*(Seminaristi Għawdxin)* — Mejju p.46

"Fraħt Meta Qaluli : Immorru f'Dar il-Mulej"
*(Dun Eddie Zammit)* — Novembru p.32

## FTIT FATTI U KUMMENTI — Dr. Mario Saliba

Għawdex Gżira Ekoloġika ! Viżjoni Gradjuża … jew Ħolma Fiergħa? — Jannar p.32
Aħna, it-Turisti, l-Indafa…u l-Paroli Aktar milli Fatti — Frar p.19
Paradossi ta' Żmienna — Marzu p.22
Traffiku u Inċidenti, Dħaħen u Trasport Pubbliku — April p.36
It-Turiżmu Intern… Sostenibbli? — Ġunju – Lilju p.35
Id-Diskussjoni Miftuħa dwar id-Divorzju f'Pajjiżna — Awwissu – Settembru p.23
Issa li Bdiet l-Iskola… — Ottubru p.35
Il-Ħxuna u l-Piż Żejjed fit-Tfal Tagħna — Novembru p.21
Il-Kanċer u Int — Dicembru p.17

## GĦAWDEX "ON-LINE" — Salvu Felice Pace

Kappelli Għawdxin "On-Line"
Mawra sax-Xlendi (9) — Jannar p.43
Santa Marta "tal-Għonq" (10) — Frar p.43
Kappella f'Ġieħ l-Ewwel Isqof ta' Malta (11) — Marzu p.43
Kappella ta' Seħer u Storja fl-Għarb (12) — April p.43
Kappella Leġġendarja fl-Għarb (13) — Mejju p.43
"Ejja,! Ejja!... Illum" (14) — Ġunju – Lulju p.43
Aħbarijiet Dwar Għawdex — Awwissu – Sett. p.43
Kappella Oħra fiċ-Ċittadella — Ottubru p.43
Għawdex Skont il-Wikipedia — Novembru p.43
Meta l-Isqof Nikol Cauchi Kkundanna s-Sewqan Eżaġerat (18) — Diċembru p.43

## GĦAWDEX QABEL IR-RITRATTI — John Cremona

Imkien li Jgħaġġeb lil Allat (21) — Jannar p.40
Maħbuba mill-Għawdxin ta' Żmien Ilu…? (22) — Frar p.40
Xi Ġralu s-Sultan ? (23) — Marzu p.40
Artisti li Għamlulna Ġieħ (24) — April p.40
L-Eqdem Bini tal-Ġebel fid-Dinja (25) — Mejju p.40
Ġebel Misterjuż (26) — Ġunju – Lulju p.40
Il-Ġgantija f'Enċiklopedija dwar id-Dinja (27) — Awwissu – Sett. p.40
Fejn Kien Għawdex fil-Ħolqien? (28) — Ottubru p.40
Għawdex fl-Assedju l-Kbir (29) — Novembru p.40
Lura Għawdex Wara 238 Sena (30) — Diċembru p.40

## GĦAWDEX 300 SENA ILU
Paġna mill-Arkivji Nazzjonali — Mons. Dr. Joseph Bezzina

Il-Maħżnier tal-Qmuħ tal-Università (179) — Jannar p.41
Il-Maħżnier tal-Qmuħ Tiġih Żewġ (180) — Frar p.41
Il-Prezz tal-Karta (181) — Marzu p.41
Talb għax-xita lil San Lazzru (182) — April p.41
Sparar u Ħuġġieġa Lejliet San Ġwann (183) — Mejju p.45
Sitt Torċi ghall-uffiċċju tal-Università (184) — Ġunju - Lulju p.41
In-Nutar Ewlieni tal-Università (185) — Awwissu – Sett p.41
Ir-reġistru tal-Proviżjon (186) — Ottubru p.41
Dun Saver Politano għall-Avvent u r-Randan fil-Matriċi (187) — Novembru p.41
Bandu għat-Taħħana (188) — Diċembru p.41

## GĦEXT IL-MANDRAĠĠ — Anton Spiteri


Dawra mal-Inħawi (1) — Ottubru p.47

Ġirien Bieb ma' Bieb u Ħbieb ma' Ħbieb (2) — Novembru p.46

Logħob u Logħbiet (3) — Diċembru p.38


## Il-ĦAJJA FID- DJOĊESI
Aħbarijiet Djoċesani mis-Seminarista


Stanley J. Portelli — Jannar, Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju-Lulju, Awwissu-Sett. p.4

Gabriel Gauci — Ottubru , Novembru, Diċembru p.4


## ILĦNA MILL-BOGĦOD FIL-QRIB


Ħidma Kattolika f'Kultura Buddista
*Bro Mario Zammit* — Novembru p.28


## IL-WIRT STORIKU TAGĦNA


Master Plan għaċ-Ċittadella
*(John Cremona u Ivana Farrugia)* — Novembru p.36


## INTERVISTI


L-Imsallab fi Triqatna
*(George G. Cassar)* — Marzu p.46

Dar Ġużeppa Debono – Dar "il-Ħajja"
*(Francesco Pio Attard lil Maria Attard)* — Ġunju – Lulju p.32

Miraklu ta' 150 Elf Għotja –Il-Librerija Pubblika tal-Katidral
*(Joseph W. Psaila lil Anton Farrugia)* — Ottubru p.32


## IRQAQAT MILL-IMGĦODDI


Storja ta' Żewġ Ritratti Dwar il-Madonna Ta' Pinu
*(Franco Masini)* — Ottubru p.37


## KIF NAF LIL GĦAWDEX


Tant Għawdxin ta' Żgħożiti, fil-Qasam Edukattiv, fil-Moviment ta' Kana u fl-Attivitajiet Kulturali
(Nazju Abela) — Jannar p.34


## KOTBA MINN GĦAWDEX
Reċensjonijiet ta' Kotba Riċenti


Mons. Isqof Nikol G. Cauchi u awturi oħra : Pariri Saċerdotali tal-Kurat ta'Ars
*(Mons Salv Grima)* — Jannar p.46

Kardinal Basil Hume, trad. Dun Geoffrey G. Attard : Ngħixu r-Randan mal-Mulej
*(Mons. Salv Grima)* — Frar p.25

Mons Lawrenz Sciberras : Il-Mastrudaxxa ta' Nazaret
*(Mons. Salv Grima)* — Marzu p.25

Thamas a Kempis, trad. Lumen Christi Publications : L-Imitazzjoni ta' Kristu
*(Mons. Salv Grima)* — Mejju p.25

Euchar Mizzi : Folklore in the Maltese Islands
*(Kav. Joe M. Attard)* — Ġunju – Lulju p.25

Anton Teuma : Ilma Mibdul f'Inbid
*(Dr. Mario Saliba)* — Ottubru p.25

Mons. Lawrenz Sciberras : Personaġġi Rġiel fil-Bibbja
*(Joseph W. Psaila)* — Novembru p.25

Bennie Mercieca : "Ejja Mulej Ġesù"
*(Mons Salv Grima)* — Novembru p.26

Paolo Gariglio : Ħabb u Rebaħ il-Qlub (trad. Mons Carmelo Refalo)
*(Francesco Pio Attard)* — Diċembru p.22

Angelo Xuereb : Xhieda Nisranija fl-Istorja tal-Knisja Għawdxija
*(Dun George Mercieca)* — Diċembru p.23


## KULTURA NISRANIJA


Inċiżjoni Rari tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Utrecht, l-Olanda
*(Dr. Joe Zammit Ciantar)* — Frar p.34

Statwi Artistiċi ta' Kristu Msallab
*(Joe Camilleri)* — Marzu p.34

Rakkont tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Manuskritt tas-Seklu Ħmistax
*(Dr. Joe Zammit Ciantar)* — Mejju p.32

Priedka tas-Seklu Tmintax f'Għieħ San Franġisk t'Assisi
*(Dr. Joe Zammit Ciantar)* — Awwissu – Sett. p.35

Priedka tal-Milied fil-Fortizza Ricasoli – 1743
*(Dr. Joe Zammit Ciantar)* — Diċembru p.32


## KUMMENTARJI


Kungress Ewkaristiku : Tisħiħ, Tindifa jew...? (1)
*(Mons.Salv Grima)* — Jannar p.7

Dell is-Salib Sar Skumdità? (2)
*(Joe Camilleri)* — Jannar p.22

Il-Katekeżi tar-Randan Skont Benedittu XVI (1)
*(Dun Anton Sultana)* — Frar p.7

2009 – Sena ta' Sfidi għal Pajjiżna (2)
*(Michael Grech)* — Frar p.18

Qis Kliemek! Is-Sabiħ Sar "Bomba" u "Tal-Ġenn"!! (3)
*(Marċell Mizzi)* — Frar p.22

Wara s-Sentenza tal-Qorti Ewropea Dwar il-Kurċifiss mal-Ħajt tal-Klassi (4)
*(Carmelo Grima)* — Frar p.37

Jagħlaq 5 Snin Waqt Żjara Fostna (1)
*(Mons. Salv Grima)* — Marzu p.6

2010 – L-Isfidi Ekonomiċi Għadhom Magħna (2)
*(Michael Grech)* — Marzu p.14

Il-Logħob tal-Flus Jilgħabek u Jfallik (3)
*(Kan. Julian Refalo Rapa)* — Marzu p.15

Għaxar Snin ta' Fejda għan-Negożju f'Għawdex (4)
*(Franco Masini)* — Marzu p.18

Qabduha fuq l-Integrità! (1)
*(Mons. Salv Grima)* — April p.7

Dawl Ġdid Fuq il-Passat ta' Għawdex (2)
*(Franco Masini)* — April p.15

Mejju u d-Devozzjonijiet Marjani f'pajjiżna ... Sentimentaliżmu Reliġjuż? (1)
(Dun Anton Dimech) — Mejju p.7

Eko-Għawdex... Żewġ Obbligi Serji (2)
*(Franco Masini)* — Mejju p.14

L-Element Reliġjuż fl-Ilsien Malti (3)
*(Carm C. Cachia)* — Mejju p.18

Ġudizzju "Nisrani"... (1)
*(Dun Anton Dimech)* — Ġunju – Lulju p.7

Il-Problema tal-Ommijiet Mhux Miżżewġa (2)
*(Paul Saliba)* — Ġunju – Lulju p.15

Neħilsu l-Ħin Liberu... Kwantità jew Kwalità? (3)
*(Dun Richard Nazzareno Farrugia)* — Ġunju – Lulju p.18

Il-Prokreazzjoni Medikalment Assistita (1)
*(Dun Renato Borg)* — Awwissu – Sett. p.7

Il-Kelma Maltija u t-Tifsir Tagħha (2)
*(Carm C. Cachia)* — Awwissu –Sett. p.16

Qabduha Dwar l-Eko-Għawdex Sajfi (3)
*(Mons Salv Grima)* — Awwissu – Sett. p.18

Il-Knisja Hi Opinjonista? (1)
*(Dun Anton Dimech)* — Ottubru p.7

Ejjew inkunu... Missjunarji f'Pajjiżna (2)
*(Carmelo Grima)* — Ottubru p.15

Iż-Żgħir Sabiħ!... Imma Ntbaħna Bih? (3)
*(Joseph W. Psaila)* — Ottubru p.18

"Dritt"? (1)
*(Mons. Salv Grima)* — Novembru p.7

Il-Gidba Strateġija (2)
*(Joseph W. Psaila)* — Novembru p.17

Il-Milied... Anzi għadhom ma bidlulux ismu! (1)
*(Joe Rapa)* — Diċembru p.7

Id-Dritt Naturali fit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja (2)
*(Paul Saliba)* — Diċembru p.19

## LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA

"Ta' Min Jgħidulu?"
*(George N. Cassar)* — April p.34

## LETTERATURA GĦAWDXIJA

Il-Knisja tal-Għonq
*(Joseph Formosa)*
Il-Fanal ta' Ġordan
*(Joseph Formosa)*
Il-Karba tal-Knisja tal-Għonq
*(J.W.Psaila)* — Jannar p.25

Ġej il-Papa!
*(Francis Sultana)* — Marzu p.7

Talba tal-1990
*(Joe Zammit Ciantar)* — April p.22

Passjoni bit-Teknoloġija
*(J.W. Psaila)*

Meħba Bik, Għażiż Benedittu
*(Joe M. Attard)* — Mejju p.41

Il-Pitirross
*(Christina Spiteri)*
L-Ogħla Tweġiba
*(Giulio Salvadori, trad. Michael Grech)*
Fejn Int?
*(Giulio Salvadori, trad. Michael Grech)* — Ġunju – Lulju p.24

Il-Farfett
*(Christina Spiteri)*
L-Eżilju tal-Għawdxin
*(Francesco Pio Attard)*
Id-Demgħa t'Alla
*(Mark Laurence Zammit)* — Ottubru p.24

Il-Kolonna tas-Sħaba
*(John Henry Newman, trad. Dun Geoffrey G.Attard)* — Ottubru p.27

Doqqu, Doqqu Qniepen Kiebja
*(Charles Bezzina)*
Bir-Riedni Kif Tridni
*(J.W. Psaila)* — Novembru p.23

Esej : Il-Ħobż
*(Carm C. Cachia)* — Novembru p.34

L-Isqof Emeritus – Sunett
*(Kav. Joe M. Attard)* — Diċembru 16

Il-Ħolma tal-Milied
*(Ġanninu Cremona)* — Diċembru p.24

## LETTERATURA U STORJA

"Trista Ex Milito Gaudo" – kummenti dwar dan il-manuskritt
*(Anton Tabone)* — April p.18

## L-GĦOLJIET TA' GĦAWDEX
Anton F. Attard

Ta' Merżuq jew tas-Salvatur (1) — Jannar p.50
In-Naffara (2) — Frar p.50
Ta' Għammar (3) — Marzu p.50
Ta' Dbieġi (4) — April p.50
Ta' Gelmus (5) — Mejju p.50
Id-Dabrani (6) — Ġunju – Lulju p.50
Il-Ħarrax u Ta' Kuljat (7) — Awwissu – Sett. p.50
Ta' Ġurdan (8) — Ottubru p.50
Il-Mixta u Għar Ilma (9) — Novembru p.50
Ħotob u Qolol (10) — Dicembru p.50

## MEDITAZZJONI BIBLIKA

Il-Ġonna u l-Ġenna
*(Ġużi Debono)* — Marzu p.23

L-Irxoxt Iwiegħed u Jagħti l-Ispirtu s-Santu
*(Mons Lawrenz Sciberras)* — April p.32

L-Inkarnazzjoni u t-Twelid ta' Ġesù Bambin
*(Mons. Lawrenz Sciberras)* — Diċembru p.20

## MIL-LENTI TAT-TELEKAMERA
Alvin Scicluna

Esperjenza Indimentikabbli fl-Awstrija għal Kor ta' Żgħażagħ Għawdxin — Jannar p.36
Rolandia, fejn Padre Josè Agius — Frar p.46
San Paolo, fejn l-Għajn Taf Tqarraq bil-Viżitatur — April p.44

## MILL-PARLAMENT

Jannar p.20
Frar, April, Mejju, Ġunju-Lulju, Ottubru p.17

## MIX-XENA SPORTIVA
Joe Bajada

Aktar Attivitajiet f'Għawdex mill-Kunsill Malti għall-Isport — Jannar p.49
Athletix – Skola tal-Atletika f'Għawdex – Premjazzjoni 2009 — Frar p.49
Tiġrijiet taż-Żwiemel — Marzu p.49
Tour ta' Malta taċ-Ċikliżmu Jirritorna f'Għawdex — April p.49
Inawgurat Kumpless Ġdid fil-Gozo Stadium — Mejju p.49
Victoria Hotspurs Champions
Sannat Lions Jirbħu l-BOV-GFA Cup — Ġunju – Lulju p.49
Padania Jirbħu l-VIVA World Cup — Awwissu – Sett. p.49
2 Trofeo del Mediterraneo, Mercogliano — Ottubru p.49
SK Victoria Wanderers Jirbħu t-Tazza Indipendenza — Novembru p.49

## PASSATEMPI TAL-GĦAWDXIN

Ir-Re tal-Passatempi, il-Passatemp tar-Rejiet
*(Anton Said)* — Awwissu – Sett. p.25

Id-Dilettanti tar-Radio
*(George Gauci)* Ottubru p.22

## PASSIĠĠATA BIBLIKA — Fr. Charles Buttigieg

Ħarsa Ġenerali lejn l-Evanġelju Skont San Ġwann (51) Jannar p.38

Kristu Jagħżel Tnax-il Appostlu għall-Bini tal-Knisja Tiegħu (52) Frar p.38

"Ir-Raġel Ġust ta' Marija" – San Ġużepp fil-Kitba Apokrifa (53) Marzu p.38

Minn Ħdejn is-Salib sal-Qabar (54) April p.38

Il-Madonna fil-Bibbja (55) Mejju p.38

L-Ispirtu s-Santu fl-Antik u fil-Ġdid Testment (56) Ġunju – Lulju p.38

It-tagħlim ta' San Pawl dwar l-Imħabba Vera (57) Awwissu – Sett. p.38

Ħarsa Biblika Lejn il-Misteru tat-Tbatija (58) Ottubru p.38

L-Immakulata Kunċizzjoni (59) Novembru p.38

## "PICTURE STORY"

It-Triq tas-Santwarju tal-Lourdes, fl-Imġarr, Għawdex (7) Jannar p.24

Eco-Gozo... Hekku Għawdex! (8) Ġunju – Lulju p.23

## "PLAY – FORUM" — Mons. Salv Borg

Ma' Mewġ il-Ħajja (6)
Id-Deċenza : Bil-Qies jew Bla Qies? Awwissu – Sett. p.46

## RAPPORTI

27 Mistoqsija li Jeżiġu Tweġiba (1)
*(Paul Scicluna)* Frar p.32

Nibżgħu għas-Suq Domestiku (2)
*(Paul Scicluna)* Marzu p.32

## RIFLESSI — Kav. Joe M. Attard

Kemm Rajt Presepji Sbieħ! Jannar p.15

Mill-Karnival għar-Randan Frar p.15

IL-Ħala... Marzu p.16

Suċċess għal Seħer il-Punent April p.14

Benedittu Ġie u Mar... Mejju p.13

Nies li Jaħsbu fil-Milied is-Sena Kollha Ġunju - Lulju p.14

Il-Pjaga tat-Traffiku fil-Belt Għawdxija Awwissu – Sett. p.14

Għawdex Jitlef Sitt Ulied... bin-Nar Ottubru p.14

Ċimiterji Ġodda fl-Irħula Tagħna Novembru p.14

## SERVIZZI SPEĊJALI

Servizz Speċjali Sena Saċerdotali (4)
X'Jixtieq il-Poplu t'Alla mis-Saċerdoti Tiegħu ?
*(Victor Degabriele S.J.)* Marzu p.19

Tħejjija għall-Miġja tal-Papa
Tliet Papiet fl-Istorja t'Għawdex
*(Dun Geoffrey G. Attard)* April p.21

Missa "In Fractione Panis"
(tagħrif miġbur mill-editur) April p.23

Servizz Speċjali Sena Saċerdotali (5)
Meta Saċerdot Jiżbalja... Nitkażaw?
*(Paul Saliba)* April p.26

Servizz Żjara tal-Papa
Esperjenzi ta' Żgħażagħ Għawdxin (1) Mejju p.22

Il-Papa Offra Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu
*(Dun Eddie Zammit)* Mejju p.24

## SFIDI TA' ŻMIENNA

Il-Bomba Demografika
*(Joe Rapa)* Frar p.23

Ir-Reliġjożità tal-Għawdxin
*(Victor Dogabriolo S.J.)* Ġumju Lulju p.21

Inħobbu l-Qaddisin!... imma għaliex niddejqu "nitqaddsu" bihom?
*(Victor Degabriele S.J.)* Awwissu – Sett. p.21

Kemm tassew "irridu" nsibu ħin għal Alla?
*(Victor Degabriele S.J.)* Ottubru p.20

Int Temmen jew ma Temminx?
*(George N. Cassar)* Novembru p.19

## SUPPLIMENTI

Benedittu XVI f'Malta Mejju

In Memoriam
Nikol Ġużeppi Cauchi, is-Seba' Isqof ta' Għawdex 91929 – 2010
L-Isqof Nikol Cauchi – Ragħaj ta' Viżjoni Kbira
Kif Se Nibqgħu Niftakru lill-Maħbub Isqof Nikola Novembru

## TIEQA FUQ L-AMBJENT — Joe Sultana

Il-Bufula l-Ħamra (14) Jannar p.44

Id-Durrajsa (15) Frar p.44

Il-Garnija (16) Marzu p.44

Il-Bufula tal-Imrewħa (17) April p.46

Il-Kanġu ta' Filfla (18) Mejju p.42

Il-Bufula tal-Għollieq (19) Ġunju – Lulju p.44

Il-Gawwija Prima (20) Awwissu – Sett. p.44

Il-Ħuttafa (21) Ottubru p.44

Il-Bilbla (22) Novembru p.44

L-Għasfur tal-Bejt (23) Diċembru p.28

## TISLIBA — Emmanuel Ellis

Frar, April, Ġunju –Lulju, Ottobru p.48

## X'GĦADDA MINN GĦALINA
Kronaka Għawdxija — Charles Spiteri

Jannar, Frar, Awwissu-Sett., Diċembru p.9
Marzu, April, Mejju, Ġunju-Lulju, Ottubru, Novembru p.8

## X'JGĦIDILNA L-ISQOF
Siltiet minn kitbiet u diskorsi ta' Mons. Isqof Mario Grech

L-Ewkaristija u l-Pastorali tal-Ħsieb Jannar p.5

Iċ-Ċensura Hi Prinċipju Ewropew Frar p. 6

Barra l-Ħtieġa ta' Ġustizzja Materjali hemm ukoll il-Bżonn ta' Dik Spiritwali Marzu p.5

Għal Żvilupp Ekonomiku u Soċjali f'Għawdex April p.5

"Għassies ta' Ruħkom" Mejju p.5

Il-Mara Edukatriċi tal-Qalb u tal-Ispirtu
Sfuttament fuq ix-Xogħol — Ġunju – Lulju p.6

Ġarar Vojta
Il-Kulturi għas-Servizz tal-Verità — Awwissu – Sett. p.6

Il-Familja Benniena tal-Vokazzjonijiet — Ottubru p.6

Nota Pastorali mill-Isqfijiet
Iż-Żwieġ, il-Familja u n-Nisrani Quddiem Ġesù — Novembru p.6

Pastorali tal-Isqfijiet – Avvent 2010 — Diċembru p.5


## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-GŻIRA GĦAWDXIJA
Angelo Xuereb


Marija Anna Ciantar (1890 – 1965) — Jannar p.42

Kapp. Dun Ġużepp Vella (1890 – 1955) — Frar p.42

Manwel Sultana (1907 – 1992) — Marzu p.42

Dun Ġużepp Mizzi (1896 – 1969) — April p.42

Dun Pawl Micallef (1) - (1897 - !956) Bijografija — Mejju p.40

Dun Pawl Micallef (2) Il-Bini tal-Oratorju — Ġunju – Lulju p.42

Marija Karolina Vella (1914 – 1999) — Awwissu –Sett. p.42

Dun Karm Attard SDB (1) (1911 – 2005) — Ottubru p.42

Dun Karm Attard SDB (2) — Novembru p.42

Dun Karm Attard SDB (3) — Diċembru p.42


## ŻIDIET SPEĊJALI


Kungress Ewkaristiku Djoċesan
F'Għeluq it-80 Anniversarju
*(Kap. Dun Nazju Borg)* — Jannar p.16

Tliet Xhieda ta' Żewġ Kungressi
*(Mikelangelo Saliba, Kan. Joseph Cordina, Joe u Lina Mizzi)* — Jannar p.19

Stqarrija Interdjoċesana: Kummissjoni Interdjocesana Ambjent dwar il-Proġett ta' Ħondoq ir-Rummien — Awwissu – Sett. p.15

Stqarrija tal-Kummissjoni Djoċesana Familja
Tiġdid fit-Tħejjija għaż-Żwieġ li Ssir fil-Parroċċi — Ottubru p.5

Żewġ Ċimiterji Ġodda f'Għawdex
*(ritratti : Richard Grech)* — Novembru p.2

Gawdi l-Milied f'Għawdex — Diċembru p.25


## DOKUMENTAZZJONI - fin-nofs kull xahar

## SUPPLIMENT BIL-KULUR - darbtejn fis-sena





A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
Our Lady of Victory Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Fejn se ssib daqshekk qari dwar Għawdex?
DAN L-INDIĊI HUWA PROVA ĊARA!
IL-ĦAJJA f'Għawdex
hija minjiera ta' artikli ta' tagħrif u tagħlim!
Titlifx aktar qari interessanti fl-2011
GĦAL EWRO FIX-XAHAR BISS!
Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek bil-posta
(għal 10 ħarġiet fis-sena) - €10
f'Jannar, Frar jew Marzu 2011.

# *Djamanti ta' Għawdex*

*Ritratti ta' Joseph W. Psaila*

## ERBA' MONUMENTI PARROKKJALI



San Ġwann Battista fix-Xewkija




Il-Papa San Girgor f'Kerċem



San Ġużepp fil-Qala



Id-Dehra lil Anġlu Grech f'Għajnsielem




www.apsbank.com.mt

100 years of community banking

APS bank

APS 100 1910 - 2010 YEARS OF COMMUNITY BANKING

For further information call our Customer Support Centre on 2122 6644 or visit any of our branches in Malta and Gozo.